**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta' Novembru, 2023

Rikors numru : 188/15 AL

**A B**

**vs.**

**C B**

**(M.R. Nru. 2089/2008 )**

**Il-Qorti**

Rar-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet is-segwenti:

> *1. Il-kontendenti żżewġu fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008). [Dok. 'A']*[2]

[1] Fol 1

[2] Ara l-att ta' żwieġ tal-paritjiet esebit a fol 8 tal-proċess

*2. Minn dan iż-żwieġ twieldet tifla, u cioè D, illi twieldet fil-ħdax (11) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012). [Dok. 'B'].*[3]

*3. Il-konvenut rrenda ruħu responsabbli, fil-konfront tal-attriċi ta', inter alia, adulterju, abbandun, eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi; inoltre, il-ħajja flimkien tal-kontendenti ma għadhiex aktar possibbli stante 'lli ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment għal raġunijiet unikament imputabbli lill-konvenut. Biss riċentement l-attriċi skopriet illi l-intimat, fuq ammissjoni tiegħu stess, fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009) ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli, inter alia, kellu fil-pussess tiegħu ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indiċenti ta' persuna taħt l-età.*

*4. Minkejja l-isforzi tal-attriċi matul dawn l-aħħar xhur, sabiex jintlaħaq ftehim mal-konvenut dwar il-firda personali ta' bejniethom, l-istess ftehim baqa' ma seħħx unikament sforz in-non-kuranza assoluta tal-konvenut kemm versu l-attriċi u kif ukoll versu ż-żwieġ ta' bejniethom. Ghaldaqstant kellha ssir din il-kawża.*

*5. Ai termini ta' digriet datat ħmistax (15) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) [in atti tal-ittra numru 552/15], din l-Onorabbli Qorti ddekretat xi materji pendente lite u awtorizzat lill-attriċi sabiex tipproċedi b'din il-kawża. [Dok. 'Ċ']*[4]

*6. L-istanti taf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u mogħtija dawk il-provvedimenti kollha neċessarji fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din l-Onorabbli Qorti m'għandiex:*

*1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ odjern, għal dawk ir-raġunijiet kollha ndikati fir-rikors odjern, jew liema minnhom, u 'lli abbażi tagħhom qiegħda tintalab il-firda personali bejn il-kontendenti;*

*2. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti stante r-raġunijiet indikati, jew liema minnhom;*

*3. tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut għandu jiġi kkunsidrat li kkaguna l-firda bejn il-kontendenti u tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenut id-dispożizzjonijiet tal-*

[3] Ara l-att ta' twelid ta' D B esebit a fol 9 tal-proċess
[4] Ara d-digriet datat 15 ta' Ġunju 2015 [in atti tal-ittra numru 552/15] a fol 10 tal-proċess

*Artikoli tmienja u erbgħin [48], wieħed u ħamsin [51], tnejn u ħamsin [52], u tlieta u ħamsin [53], tal-Kapitolu sittax [16] tal-Liġijiet ta' Malta;*

*4. tiddikjara u tiddeċiedi 'lli s-setgħat ta' ġenitur fir-rispett tal-minorenni D B għandhom jibqgħu vestiti esklussivament fl-attriċi ad esklużjoni tal-konvenut;*

*5. tiddikjara u tiddeċiedi 'lli l-attriċi għandha tiġi fdata esklussivament, ad esklużjoni tal-konvenut, bil-kura u l-kustodja tal-minorenni D B, u dan fl-interess suprem tal-istess minorenni; tiddikjara u tiddeċiedi ulterjorment 'lli l-minorenni D B għandha tibqa' tabita u tirrisjedi permanentement flimkien mal-attriċi.*

*6. tiddikjara u tiddeċiedi ukoll fl-interess suprem tal-istess minorenni 'lli l-konvenut ma huwiex idoneju sabiex jeżerċita drittijiet ta' aċċess mhux superviżjonat għall-minorenni D B; konsegwentement, occorrendo, tillimita l-eżerċizzju tal-istess drittijiet ta' aċċess b'dak il-mod u f'dawk iċ-ċirkostanzi 'lli din l-Onorabbli Qorti l-aktar jidrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-vertenza odjerna;*

*7. tiffissa retta alimentari dovuta lill-attriċi mill-konvenut verso l-ħtiġijiet tal-istess attriċi, u tordna lill-istess konvenut iħallas dik ir-retta alimentari skont dawk il-modalitajiet illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi, inkluż ordni għal żieda perjodika fl-istess retta alimentari versu ż-żieda fl-indiċi tal-inflazzjoni;*

*8. tiffissa retta alimentari dovuta lill-attriċi mill-konvenut versu l-ħtiġijiet tal- minorenni D B, u tordna lill-istess konvenut iħallas dik ir-retta alimentari skont dawk il-modalitajiet illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi, inkluż ordni għal żieda perjodika fl-istess retta alimentari versu ż-żieda fl-indiċi tal-inflazzjoni;*

*9. tordna lill-konvenut jikkontribwixxi versu l-ħtiġijiet edukattivi u mediċi u versu l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minorenni D B; tiffissa kontribuzzjoni finanzjarja dovuta lill-attriċi mill-konvenut versu l-ħtiġijiet edukattivi, mediċi u extra-kurrikulari tal-minorenni D B, u tordna lill-istess konvenut intimat iħallas dik il-kontribuzzjoni skont dawk il-modalitajiet illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi;*

*10. tordna 'lli kull benefiċċju statali perċepibbli fl-interess tal-minorenni D B jiġi hekk perċepit unikament mill-attriċi;*

*11. tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess tenut kont kemm l-attiv u kif ukoll il-passiv tal-istess komunjoni; tillikwida wkoll kull kreditu li l-attriċi għandha kemm versu l-komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll versu l-*

*konvenut; sussegwentement tiddividi l-bilanċ formanti l-istess komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi sabiex jeffettwaw kull likwidazzjoni neċessarja u jipproponu pjan ta' diviżjoni;*

*12. tassenja l-istess porzjonijiet, waħda lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut;*

*13. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut kien u għadu f'obbligu 'lli jħallas sehemu mill-passiv kollu gravanti l-komunjoni tal-akkwisti; tordnalu konsegwentement jirrifondi lill-attriċi kull ħlas 'lli ġie mwettaq mill-istess attriċi akkont tal-istess sehem tal-konvenut mill-passiv gravanti l-komunjoni tal-akkwisti, u dan minn dik id-data 'lli tista' tistabilixxi din l-Onorabbli Qorti;*

*14. tiddikjara u tiddeċiedi 'lli kwalunke kumpens u/jew flejjes 'lli jistgħu talvolta jkunu pagabbli lill-attriċi in konnessjoni mal-eżerċizzju f'kull żmien tal-impjieg jew xogħol tagħha, għandhom jiġu perċepiti unikament mill-attriċi, u dan minn dik id-data 'lli tista' tistabilixxi din l-Onorabbli Qorti;*

*15. takkorda lill-attriċi l-jedd li tibqa' tirrisjedi ġewwa l-fond matrimonjali li jġib l-indirizz 57, Flat 1, 'Arches Court', Triq B. Bontadini, Birkirkara, dan ad esklużjoni tal-konvenut; għal dan il-għan, tordna lill-istess konvenut sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jiżgombra effettivament l-imsemmi fond;*

*16. tikkundanna lill-konvenut, sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jikkonsenja lill-attriċi l-oġġetti kollha dotali u parafernali tagħha, inklużi flus u krediti oħra, u fin-nuqqas, tikkundanna lill-istess konvenut iħallas il-valur tal-istess, bl-opra, occorrendo, tal-periti nominandi sabiex jeffettwaw il-kalkoli meħtiega f'dan ir-rigward;*

*17. tordna li l-attriċi tiġi mogħtija l-piena amministrazzjoni tal-beni dotali u parafernali tagħha;*

*18. tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha u ċioè Bonnici;*

*19. tawtorizza lill-attriċi tirreġistra s-sentenza eventwali ta' din l-Onorabbli Qorti tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku.*

*BI-ispejjeż kontra l-konvenut ntimat li jinsab minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tad-dokumenti[5] u l-lista tax-xhieda[6] tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut[7] C B li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi mhuwiex minnu li ż-żwieg tkisser b'tort tiegħu, iż-żwieġ tkisser b'tortijiet imputabbli lil martu, u kienet hi li għazlet li tkisser iż-żwieġ u familja bl-aġir tagħha. Kif ser jirriżulta mill-provi hi qatt ma ħabbitu u l-aġir tagħha matul iż-żwieġ hu manifestazzjoni evidenti ta' dan.*

*2. Illi hija qed issostni fir-rikors tagħha illi hu għandu jkun ddikjarat responsabbli ta' abbandun liema kawżali għandha tiġi miċħuda stante li abbandun ai termini tal-liġi hu nuqqas ta' kuntatt għal sentejn meta dan mhux il-każ odjern u fil-fatt il-mara telqet lir-ragel.*

*3. Illi mhux minnu li hu qatt wera xi eċċessi moħqrija theddid jew offiżi gravi fil-konfront tagħha anzi l-aġir tagħha fiż-żwieġ juri li dawn kienet ħatja tagħhom hi versu żewġha kif ser jirriżulta mill-provi. Illi mhux minnu li hi skopriet biss reċentement dak allegat fil-paragrafu 3 tar-rikors tagħha, liema fatti ser jirriżultaw fil-mori tal-kawża.*

*4. Illi mhux minnu li ftehim bonarju ma ntlaħaqx b'xi tort tiegħu kif qed jiġi allegat fir-raba' paragrafu tar-rikors.*

*5. Rigward it-talbiet tagħha, dwar l-ewwel talba hu jeċċepixxi illi din għandha tiġi -miċħuda stante li ż-żwieg tkisser b'tort tar-rikorrenti u mhux tal-intimat.*

*6. Illi huwa jaqbel mat-tieni talba u ċjoè sabiex il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni legali tal-partijiet iżda b'tort tagħha u mhux tiegħu.*

*7. Illi huwa joġġezzjona għat-tielet talba, liema talba għandha bir-rispett kollu tiġi miċħuda u dak mitlub minnha għandu jiġi applikat fil-konfront tagħha u mhux tieghu.*

[5] Fol 5
[6] Fol 6
[7] Fol 91

*8. Illi huwa jopponi għar-raba' talba u dan peress li s-setgħet ta' ġenitur fil-konfront tal-minuri mgħandhomx ikunu vestiti f'idejn l-attriċi waħedha iżda f'idejn iż-żewġ partijiet.*

*9. Illi huwa jopponi għall-ħames talba stante li l-mara mgħandhiex tiġi akkordata l-kura u kustodja tal-minuri, din għandha tkun waħda konġunta, illi hu mgħandux oġġezzjoni f'dan l-istadju li t-tifla tgħix mal-omm u hu jkollu aċċess lejn il-minuri.*

*10. Illi hu jopponi għas-sitt talba tagħha u ċjoè biex l-aċċess tiegħu jkun wieħed superviżjonat jew b'xi mod limitat kif qed jintalab mill-mara.*

*11. Illi hu jopponi għas-seba' talba tal-attrici u ċjoè għall-manteniment għaliha personali u dan peress illi hi kapaċi taħdem u fil-fatt hija taħdem, fatt ammess minnha fir-rikors ppreżentat minnha stess fl-atti tal-kawża odjerna.*

*12. Illi hu ma jopponiex għat-tmien talba tagħha u cjoè li hu jħallas manteniment għat-tifla, fil-fatt ilu jgħaddilha manteniment mindu l-mara telqet mid-dar u l-mara għandha wkoll tikkontribwixxi għall-manteniment tal-minuri tal-partijiet.*

*13. Illi huwa ma jopponiex għad-disa' talba tagħha sabiex hu jħallas sehemu mill-ispejjeż tal-edukazzjoni u saħħa tal-minuri u attivitajiet extra kurrikulari li ser ikollha aktar 'il quddiem, b'dan illi l-mara għandha tħallas sehmha wkoll minn dawn l-ispejjeż, il-mara għandha tikkonsulta u taqbel mar-raġel dwar l-istess spejjeż stante li d-deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-minuri għandhom jittieħdu miż-żewġ ġenituri flimkien u dejjem fl-aħjar interess tal-minuri.*

*14. Illi huwa ma jopponiex għall-għaxar talba tagħha u ċjoè sabiex kull benefiċċju statali perċepibbli fl-interess tal-minuri jiġi pperċepiet mill-attriċi, liema fatt għandu jiġi meqjus fil-komputazzjoni ta' sehem il-mara mill-manteniment għat-tifla.*

*15. Illi huwa ma jopponiex għall-ħdax-il talba tagħha u ċjoè sabiex tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti u tiġi likwidata skont il-liġi.*

*16. Illi huwa ma jopponiex għat-tnax-il talba tagħha sabiex kull parti tiġi assenjata porzjon tal-komunjoni skont il-liġi.*

*17. Illi huwa jopponi għat-tlettax-il talba u għall-erbatax-il talba u fi kwalunkwe każ dak allegat irid jiġi spjegat u ippruvat.*

*18. Illi huwa jopponi għall-ħmistax-il talba tagħha u ċjoè fejn qed titlob li titħalla tgħix ġod-dar matrimonjali u dan peress illi fl-ewwel lok hija kissret iż-żwieġ u fit-tieni lok id-dar hi parafernali tar-raġel. Fil-fatt il-mara telqet mid-dar meta*

*iddeċidiet li ma tridx tibqa' iktar miżżewga biex tgħix il-ħajja tagħha fil-libertà assoluta.*

*19. Illi dwar is-sittax-il talba tagħha biex hi tieħu oġġetti parafernali tagħha u xi krediti, hi għandha tindika dawn xinhuma u liema huma, u l-istess eżerċizzju jsir min-naħa tiegħu.*

*20. Illi hu ma jopponiex għas-sbatax-il talba f'każ li jirriżulta li xi beni huma parafernali tagħha stante li mhux qed tindika xinhuma l-istess.*

*21. Illi huwa ma jopponiex għat-tmintax-il talba tagħha u l-anqas għad-dsatax-il talba tagħha.*

*BI-ispejjeż kontra l-istess attriċi li hi inġunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;[8]

Rat il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant[9] fejn ippremetta dan li ġej:

*1. Illi huwa iżżewweġ lil A B fil-25 ta' Ottubru 2008 fil-Paroċċa tal-Balluta San Giljan.*

*2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet għandhom tifla waħda biss, D B li twieldet fil-11 ta' Awwissu 2012, liema tifla bdiet tgħix mal-omm meta din qabdet u telqet mid-dar u ħaditha magħha fl-20 ta' Mejju 2015.*

*3. Illi filli t-tifla kienet torqod u tqum fid-dar u ċjoè taħt l-istess saqaf tal-missier (fis-sodda tal-partijiet) u filli l-missier qed jeżerċita biss aċċess versu bintu.*

*4. Illi huwa għandu aċċess b'digriet tal-Onorabbli Qorti, kull nhar ta' Tnejn u Erbgħa mill-4pm sas-7pm u alternattivament darba s-Sibt u darba l-Ħadd mill-10am sas-7pm.*

*5. Illi mindu telqet il-mara hu għaddielha pagamenti ta' manteniment permezz ta' cheques.*

*6. Illi l-mara għażlet li tkisser żwieg u familja bl-aġir tagħha konsistenti f'moħqrija, eċċessi, sevizzi adulterju u inġurji fil-konfront ta' żewġha*

[8] Fol 93
[9] Fol 93

*7. Illi huwa jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*8. Il-partijiet ġew awtorizzati biex jipproċedu fl-istanti permezz ta' digriet mill-Onorabbli Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja.*

*Tgħid għalhekk l-attriċi rikonvenzjonata, għaliex prevja kull dikjarazzjoni opportuna u moghtija dawk il-provvedimenti kollha neċessarji fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din l-Onorabbli Qorti mgħandhiex*

*1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan minħabba tortijiet imputabbli lill-attriċi konsistenti f'eċċessi, moħqrija, adulterju u inġurji fil-konfront ta' żewġha.*

*2. Tistabilixxi d-data meta l-istess attriċi tiġi kkunsidrata li kkaġunat it-tifrik taż-żwieġ u tapplika kontra tagħha d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, 52 u 53 tal-kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*3. Tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri D B bint il-partijiet tiġi fdata konguntivament f'idejn il-partijiet.*

*4. Takkorda aċċess lill-konvenut rikonvenzjonant liema access għandu jkun wieħed liberu u jinkludi sleepovers, u f'każ ta' nuqqas ta' ftehim ikun permezz ta' ġranet u ħinijiet stabbiliti, dejjem fl-interess tal-minuri.*

*5. Tistabilixxi l-manteniment pagabbli lill-mara għall-minuri tenendo conto l-introjtu tal-partijiet u l-bżonnijiet tal-istess minuri.*

*6. Tordna li l-mara tħallas nofs l-ispejjeż kollha tal-minuri inklużi dawk tal-edukazzjoni saħħa u attivitajiet extra kurrikulari sabiex dawn l-ispejjeż jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.*

*7. Tordna t-tmiem u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.*

*8. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti mhux neċessarjament f'porzjonijiet ugwali u jingħatha lura dak li r-raġel ta lil martu b'donazzjoni bil-ħsieb taż-żwieġ jew waqt iż-żwieġ jew b'xi titolu ieħor.*

*9. Tiddikjara li d-dar matrimonjali hi parafernali tar-raġel u li hu jiġi assenjat il-ġid parafernali tiegħu u l-krediti li għandu mill-komunjoni.*

*10. Taħtar jekk ikun hemm bżonn Nutar u tiffissa data lok u ħin sabiex jekk ikun hemm bżonn issir il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti kif likwidati u taħtar kuraturi deputati biex fil-kontumacja jew l-assenza tal-mara jidhru minflokha.*

*BI-ispejjeż kontra l-attriċi rikonvenzjonata li minn issa hi inġunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonat;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attriċi rikonvenzjonata[10] għall-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant, fejn eċċepiet hekk:

1. *Fl-ewwel lok, riferibbilment għall-ewwel talba tal-konvenut rikonvenzjonanti, I-attriċi rikonvenzjonata taqbel illi għandha tiġi pronunzjata I-firda personali bejn il-kontendenti iżda dan mhux għar-ragunijiet kif premessi minnu iżda ghal dawk premessi mill-istanti fir-rikors ġuramentat tagħha tal-11 ta' Awwissu 2013.*

*2. Fit-tieni lok, riferibbilment għat-tieni talba tal-konvenut rikonvenzjonanti, din għandha tiġi miċħuda stante 'lli I-addebiti ta' moħqrija, eċċessi, sevizzi, inġurji u adulterju huma biss finzjonijiet magħmula mill-konvenut rikonvenzjonanti u jikkostitwixxu fihom nfushom inġurja gravi fil-konfront tal-istanti; għalhekk ukoll ma jikkonkorrux I-estremi legali għall-applikazzjoni tad-disposti tal-Artikoli 48, 51, 52, u 53 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*3. Fit-tielet lok, riferibbilment għat-tielet talba tal-konvenut rikonvenzjonanti, din għandha wkoll tiġi miċħuda; għandha tkun I-attriċi rikonvenzjonata 'lli tiġi fdata bill-kura u kustodja esklussiva tal-minorenni D B.*

*4. Fir-raba' lok, riferibbilment għar-raba' talba tal-konvenut rikonvenzjonanti, din għandha wkoll tiġi miċħuda stante li I-konvenut rikonvenzjonanti ma huwiex idoneju sabiex jeżerċita drittijiet ta' aċċess mingħajr id-debita superviżjoni.*

---
[10] Fol 97

*5. Fil-ħames lok, riferibbilment għall-ħames u għas-sitt talbiet tal-konvenut rikonvenzjonanti, I-attriċi rikonvenzjonata taqbel mal-istess purche' dawn jiġu trattati u deċiżi minn din I-Onorabbli Qorti fid-dawl tat-tmien u d-disa' talbiet promossi mill-esponenti fir-rikors ġuramentat tagħha tal-11 ta' Awwissu 2013.*

*6. Fis-sitt lok, riferibbilment għas-seba' u t-tmien talbiet tal-konvenut rikonvenzjonanti, l-attriċi rikonvenzjonata taqbel illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti tiġi ddikjarata mitmuma, xjolta, likwidata u diviża, dan iżda fit-termini tat-talbiet promossi mill-istanti fir-rikors ġuramentat tagħha tal-11 ta' Awwissu 2013. Inoltre, speċifikament fir-rispett tat-tmien talba tal-konvenut rikonvenzjonanti, fejn din titratta r-radd lura ta' kull għotja b'donazzjoni, din għandha tiġi miċħuda stante 'lli qatt ma kien hemm ebda għotja simili.*

*7. Fis-seba' lok, riferibbilment għad-disa' talba tal-konvenut rikonvenzjonanti, l-attriċi rikonvenzjonata taqbel 'lli d-dar matrimonjali tikkostitwixxi ġid parafernali tal-konvenut rikonvenzjonanti; hija però żżomm ferm it-talbiet tagħha enumerati ħdax sa sbatax. Inoltre, speċifikament fir-rispett ta' fejn din it-talba titratta l-assenjazzjoni ta' ġid parafernali u krediti, din għandha tiġi miċħuda stante 'lli tali ġid jew krediti ma jeżistux.*

*8. Fit-tmien lok, riferibbilment għall-għaxar talba tal-konvenut rikonvenzjonanti, din għandha tiġi miċħuda stante li dak hemm mitlub ser jiġi ndirizzat fl-eventwali sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*Salv, okkorrendo, eċċezzjonijiet ulterjuri u salvi u fermi it-talbiet tal-attriċi rikonvenzjonata kif promossi fir-rikors ġuramentat tagħha tal-11 ta' Awwissu 2013.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut rikonvenzjonanti illi huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni, u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-attriċi rikonvenzjonata.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi rikonvenzjonata;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru elfejn u disgħa u tmenin tas-sena elfejn u tmienja (2089/2008);[11]

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri D B;[12]

[11] Dok A Fol 8

[12] Dok B a fol 9

Rat id-digriet *pendente lite* datat 15 ta' Ġunju, 2015, liema digriet ġie esebit mar-rikors ġuramentat tal-attriċi[13] u f'liema digriet il-Qorti għalqet il-medjazzjoni u awtorizzat lill-partijiet sabiex jipproċedu b'kawża fit-terminu legali;

Rat in-nota ġuramentata tal-attriċi[14];

Rat il-verbal tat- 23 ta' Frar, 2016[15], fejn il-Qorti ħatret lil Dr Abigail Critien, illum Maġistrat bħala Assistent Gudizzjarju biex tisma il-provi kollha f'din il-kawża;

Rat is-sentenza in parte Rikors Numru 188/15/2 AL fl-ismijiet: A B vs Kennth B, deċiża fis-26 ta' Ottubru, 2016, fejn il-Qorti ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-verbal tat-8 ta' Mejju 2018,[16] fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-partijiet sabiex tvarja d-digriet tat-23 ta' Frar 2016 fis-sens li l-ħatra tal-esponenti ma tkunx bħala Assistent Ġudizzjarju iżda bħala Perit Legali

Rat l-affidavit tal-attriċi[17];

Rat l-affidavit tal-konvenut[18];

Rat id-digriet datat it-18 ta' Frar 2019,[19] fejn il-Qorti tal-Appell Ċivili (Sede Superjuri) ordnat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra kif imiss id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta tas-27 ta' Lulju 2018 (Prot. No. 16.065) li ddikjarat null iż-żwieġ bejn il-partijiet, u dan skont ma jipprovdu l-Artikoli 23 u 24 tal-Att dwar iż-Żwieġ (Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat ix-xhieda kollha u l-kontro-eżamijiet, l-affidavits, id-dokumenti esebiti, id-digrieti, ir-rapporti tal-professjonisti u l-ħaddiema soċjali;

---

[13] Vide Dok C fol 10
[14] Fol 25
[15] Fol 113
[16] Fol 970
[17] Fol 30
[18] Fol 1151
[19] Esebit a fol 1090 tal-proċess

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi[20]

Rat ir-rapport tal-perit legali Dr Abigail Critien, illum Maġistrat[21];

Rat in-nota ulterjuri tal-attriċi;[22]

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunisdrat:

Il-Qorti tara idoneju li jiġi replikat dak kollu li ġie miġbur mill-Perit Legali fir-rapport tagħha, u ċioe` riassunt tal-verżjoni tal-partijiet, tal-provi kollha mressqa minnhom u kif ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-istess perit legali, u dan sabiex tiġi evitata ripetizzjoni inutili.

Il-Perit Legali Dr Abigail Critien, illum Maġistrat, fl-udjenza tat- 23 ta' Frar, 2016 kienet l-ewwel ġiet maħtura bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-provi kollha f'din il-kawża, iżda fl-udjenza tat-8 ta' Mejju 2018, il-Qorti laqgħet it-talba tal-partijiet sabiex tvarja d-digriet tat-23 ta' Frar 2016 fis-sens li l-ħatra tal-esponenti ma tkunx bħala Assistent Ġudizzjarju iżda bħala Perit Legali, u dan mid-data tal-imsemmi digriet;[23]

Illi in adempjenza tal-inkarigu mogħti lilha bħala assistent ġudizzjarju, żammet is-segwenti seduti:

1. Nhar il-15 ta' Lulju 2016;
2. Nhar l-4 ta' Ottubru 2016;
3. Nhar l-24 ta' Novembru 2016;
4. Nhar is-7 ta' Jannar 2017;
5. Nhar l-1 ta' Marzu 2017;
6. Nhar il-11 ta' Mejju 2017;
7. Nhar il-21 ta' Ġunju 2017;

[20] Fol 1281
[21] Fol 1334
[22] Fol 1400
[23] Ara l-verbal a fol 970 tal-proċess.

8. Nhar is-17 ta' Lulju 2017;
9. Nhar l-20 ta' Novembru 2017;
10. Nhar l-10 ta' Jannar 2018;
11. Nhar it-23 ta' Jannar 2018;
12. Nhar il-21 ta' Frar 2018;
13. Nhar it-28 ta' Marzu 2018;
14. Nhar is-16 ta' April 2018;

u in adempjenza tal-inkarigu mogħti lilha bħala Perit Legali, żammet is-segwenti seduti:

1. Nhar id-19 ta' Ġunju 2018;
2. Nhar is-26 ta' Ottubru 2018;
3. Nhar is-27 ta' Novembru 2018;
4. Nhar l-24 ta' Mejju 2019;
5. Nhar l-10 ta' Ġunju 2019;
6. Nhar is-27 ta' Novembru 2019;
7. Nhar il-25 ta' Settembru 2020;
8. Nhar it-2 ta' Ottubru 2020;
9. Nhar it-23 ta' Ottubru 2020;
10. Nhar l-10 ta' Diċembru 2020;
11. Nhar id-9 ta' Frar 2021;
12. Nhar it-22 ta' Marzu 2021;
13. Nhar l-14 ta' Marzu 2022;
14. Nhar il-11 ta' Mejju 2022;
15. Nhar id-19 ta' Lulju 2022.

Fir-rapport tagħha l-Perit Legali għamlet referenza għad-digriet li ngħataw *pendente lite* kif ġej:

*Illi is-segwenti kienu d-digrieti saljenti li tat din l-Onorabbli Qorti pendente lite:*

1. *Digriet datat il-15 ta' Ġunju 2015 fl-atti tal-medjazzjoni numru 552/15,*[24] *fejn din l-Onorabbli Qorti ordnat, inter alia, li pendente lite:*

    a. *l-awtorità ta' ġenitur fuq il-minuri tiġi eżerċitata konġuntivament miż-żewġ ġenituri flimkien, b'dan illi l-minuri tirrisjedi mal-omm b'aċċess favur il-missier kif ġej;*

    b. *li l-missier ikollu aċċess għall-minuri nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgħa mill-4:00 p.m. sas-7:00 p.m. u alternattivament darba s-Sibt u darba l-Ħadd mill-10:00 a.m. sas-7:00 p.m. bis-segwenti kondizzjonijiet:*

[24] Esebit a fol 10 tal-proċess

i. *l-aċċess ikun monitoried mill-Aġenzija Appoġġ a spejjeż tal-missier sabiex meta jkun il-waqt l-Aġenzija tirraporta lill-Qorti dwar l-andament tal-aċċess. Il-monitoring għandu jseħħ permezz ta' 'surprise visits';*

ii. *waqt l-aċċess tal-missier jistgħu ikunu preżenti membri tal-familja. Sakemm ma tingħatax ordni oħra ħadd mill-partijiet m'għandu jressaq lill-minuri fil-preżenza ta' terzi persuni li magħhom il-ġenitur ikollu jew ikollha relazzjoni;*

iii. *nofs il-ħin tal-aċċess ta' tmiem il-ġimgħa għandu jkun eżeċitat fil-preżenza tan-nanna paterna tal-minuri. Il-missier għandu javża lis-supervisor tal-Aġenzija bil-post fejn ser ikun jeżerċita l-aċċess u għandu jħalli l-mobile phone tiegħu kontinwament mixgħul matul l-aċċess sabiex ikun faċli għas-supervisor tagħmel kuntratt miegħu f'kull ħin.*

*2. Digriet datat it-28 ta' Ottubru 2015,*[25] *fejn din l-Onorabbli Qorti ordnat lill-intimat iħallas €200 kull erba' ġimgħat bħala manteniment għall-minuri, oltre nofs l-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni tagħha u nofs l-ispejjez tal-attivitajiet extra kurrikulari li jiġu maqbula bejn il-partijiet;*

*3. Digriet datat it-22 ta' Marzu 2016,*[26] *fejn din l-Onorabbli Qorti ordnat li xi ħadd mill-ġenituri tal-konvenut ikun dejjem preżenti waqt l-aċċess;*

*4. Digriet datat it-2 ta' Ġunju 2016,*[27] *fejn din l-Onorabbli Qorti ordnat is-segwenti:*

a. *li fil-bidu tal-aċċess, omm jew in-nanniet materni tal-minuri jwasslu lill-minuri quddiem ir-residenza tan-nanniet paterni l-Madliena u fi tmiem l-aċċess il-missier u l-ġenituri tiegħu jwasslu lill-minuri lura quddiem ir-residenza tan-nanniet materni l-Gżira;*

b. *li l-aċċess tal-minuri ma' missierha jibqa' kif inhu iżda jiżdied b'siegħa fis-Sajf minn meta tispiċċa sakemm terġa' tibda l-iskola, b'dan li l-aċċess ikun fit-8:00 p.m. flok sas-7:00 p.m. Waqt l-aċċess għandhom ikunu dejjem preżenti n-nanniet paterni u meta dawn ikunu indisposti, il-missier għandu javża l-*

[25] Ara a fol 89 tal-proċess
[26] Ara a fol 185 tal-proċess
[27] Ara a fol 159 tal-proċess

*Aġenzija Appoġġ mill-anqas ġimgħa qabel biex isiru arranġament biex l-aċċess ikun superviżjonat mill-istess Aġenzija;*

c. *li l-ġenituri jikkomunikaw bejniethom dwar il-minuri u jinfurmaw lil xulxin dwarha. L-omm għandha tagħti informazzjoni lill-missier dwar saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri, u l-ġenituri għandhom jieħdu dawn id-deċiżjonijiet fuq saħħa u edukazzjoni flimkien;*

d. *li l-missier għandu jattendi għal terapija psikoloġika għand xi ħadd tal-għażla tiegħu biex jgħinu jaċċetta s-sitwazzjoni li għaddha minnha;*

e. *li l-Aġenzija Appoġġ tibqa' ssegwi l-każ u tagħmel monitoring taż-żewġ ġenituri biex tgħin sakemm iż-żewġ ġenituri jiftehmu u jikkomunikaw għall-ġid tal-minuri mingħajr ħafna ġlied u piki.*

5. *Digriet datat is-17 ta' Awwissu 2016,*[28] *fejn din l-Onorabbli Qorti awtorizzat lill-attriċi sabiex f'każ biss li l-konvenut jirrifjuta li jiffirma l-formola meħtieġa, hi tiffirma waħedha kwalunkwe formola meħtieġa sabiex il-minorenni tkun tista' tiġi reġistrata fl-iskola St. Monica Birkirkara u kif ukoll kull formola jew rekwiżit xort' oħra marbut mal-progress tal-minorenni ġewwa l-imsemmija skola;*

6. *Digriet datat l-24 ta' Ottubru 2016,*[29] *fejn din l-Onorabbli Qorti idderiġiet lil-konvenut biex ifittex jieħu terapija psikoloġika a spejjeż tiegħu u dan mill-aktar fis possibbli;*

7. *Digriet datat is-27 ta' Ġunju 2017,*[30] *fejn din l-Onorabbli Qorti ordnat li l-konvenut jara lill-minuri taħt superviżjoni fl-Aġenzija Appoġġ, darbtejn fil-ġimgħa għal siegħa u nofs kull darba fil-ġranet u ħinijiet li tiddeċiedi l-Aġenzija Appoġġ;*

8. *Digriet datat id-9 ta' April 2018,*[31] *fejn din l-Onorabbli Qorti akkordat aċċess lin-nanna paterna għall-minuri darbtejn fix-xahar fl-Aġenzija Appoġġ;*

9. *Digriet datat il-11 ta' Mejju 2018,*[32] *fejn din l-Onorabbli Qorti ordnat li l-aċċess taħt superviżjoni jseħħ biss jekk il-missier imur għall-aċċess regolarment u mhux bl-iskossi;*

---

[28] Ara a fol 185 tal-proċess
[29] Ara a fol 661 tal-proċess
[30] Ara a fol 885 tal-proċess
[31] Ara a fol 967 tal-proċess.
[32] Ara a fol 995 tal-proċess

*10. Digriet datat it-22 ta' Mejju 2018,*[33] *fejn din l-Onorabbli Qorti ddikkjarat li l-aċċess tal-ġenituri paterni għandu jkun superviżjonat;*

*11. Digriet datat id-19 ta' Diċembru 2018,*[34] *fejn din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talbiet tal-attriċi sabiex tawtorizzaha tiffirma waħedha l-formola msemmija 'Applikazzjoni għall-programm ta' Katekeżi għat-tfal 2018/9', u kwalunkwe formola oħra li hija taf tintalab tiffirma għall-minuri D B u dan fejn din il-formola tkun tirrigwarda avvenimenti u/jew attivitajiet relatati mal-edukazzjoni, mas-saħħa u ma' attivitajiet extra kurrikulari oħra li tattendi l-istess minuri D B;*

*12. Digriet datat it-3 ta' Marzu 2019,*[35] *fejn din l-Onorabbli Qorti ordnat li l-aċċess iseħħ taħt is-superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ darbtejn fil-ġimgħa għal siegħa u nofs kull darba fil-ġranet u ħinijiet li tiffissa l-Aġenzija Appoġġ;*

*13. Digriet datat il-5 ta' Ġunju 2020,*[36] *fejn din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi sabiex tvarja d-digriet mogħti minnha nhar it-28 ta' Ottubru 2015 b'dan li ordnat li l-manteniment ikun €300 kull erba' ġimgħat, liema ammont jinkludi sehem l-intimat mill-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri;*

*14.Digriet tat-28 ta' Ġunju 2021*[37] *fejn din l-Onorabbli Qorti talbet lic-Child Protection Unit sabiex tevalwa dan il-każ u tirrakkomanda lill-Qorti jekk l-aċċess tal-missier u tan-nanniet paterni, jistax isir b'monitoring barra l-Aġenzija Appoġġ u laqgħet t-tieni talba tal-intimat billi ordnat li meta l-missier jitlef l-aċċess għall-minuri għal raġunijiet li mhux imputabbli lilu, jkun hemm replacement tas-sessjoni mitlufa. Irid jingħad li wara li l-imsemmija Child Proteciton Unit preżentat ir-rapport tagħha*[38] *inklużi r-rakkomandazzjonijiet tagħha lil din l-Onorabbli Qorti (fosthom li l-aċċess jibqa' superviżjonat iżda barra mill-bini tal-Aġenzija Appoġġ, li titqabbad forensic psychologist sabiex terġa' tevalwa l-ħsibijiet sesswali tal-missier u li l-aċċess tan-nanniet paterni jibqa' wieħed liberu. Permezz ta' Digriet tat-12 ta' Novembru 2021*[39] *din l-Onorabbli Qorti laqgħet ir-rakkomandazzjonijiet kollha tar-rapport u ordnat lill-partijiet sabiex josservawhom skrupolożament;*

*15. Digriet tal-1 ta' Diċembru 2021*[40] *fejn din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba attriċi li l-aċċess bejn il-minuri u l-missier ikun fl-istess ġranet tal-aċċess bejn il-minuri u n-nanniet paterni b'dan li l-missier ikollu siegħa waħdu mal-minuri kull darba u b'dan li ma jitnaqqasx*

[33] Ara a fol 999 tal-proċess
[34] Ara a fol 1027 tal-proċess
[35] Ara a fol 1049 tal-proċess
[36] Ara a fol 1204 tal-proċess
[37] Ara a fol 1204 tal-proċess
[38] Ara a fol 1207 tal-proċess
[39] Ara a fol 1234 tal-proċess
[40] Ara a fol 1244 tal-proċess

*il-ħin li l-missier għandu mal-minuri. Ġie ordnat li l-aċċess tal-minuri man-nanniet paterni jkun nhar ta' Tlieta u ta' Ħamis bejn l-4.00pm u l-5.00pm u aċċess tal-missier ikun fl-istess ġranet, b'dan li jkollu siegħa waħdu mal-minuri bejn is-6.00pm u s-7.00pm u jkollu aċċess ukoll fil-weekend is-Sibt bejn l-10.00am u nofsinhar, dejjem taħt superviżjoni u ġiet milqugħa r-4 talba tal-omm hekk kif dedotta fir-rikors datat it-18 ta' Novembru 2021 fejn talbet li jiġi maħtur forensic psychologist sabiex jevalwa u jirrelata daw il-qagħda preżenti tal-intimat. Għal dan il-għan ġiet maħtura u nominata Dr. Roberta Holland u ġie ordnat ukoll li l-aċċess tan-nanniet paterni jkun monitored u mhux taħt superviżjoni.*

Replika tar-rapport tal-perit legali:

1. ***<u>Ix-Xhieda tal-Attriċi</u>***

*Permezz tal-affidavit tagħha,[41] preżentat fis-16 ta' Settembru 2015, l-attriċi tibda billi tispjega l-bidu tar-relazzjoni tagħha mal-konvenut. Hija tistqarr illi xahar wara li bdew joħorġu flimkien, il-konvenut infurmaha li kellu tifel minn barra ż-żwieġ, liema fatt l-attriċi kienet aċċettat. Dwar dan it-tifel, huwa kien jgħidilha li ma kellux xewqa jarah jew jiltaqa' miegħu, u kellu kawża għaddeja sabiex iħallas il-manteniment. Il-konvenut kien qalilha li minħabba tali kawża, u bil-għan li omm ibnu ma tkunx taf kemm verament għandu flus, l-impjieg tiegħu mal-ETC ġie mniżżel biss bħala Storekeeper. Fir-realtà, però, huwa kien jiġġestixxi wkoll negozju fejn joffri servizzi ta' internet café ġewwa diversi stabbilimenti u hotels f'Malta. Apparti minn hekk, huwa kien jaħdem ukoll fin-negozju tal-familja tiegħu ġestit mill-kumpanija F.G.I. & C. B Limited (C2575), liema kumpanija timporta s-souvenirs bl-irħis għall-bejgħ ġewwa ħwienet f'Malta. Infatti, l-ewwel darba li ltaqgħu il-partijiet, il-konvenut kien qiegħed iħott ix-xogħol u jwasslu fil-ħwienet tas-souvenirs ġewwa l-Belt. L-attriċi tgħid ukoll li l-konvenut għandu wkoll garaxx bil-permess li minnu jiftaħ ħanut, iżda sa fejn taf hi dan il-ħanut għadu mhux miftuħ għan-nies.*

*Dwar l-akkużi kriminali kontra l-konvenut u l-eventwali sejba ta' ħtija, l-attriċi tistqarr li huwa kien qalilha dwar kawża li kellu dwar DVDs u CDs tal-mużika li kienu kkuppjati, f'liema kawża kienu involuti l-Pulizija. Il-konvenut kien ħallas biex ismu ma jidhirx fuq il-gazzetti u l-aħbarijiet, liema fatt l-attriċi kienet ratu stramb meta skont l-impressjoni li kellha sa dak iż-żmien, il-proċeduri kienu dwar mużika ikkupjata. Meta fl-2009 il-konvenut instab ħati u ġie ordnat mill-Qorti jmur għal sena trattament għand il-psikologa Roberta Holland, l-attriċi staqsiet lill-konvenut għala ġie mitlub jagħmel dan meta l-kawża kienet dwar DVDs u CDs tal-mużika. Kien f'April tas-sena 2015 li l-attriċi skopriet li l-kawża kienet ukoll dwar pornografija ta' tfal taħt l-età. L-attriċi tgħid li l-konvenut żamm dan mistur għax kien konxju li kieku saret taf il-verità, hija ma kinitx taċċetta li tiżżewġu. Hija żżid tgħid li qatt ma marret miegħu għand l-avukat jew il-Qorti, u li l-posta tal-Qorti qatt ma waslet id-dar fejn marru joqgħodu l-partijiet*

[41] Esebit a fol 30 tal-proċess

ġewwa Birkirkara. Illum hija tifhem li probabbilment tali posta kienet tasal għand omm il-konvenut, li kienet takkumpanjah għas-seduti l-Qorti, jew fl-indirizz tal-kumpannija tiegħu, bl-intiża li l-attriċi ma ssirx taf il-verità. Hija tħoss li kemm il-konvenut kif ukoll familtu daħqu biha.

Dwar il-flat ta' Birkirkara li marru joqgħodu fih il-partijiet, l-attriċi tgħid li tali fond kien tal-konvenut qabel ma żżewġu, iżda hi mlietu b'għamara mixtrija minnha. Qabel iż-żwieġ, l-attriċi kienet ħallset sabiex f'dan il-fond jagħmlu uffiċċju bil-computer, u anke rranġat is-salott u xtrat il-cupboard għalll-kamra tal-banju. Is-sufan kienu xtrawh il-partijiet nofs bin-nofs, u l-kċina u l-kamra tas-sodda xtrawhom il-ġenituri tal-attriċi. Wara ż-żwieġ, l-attriċi xtrat minn flusha, fost affarijiet oħra: xi pitturi moderni, affarijiet oħra għas-salott u l-kamra tal-pranzu, mejda għal wara l-bieb ta' barra, washing machine, u dwal għall-kmamar. Min-naħa l-oħra, bejniethom il-partijiet kienu xtraw: l-għamara tad-dinner room, il-kamra tas-sodda tat-tifla, il-Griglioso, il-freezer, il-pFlli fotovoltajċi, u kienu jħallsu għall-maintenance tal-flat. L-attriċi tgħid li l-irċevuti tas-sufan, tal-pFlli, tal-Griglioso, tal-freezer, tal-cupboard tal-kamra tal-banju u l-kamra tal-computer kienu ġo file fil-flat, iżda meta kienet fittxet dan il-file ma kienx irnexxielha ssibu. Illum hija tifhem li dan il-file probabbilment kien ħbieh l-konvenut, iżda tiftakar li b'kollox in-nefqa magħmula biex inxtraw l-affarijiet imsemmija kienet ta' €40,238.46.

Dwar iż-żwieġ tal-partijiet, l-attriċi tistqarr li huma bdew jaħsbu biex jiżżewġu wara li kienu ilhom madwar sentejn għarajjes. Eventwalment huma żżewġu fil-25 ta' Ottubru 2008, u t-tieġ kienu ħallsu għalih il-ġenituri tal-attriċi. Bejn l-2011 u l-2012, il-partijiet kienu xtraw minn fuq l-internet ċurkett tal-għerusija bil-Visa tal-attriċi, liema ċurkett kien jiswa madwar €2,000. L-attriċi tgħid li qabel ma telqet mid-dar, il-konvenut qalilha li dan iċ-ċurkett kien poġġih fis-safe tad-dar tal-ġenituri tiegħu. Skont l-attriċi, il-konvenut għamel dan minn wara darha, u minkejja li talbitu jrodd lura ċ-ċurkett jew nofs il-valur tiegħu, sal-preżentata tal-affidavit, hija ma kienet irċeviet xejn.

Dwar il-proċeduri rigward il-manteniment dovut għal iben il-konvenut, l-attriċi żżid tgħid li din il-kawża ġiet deċiża f'Ottubru tal-2009, u l-konvenut ġie mitlub iħallas lump sum payment ta' €49,127.48 lil E B, ossia omm it-tifel. Skont l-attriċi, din is-somma tħallset waqt iż-żwieġ.

Minbarra l-imsemmija kawża u l-proċeduri kriminali fil-konfront tal-konvenut, l-attriċi tispjega li problemi oħra li kien ikollhom fiż-żwieġ il-partijiet kienu jduru mal-kundizzjoni medika tal-minuri binthom D B. Din twieldet fil-11 ta' Awwissu 2012 bi cleft palate, u sal-preżentata tal-affidavit, meta l-minuri kellha tliet snin, hija kienet għadha ma titkellimx. Għaldaqstant, il-minuri ta' spiss ikollha tattendi appuntamenti fosthom ta' Speech Therapy, għand id-dentist, check ups l-E.N.T., għand it-tabib tal-għajnejn, u sessjonijiet ġewwa c-Child Development Assessment Unit (CDAU) fl-isptar St Luke's. L-attriċi tistqarr li l-konvenut u l-familja tiegħu minn dejjem sostnew li l-

*minuri ma kellha bżonn ebda kura, u l-konvenut ġieli qalilha biex tħassar dawn l-appuntamenti kollha. L-attriċi tgħid li hi dejjem irrifjutat li tagħmel dan u dejjem attendiet dawn l-appuntamenti, anke jekk kien ikollha tieħu l-leave. Dan mentri l-konvenut qatt ma mar magħha, u qatt ma staqsiha dwar dak li qalulha t-tobba fuq bintu. L-attriċi tispjega li tant il-konvenut kien kontra li t-tifla tmur l-ispeech therapy li darba minnhom huwa biddel il-ġurnata tal-appuntament minn wara dahar l-attriċi. Hija tgħid ukoll li bl-istess mod, il-konvenut ma jieħux pjeċir li l-attriċi tieħu lit-tifla għand it-tabiba meta din tkun ma tiflaħx.*

*Dwar l-ispejjeż relatati mal-minuri, l-attriċi tistqarr li meta tieħu lit-tifla għall-ispeech therapy privat kull ħmistax, hija tħallas €28. Hija tgħid li dawn il-flus dejjem hi ħallsithom, u li lil bintha kienet hi biss li dejjem xtratilha dak kollu li kellha bżonn, mentri l-konvenut qatt ma talabha jew offra li jħallas għat-tabiba u l-mediċina għat-tifla.*

*Dwar spejjeż oħrajn, l-attriċi tgħid li kontijiet tad-dawl, tal-ilma, u ta' meta ġieli kienu joħorġu jieklu barra kienu jinqasmu nofs bin-nofs. Madanakollu, l-ħlas għall-maid tal-komun u x-xiri tal-ikel u affarijiet oħra kienet tieħu ħsiebhom l-attriċi weħidha. Il-konvenut kien iħallas biss il-kont tal-Melita. Huwa kien isostni li m'għandux flus, tant li biex joħorġu jieħdu kafè kienu jmorru għand ommu. Dan minkejja li skont l-attriċi, flus għan-negozju tiegħu, għall-garaxx u għad-delizzju tal-karozzi dejjem kellu.*

*Dwar it-tkissir tar-relazzjoni ta' bejn il-partijiet, l-attriċi tgħid li l-affarijiet bdew jiskalaw minn Jannar tal-2014, meta l-konvenut beda jaqla' aktar ġlied. L-attriċi tgħid li kien jiġġieled fuq kollox, inkluż fuq l-ikel tat-tifla u fuq il-fatt li l-ġenituri tal-attriċi kienu jieħdu ħsieb lit-tifla meta l-partijiet ikunu xogħol. L-affarijiet komplew sejrin għall-agħar fl-2015. Il-konvenut kien isaqsi lill-attriċi meta hi u t-tifla se jitilqu mill-flat, u mill-istess flat keċċa wkoll lill-ġenituri tal-attriċi. Huwa qata' wkoll il-linja tat-telefown biex l-attriċi ma tkunx tista' ċċempel lil ommha u missierha. Dan minbarra li kien jigdeb fuq l-attriċi ma' sħabha, li qalilhom li kienet issawtu, u anke mal-kappillan ta' Birkirkara. Il-konvenut kien ikkuntatja wkoll lill-Human Resources Manager tal-attriċi u sostna li l-kollegi tagħha kienu qed jaqilgħu il-problemi bejn il-partijiet. Finalment meta f'April tal-2015 saret taf li l-proċeduri kontra l-konvenut kienu dwar pornografija tat-tfal, l-attriċi ddeċidiet li titlaq mal-minuri mid-dar u li tibda l-proċeduri għas-separazzjoni. Huma telqu għal kollox mill-flat ta' Birkirkara fl-20 ta' Mejju 2015, u sal-preżentata tal-affidavit kienu qegħdin jgħixu kuntenti mal-ġenituri tal-attriċi ġewwa l-Gżira.*

*Dwar il-karattru tal-konvenut, l-attriċi tiddeskrivih bħala persuna għajjur, ingrat, u li jrid kollox kif jgħid hu. Huwa ma kienx jgħin fil-faċendi tad-dar, u lill-attriċi kien jitlobha ttih il-paga tagħha biex jirranġa biha hu. Kien jgħajjat quddiem it-tifla u jbeżżagħha, u kien jgħid lill-attriċi li a kuntrarju ta' omm ibnu, hija ma kinitx tajba fis-sodda. L-attriċi tgħid li l-karattru tal-konvenut ġieli dejjaq lill-familja tiegħu stess, tant li meta darba fl-2014 il-konvenut iġġieled ma' ħuh fid-dar tal-ġenituri tagħhom,*

*missieru keċċih u għajjru miġnun għax kien dejjem moħħu biex jiġġieled ma' kulħadd. Minħabba dan il-karattru, kif ukoll minħabba l-ammissjoni dwar il-pornografija tal-minuri, l-attriċi tgħid li tibża' tħalli lil bintha mal-konvenut.*
*Dwar l-aċċess monitored li kien qiegħed jeżerċita l-attur kif ordnat mill-Qorti, l-attriċi tgħid li l-konvenut qiegħed jipprova jidher ħelu mal-Aġenzija Appoġġ u l-ħin kollu jixtri affarijiet għat-tifla D. Dan mentri matul iż-żwieġ tal-partijiet, il-konvenut ma kellux interess fit-tifla, tant li filwaqt li kien iwassalha n-nursery biex jidher ħelu quddiem in-nies, wara kien jitlob lill-attriċi l-flus għall-petrol li kien ikun uża. L-attriċi żżid tgħid li t-tifla ma tkunx trid titlaq kif tara lil missierha, u tiġi lura d-dar bil-ġuħ. Il-konvenut jaqla' wkoll problemi, saħansitra quddiem is-supervisor tal-Appoġġ, meta l-attriċi ma tkunx tista' tiġbor lit-tifla filgħaxija u minflok tibgħat lill-ġenituri tagħha. Minħabba l-inaffidabbiltà tal-konvenut, minħabba l-proċeduri dwar pornografija tat-tfal, u minħabba li l-minuri ma titkellimx, l-attriċi tixtieq li l-aċċess ikun superviżjonat il-ħin kollu, u dan sabiex D dejjem tkun protetta.*

*Dwar l-introjtu tal-konvenut, l-attriċi ssostni li huwa qatt ma ried jgħidilha kemm jaqla' jew kemm kellu flus il-bank, u għalhekk hija ma tafx kemm għandu introjtu.*

*Dwar ċekk tal-Income Tax tas-sena 2012 li ħareġ fl-20 ta' Lulju 2015, l-attriċi tgħid li għalkemm dan ħareġ fuq isem il-konvenut, dan iċ-ċekk ta' €802 ikoprihom it-tnejn, u minn tali somma hija trid tieħu €556.*

*Fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2017,[42] l-attriċi tixhed dwar ir-refunds tat-taxxa li skont ix-xhieda tar- rappreżentant tad-dipartiment tat-taxxi interni John Micallef ħarġu fuq il-konvenut. Hija tgħid li qatt ma ħadet xejn minn tali ammonti għax il-konvenut dejjem qalilha li ma kellhom jieħdu xejn lura.*

*Dwar it-tobba kollha li jaraw lill-minuri, hija tgħid li isimhom jirriżulta minn Dok. XA1.[43] Hija ssostni li t-tifla ma titkellimx, u li toħodha għall-ispeech therapy, occupational therapy, iċ-Child Development Assessment Unit (CDAU), psychologist, u physiotherapy għal saqajha għax għandha mobility issues. Hija terġa' ssostni li l-konvenut qatt ma mar għand l-ebda wieħed minn dawn il-professjonisti, anzi kien jgħidilha tħassar l-appuntamenti għax skontu t-tifla m'għandha xejn. L-attriċi żżid tgħid li t-tifla hija autistic.*

*Dwar il-mobbli li hemm fid-dar, hija tesebixxi Dok. XA2[44] fejn hemm elenku ta' tali mobbli, kemm dawk li nxtraw qabel iż-żwieġ kif ukoll dawk li nxtraw wara. Hija tindika li l-mobbli immarkati b'salib fuq l-imsemmi dokument inxtraw minnha fl-intier tagħhom qabel iż-żwieġ. Hija tgħid li m'għandix invoice għal uħud mill-mobbli elenkati peress li l-file li kellha ħadu l-konvenut u ma jridx iroddulha lura, minkejja li talbitu jagħmel dan. Hija tgħid li bejn il-partijiet ma kien hemm ebda separazzjoni tal-assi, u li d-dar matrimonjali hija parafernali tal-konvenut.*

---

[42] Ara a fol 813 tal-proċess.
[43] Esebit a fol 830 tal-proċess.
[44] Esebit a fol 832 tal-proċess.

*Madanakollu, hi ssostni li għandha kreditu fuq il-mobbli peress li dawk li nxtraw qabel iż-żwieġ minnha huma parafernali tagħha, u dawk li nxtraw waqt iż-żwieġ ukoll ħallsithom hi, ad eċċezzjoni tal-kamra tas-sodda tat-tifla, is-sufan, u d-dining room li l-partijiet xtrawhom flimkien. Sad-data tas-seduta, tali mobbli kienu għadhom, sa fejn taf hi, fid-dar matrimonjali, u jitgawdew mill-konvenut, mill-partner tiegħu, u t-tifel tagħha.*

*Dwar l-introjtu tal-konvenut, hija tesebixxi Dok. XA3*[45] *li juri l-internet cafés tal-konvenut u n-numru tat-telephone li kellu qabel. Hija tirrileva li għalkemm il-konvenut isostni li dan ix-xogħol jagħmlu fuq bażi part-time, mill-ħinijiet imniżżla jidher li dan hu full-time. Barra minn hekk, fiż-żmien tas-seduta, il-konvenut kellu ħanut f'San Ġiljan li kien mikri lil terzi, ossia lil Belair Properties. L-attriċi ma tafx xi jdaħħal il-konvenut tal-kirja fuq dan il-ħanut.*

*Dwar il-vettura tal-marka Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni BBT 502, hija tgħid li l-konvenut kien biegħha għall-prezz ta' €10,500. Skont l-attriċi, din il-vettura nxtrat u nbiegħet fiż-żwieġ, u minnha hija ma ħaditx one cent.*

*Fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2020,*[46] *l-attriċi tixhed in kontro-eżami u żiedet tgħid, dwar in-negozju tal-internet cafés, li l-intimat kien imur fil-lukandi u fil-bars u kien iġib il-flus id-dar. Dawk il-flus kien joħodhom għall-internet cafés, u għalihom qatt ma kellu flus. L-attriċi tgħid li n-negozju kien tal-konvenut, għax hu kien jidher u jmur fil-lukandi. Hija ma kellhiex amment ta' kemm kien iġib flus miegħu, għax dawn kien jgħoddhom waħdu ġol-uffiċċju bil-bieb magħluq, u lilha qatt ma qalilha xejn dwar kemm kien iġib flus jew kemm kellu paga.*

*Dwar il-proċeduri kriminali kontra l-intimat, hija ssostni li ftit qabel iż-żwieġ, kien qalilha li għandu kawża fuq mużika li dwarha kien qiegħed jibża'. Li l-kawża kienet ukoll dwar pornografija tat-tfal saret taf f'April 2015. Dan saret tafu meta darba lill-konvenut semgħetu jgħid Alla ħares tkun taf fuq dik il-kawża li kellu. L-għada l-attriċi tkellmet ma' persuna, li isimha l-attriċi ma riditx tiżvela, li qaltilha tfittex fuq is-sit tal-Qorti. Meta għamlet hekk, l-attriċi qrat is-sentenza u saret taf dwar il-pornografija tat-tfal. Fuq parir tal-avukata tagħha, dak iż-żmien ma kinitx ikkonfrontatu lill-konvenut. Hija tikkonferma li dak diġà kienet qiegħda tmur għand avukat dak iż-żmien. Hija tikkonferma li ratha stramba li fuq mużika kellu jmur treatment għand Roberta Holland, u għalkemm kienet issaqsieh hu qatt ma kien jgħidilha xejn. Huwa qatt ma qalilha li sejjer it-trattament, u għalkemm saqsietu kemm-il darba dwar meta sejjer jew meta kien mar, huwa dejjem kien jgħidilha li ma jafx. L-attriċi terġa' ssostni li qatt ma marret miegħu għand l-avukat, u li lanqas biss kienet taf min kien l-avukat li kellu dak iż-żmien.*

---

[45] Esebit a fol 858 tal-proċess.

[46] Ara a fol 1158 et seq tal-proċess.

*Dwar il-wild li kellu l-konvenut qabel iż-żwieġ, l-attriċi tixhed li l-konvenut ma riedx jara lit-tifel aktar, li ma riedx ikollu kuntatt miegħu, u li l-familja ta' omm it-tifel kienet perikoluża ħafna. Dan kien qalulha l-konvenut stess. Hija ssostni li ma kinitx involuta fis-settlement li laħaq il-konvenut m'omm it-tifel, iżda fuq il-laptop tagħha kellha ritratt taċ-cheque li l-konvenut ħallas lil omm it-tifell. Hija tgħid li dan ir-ritratt mhux hi ħaditu, u li għalkemm hi kienet tużah il-laptop, ma kinitx taf kif ir-ritratt kien spiċċa hemm. L-attriċi ssostni li s-sitwazzjoni li l-konvenut kellu ma' omm it-tifel ma kinitx iddejjaqha, għax hu la kellu, u lanqas ried ikollu, kuntatt magħha u mat-tifel. Hija tgħid li qatt ma daħlet bejniethom. Hija nnegat li kienet poġġiet kundizzjonijet fuqu u fuq il-familja tiegħu li ma jistgħux jaraw lit-tifel, u tispjega kif il-konvenut kien jgħidilha li ommu kienet tara lit-tifel minn wara daharu.*

*Dwar ir-relazzjoni bejn D u l-konvenut, l-attriċi terġa' ssostni li dan tal-aħħar ma kellux interess fil-minuri u ma kienx jattendi għall-appuntament. Qatt ma kien isaqsiha kif inhi t-tifla, u qatt ma saqsiha x'kellha u x'ma kellhiex. Hija tgħid ukoll li ma kienx preżenti fil-ħajja tat-tifla, għax dejjem kien ikun għax-xogħol sa tard bil-lejl. L-attriċi tiċħad li ma kinitx tħallih jieħu ħsieb lit-tifla meta kien ikun id-dar, u tiċħad ukoll li l-ġenituri tagħha qatt indaħlu fid-deċiżjonijiet li kienet tieħu rigward it-tifla. Dwar l-inċident li jsemmi l-konvenut fl-affidavit tiegħu, l-attriċi tgħid li ma kienx veru li t-tifla qatgħet subgħajha barra, iżda kienet weġġgħet biss difrejha. Huma kienu marru biha l-policlinic tal-Mosta. Hija tiċħad ukoll li l-ewwel lejl wara ż-żwieġ kienet ċemplet lil ommha, u li waqt l-operazzjoni tat-tifla nhar is-Sibt 23 ta' Marzu 2013 hija kienet xogħol (hekk kif is-Sibt hi ma taħdimx).*

*Fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2020,*[47] *l-attriċi kompliet tixhed in kontro-eżami. Dwar ir-rigali tat-tieġ, l-attriċi tispjega li dak iż-żmien, il-konvenut kien għaddej bil-kawża m'omm it-tifel u peress li kienet għaddejja ix-xhieda tagħha, kienu qegħdin ifittxu fil-kontijiet tiegħu. Il-konvenut għalhekk qal lill-attriċi sabiex il-flus tat-tieġ toħodhom u żżommhom hi fil-kont tagħha. Dan għalhekk kienet għamlitu bil-kunsens tal-konvenut. Hija tixhed li ma tafx għal kemm kienu jammontaw dawn il-flejjes. Meta ġie lilha ssuġġerit li ġimgħa jew xahar qabel ma telqet mid-dar, kienet ġibdet is-somma ta' kważi ħamsin elf ewro (€50,000), hija tgħid li l-flus kienu tagħha u l-kont kien tagħha. Tali kont kienet titfa l-paga fih u kien jeżisti minn meta kienet żgħira. Dwar l-atteġġjament tal-konvenut, hi tgħid li meta kienet tgħidlu biex joħorġu, kien jagħmel minn kollox biex jaqbad ġlieda biex ma joħorġux. L-attriċi ssostni wkoll li l-konvenut kien jgħir għaliha għax in-nies kienu jħobbuha ħafna, u filwaqt li hi kellha l-ħbieb, il-konvenut ma kellux. Meta mistoqsija min kien jieħu deċiżjonijiet rigward it-tifla li ma jikkonċernawx l-appuntamenti mediċi tagħha, l-attriċi tixhed li dawn kienet toħodhom hi, għax il-konvenut qatt ma ta kas il-minuri.*

[47] Ara a fol 1169 et seq tal-proċess.

## 2. ***Ix-Xhieda tal-Konvenut***

*Permezz tal-affidavit tiegħu,*[48] *preżentat fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2020, il-konvenut jiddeskrivi lilu nnifsu bħala bniedem li familtu tqisu bħala leali, responsabbli, u li lest jgħati l-għajnuna fejn hemm bżonn. Huwa jgħid li trabba f'familja normali fejn kienu erba' aħwa, u t-trobbija tiegħu kienet waħda normali.*

*Dwar it-tifel li kellu qabel ma żżewweġ lill-attriċi, il-konvenut jispjega li fl-1999, huwa kien iltaqa' ma ċertu E Ann B u wara ftit bdew relazzjoni. Din ir-relazzjoni spiċċat fl-2002, ftit tax-xhur wara li E nqabdet tqila. Eventwalment twieled tifel bl-isem ta' G. Il-konvenut jgħid li din ir-relazzjoni kellha riperkussjonijiet kbar f'ħajjtu mal-attriċi. Mill-2002 sal-2006 kellu stress qawwi minħabba problemi fir-relazzjoni. Lit-tifel qatt ma rah u kien jinsab fi proċeduri ċivili quddiem il-Qorti tal-Familja.*

*Dwar il-proċeduri kriminal kontrih, il-konvenut jispjega li kien proprju f'dawn l-imsemmija snin li beda jbiegħ kopji tal-films. Fl-2006 kien għamel reklam fuq Maltapark u l-Pulizija saru jaf b'dak li kien qiegħed jagħmel. Dawn għamlu raid fid-dar ta' ommu u ġabru l-materjal kollu li kellu fil-pussess tiegħu, inkluż xi 20 hard drives li kienu ta' klijenti ta' ħuh H B. Dan kien tahom lill-konvenut biex jinqalgħu il-kalamiti 'Neudymium Magnet'. Huwa jgħid li dak iż-żmien ma kellux idea x'kien fihom dawn il-hard drives għax kien għadu lanqas misshom. Irriżulta madanakollu li fuq waħda minn dawn il-hard drives kien hemm xi numru ta' filmati ta' child pornography. Il-konvenut jiftakar li kienu għajtulu mid-Depot tal-Pulizija u mingħajr ma tant kellu żmien jaħseb fuqha, huwa ħa r-responsabbilità tal-akkużi. L-avukat tiegħu kien qallu li l-aħjar għażla kienet li jammetti t-tort għax b'hekk kien jevita sentenza aktar kiefra. Kien għalhekk li huwa ammetta. Huwa jqis din l-ammissjoni bħala żball kbir għax dak iż-żmien probabbilment ra sal-ponta ta' imnieħru u sabiex joħroġ mill-problema f'qasir żmien ħa dak li hu jsejjaħ 'the easy way out'. Huwa jgħid li l-attriċi eventwalment użat din l-istorja biex tiffabbrika gideb sfaċċat fuqu bl-għan li ċċaħħdu minn bintu.*

*Dwar il-bidu tar-relazzjoni tiegħu mal-attriċi, il-konvenut jgħid li hu iltaqa' magħha virtwalment f'Settembru tal-2006 fuq chatroom elettronika (MIRC). Kienet riedet li jiltaqgħu l-għada li tkellmu MIRC, u kienet qaltlu li missierha kien jaf lill-familja tal-konvenut. Il-konvenut jgħid li dak iż-żmien missier l-attriċi kemm-il darba irrimarka li l-familja tal-konvenut kienet finanzjarjament soda u kien iħeġġeġ lil bintu tibda relazzjoni miegħu. Il-konvenut jgħid li lill-attriċi kien jafdaha, u wara ġimgħa rrakkontalha l-problemi li kien għaddej minnhom, fosthom il-wild li kellu kif ukoll l-inċident tal-hard drive. Huwa jistqarr li l-aktar li urtat lill-attriċi kienet il-problema tal-wild. Hija qaltlu li ma kinitx se tgħid lill-ġenituri tagħha dwar dan. Għalhekk il-konvenut jgħid li ma kienx minnu li l-attriċi saret taf bl-akkużi kontra tiegħu wara ż-żwieġ, u li huwa dejjem kien trasparenti ħafna magħha u ma' familtha. Huwa jgħid li*

[48] Esebit a fol 1151 tal-proċess.

*bdew joħorġu flimkien u s'Ottubru ta' 2008, l-affarijiet kienu mixjin sew, tant li fl-2008 l-attriċi proponietlu li jiżżewġu. Huwa ħass li kien hemm żvolta f'ħajtu u aċċetta.*

*Dwar l-appartament, il-konvenut jgħid li fl-għerusija, huwa diġà kellu l-appartament li kienu għaddewlu l-ġenituri tiegħu, u kien diġà għalqu bit-tiles, bathrooms u aperturi. Imbagħad, flimkien mal-attriċi, kienu arredawh biex meta jiżżewġu jkollhom post fejn jgħixu. Hu jagħmilha ċara li dejjem ħallas hu għal kollox, minkejja li dak iż-żmien l-attriċi kienet taħddem.*

*Dwar il-bidla fl-attriċi, huwa jgħid li tali bidla seħħet immedjatament wara li żżewġu. Filwaqt li qabel iż-żwieġ, l-attriċi kienet tidher kuntenta li ser tiżżewweġ, mal-ewwel lejl wara ż-żwieġ, l-attriċi bdiet tibki għax riedet lill-ġenituri tagħha. Anke meta waslu fl-entrata tal-blokka tal-appartament li kellhom suppost jgħixu fih, l-attriċi bdiet tibki u tmaqdar kollox fl-appartament. Din issorprendiet lill-konvenut, speċjalment għax kienu għamlu kollox flimkien u d-deċiżjonijiet dwar il-finishings kienu ħaduhom flimkien. L-għada tat-tieġ l-attriċi riedet tmur lura għand ommha u missierha.*

*Dwar il-finanzi tal-partijiet, il-konvenut jgħid li l-attriċi riedet bilfors tiddepożita l-ammont ta' €24,000 li ġabru mir-rigali tat-tieġ fil-kont personali tagħha, u biex ma jaqlax ġlied, il-konvenut ma opponiex. Huwa jgħid ukoll li l-attriċi riditu bħala cash ATM, għax dejjem riedet li l-ispejjeż kollha jitħallsu minnu mentri hija żżomm il-paga tagħha għaliha. Iżid jgħid li waqt iż-żwieġ, l-attriċi għamlet qliegħ sostanzjali minn bejgħ ta' investimenti varji u imgħax. Isostni wkoll li użat il-flus mir-rigali tat-tieġ biex tixtri xi investimenti. Meta l-attriċi telqet mid-dar, hija żammet kollox, inkluż il-flus li suppost kienu taż-żewġ partijiet. Il-konvenut jistma li l-flejjes spettanti lilu kienu ta' madwar €20,000.*

*Fl-affidavit tiegħu, il-konvenut ikompli jispjega li wara dawn l-avvenimenti xejn pjaċevoli, iddeċieda li jieħu lill-attriċi għand l-avukat Dr Chris Cardona, li kien qiegħed jirrappreżentah fil-proċeduri kriminali. L-avukat serrħilhom rashom li kellu konferma ta' sentenza minima mingħand dak iż-żmien l-Ispettur Angelo Gafà. L-attriċi insistiet li jitkellmu dwar x'setgħu jagħmlu biex iben il-konvenut jiġi mċaħħad minn kollox u jitneħħa mill-wirt tiegħu. L-avukat spjegalhom li dan ma kienx possibbli u l-attriċi ma kinitx kuntenta. Hija talbet lill-konvenut isib soluzzjoni biex G ma jkun jista' jieħu sehemu qatt. Wara din il-pressjoni u l-kritika kontinwa li kien jaffaċja d-dar, il-konvenut jgħid li l-ewwel pass li għamel kien li jasal għas-somma ta' manteniment ma' E F B, liema somma għenuhom iħallsuha l-ġenituri tiegħu. Madanakollu, il-konvenut jgħid li l-attriċi ħasbet li tpoġġi regola li l-konvenut u l-ġenituri tiegħu ma jistgħu ikollhom ebda kuntatt ma' iben il-konvenut, għax jekk isir dan kien se jkollhom problemi kbar biex jaraw l-ulied li jiġu miż-żwieġ tal-partijiet. Il-konvenut jgħid li dan il-ftehim ġie iffirmat fil-5 ta' Novembru 2009. It-tieni pass li ħa l-konvenut kien li qabel ma l-attriċi tinqabad tqila, kellu jagħmel testment datat it-12 ta' Mejju 2011 fil-preżenza tal-attriċi fejn jiċħad lit-tifel minn kull dritt ta' sehem, u jinnomina lill-attriċi*

*bħala l-uniku eredi tiegħu. Wara li seħħ dan kollu kif xtaqet l-attriċi, il-konvenut jgħid li fl-aħħar setgħu ikollhom familja.*

*Dwar l-ewwel sena taż-żwieġ tagħhom, il-konvenut jgħid li l-attriċi kienet dominanti ħafna. Riedet tikkontrolla kollox u lil kull min daħal fl-appartament. Huwa jgħid li ma kinitx tieħu pjeċir bil-ġenituri tiegħu fid-dar tagħhom. F'dan iż-żmien ukoll, il-konvenut ġie assenjat il-psikologa Dr Roberta Holland mill-Qorti Kriminali fuq il-każ li kellu, u jgħid li din kienet ta' għajnuna kbira. Magħha kellu 13-il sessjoni bejn it-12 ta' Novembru 2009 u s-27 ta' Diċembru 2010. Hawn il-konvenut ħa l-opportunità jitkellem dwar martu u l-problemi li kellhom f'din l-ewwel sena żwieġ.*

*Dwar il-problemi li komplew jinqalgħu fiż-żwieġ, il-konvenut jgħid li dawn eskalaw mhux meta l-attriċi inqabdet tqila. Huwa jgħid li kien tal-idea li kellha tieqaf mix-xogħol minħabba li l-ambjent li kienet taħdem fih, ossia l-inċineratur tal-Wasteserv, ma kienx addattat għal mara tqila. Hekk jew b'hekk, il-konvenut jgħid li xorta hu kien qiegħed iħallas kollox u hi ma kinitx qiegħda tikkontribwixxi xejn finanzjarjament mill-paga tagħha. Madanakollu, l-attriċi baqgħet taħdem sal-aħħar ġurnata. Il-konvenut jispjega li l-minuri D twieldet fl-10 ta' Awwissu 2012 b'mod prematur u b'kundizzjoni ta' cleft palate. Il-konvenut jgħid li kienet omm l-attriċi li qaltlu li l-isem tat-tarbija kien se jkun D, u minkejja li kien ixxukkjat ħabba f'hekk, huwa ma qalax polemiċi minħabba ċ-ċirkostanzi li kienu għaddejjin minnhom, hekk kif it-tifla kellha bżonn attenzjoni immeddjata u ddaħħlet CDAU. Hija damet hemm għall-ewwel ġimgħatejn ta' ħajjitha, u l-konvenut isostni li kien preżenti kuljum u dejjem kien ikun hemm għall-attriċi. Wara t-twelid tat-tifla, l-attriċi riedet b'saħħa tibqa' taħdem, u saħansitra fit-23 ta' Marzu 2013, dakinar li t-tifla saritilha l-ikbar operazzjoni, l-attriċi marret għax-xogħol waqt li l-konovenut qagħad mat-tifla. Meta l-partijiet marru d-dar bit-tifla, il-konvenut jgħid li kien hemm indħil kontinwu mill-ġenituri tal-attriċi, u kull deċiżjoni dwar it-tifla kienu ħaduha huma. Dawn kienu jkunu d-dar tal-partijiet il-ħin kollu, u saħansitra kien hemm żmien fejn l-attriċi tathom iċ-ċavetta tad-dar. Kull filgħodu l-konvenut kien isibhom ma' wiċċu, bl-iskuża li kienu qed joqgħodu mat-tifla. Il-konvenut jirrakkonta episodju fejn binthom kienet qatgħet subgħaja ma' fann, u filwaqt li l-konvenut ried jieħu lit-tifla l-isptar, l-attriċi riedet l-ewwel il-parir ta' ommha u missierha.*

*Dwar l-eventwali tifrik taż-żwieġ tagħhom, il-konvenut jgħid li fl-2015 l-attriċi għamlitha ċara li riedet is-separazzjoni. Il-konvenut jistqarr li għamel minn kollox biex jagħmel paċi magħha u daħħal lil kull min ħaseb li seta' jgħinhom fis-sitwazzjoni, inkluż ħabib tax-xogħol tal-attriċi u l-kappillan. Iżda l-isforzi tiegħu kienu sfaw fix-xejn u l-attriċi telqet mid-dar bit-tifla għal għand il-ġenituri tagħha fl-20 ta' Marzu 2015. Huwa jgħid li minn hemm beda l-infern għall-kuntatt ma' bintu.*

*Dwar l-aċċess, il-konvenut isostni li kellha tkun il-Qorti li tirregola lil martu u ttih aċċess taħt monitoraġġ. Huwa kellu jistenna madwar xahar biex ikollu l-ewwel kuntatt ma bintu, eżattament fid-29 ta' Ġunju 2015. F'Diċembru tal-2015, l-Aġenzija Appoġġ preżentat l-ewwel nota sabiex il-monitoring fuqu jispiċċa. Fit-30 ta' Jannar 2016, il-*

*konvenut jirrakkonta problema li seħħet filgħodu meta mar għat-tifla fejn il-bieb tad-dar fejn kienet qiegħda toqgħod. L-attriċi rrabjat u għajtet mal-konvenut għax riedet li t-tifla tinġabar mit-tarf tat-triq u li l-konvenut ma jersaqx lejn il-bieb tad-dar tagħhom. Il-konvenut irrispondiha li jekk trid hekk, hi ukoll għandha tiġbor lit-tifla mit-tarf tat-triq minn dakinhar filgħaxija stess. Il-konvenut informa lill-Appoġġ dwar dak li ġara, li batu lis-supervisor tal-każ Aaron Tabone, li minħabba dan l-inċident qagħad mal-konvenut għall-hand over ta' filgħaxija. Meta l-attriċi marret għat-tifla u l-konvenut wasal ħdejha, l-attriċi qabdet tiġbed lit-tifla minn idejn il-konvenut, u dlonk ħarġu mill-karozza l-ġenituri tal-attriċi. Aaron Tabone ordna li l-handing over isir fit-tarf tat-triq. L-attriċi bdiet tgħajjat fit-triq li l-ewwel li kienet se tagħmel it-Tnejn ta' wara kien li tagħmel rapport. Meta wasal it-Tnejn, l-attriċi intavolat rikors datat l-1 ta' Frar 2016 fejn allegat li kienet sabet il-flokk ta' taħt tal-minuri maqlub fuq it-top. Il-konvenut ikompli jgħid li b'digriet il-Qorti kienet provdiet li l-aċċess tiegħu jibqa' kif inhu iżda jrid ikun hemm dejjem preżenti ommu u missieru, u li jekk ma jkunux disposti, l-konvenut kellu jinforma l-Appoġġ minn ġimgħa qabel sabiex jibgħattu social worker. Il-konvenut jgħid li minkejja li sar kollox sew, l-attriċi baqgħet issostni li mhux qiegħed isir hekk, tigdeb u tqajjem id-dubji. Fis-17 ta' Ġunju 2017, l-attriċi ressqet rikors b'urġenza tallega li fit-3 ta' Marzu 2016 u f'Ġunju 2017, il-konvenut kien neżża lill-minuri, u li bdiet tibża' li seta' ħa vantaġġ minnha. Il-konvenut jgħid li dawn l-allegazzjonijiet u inferenzi kienu tefawh f'dipressjoni kbira u mlewh b'rabja lejn l-attriċi u lejn is-sistema ġudizzjarja. Huwa jistqarr li qatt m'għaddielu minn moħħu jerfa' subgħajh fuq it-tifla, aħseb u ara jieħu vantaġġ minnha. Il-konvenut huwa tal-fehma li l-Qorti għamlet żball meta fid-digriet tagħha tas-27 ta' Ġunju 2017 laqgħet it-talba attriċi li huwa jibda jara lil bintu taħt superviżjoni fl-Aġenzija Appoġġ darbtejn fil-ġimgħa. Din lill-konvenut kienet kissritu, hekk kif ma setgħax jemmen kif fuq gidba, jew aħjar allegazzjoni mhux provata, kien spiċċa bħal kriminal jara lil bintu l-Appoġġ.*

*Dwar is-sitwazzjoni fiż-żmien tal-preżentata tal-affidavit, il-konvenut jgħid li għadu jara lil bintu taħt superviżjoni fl-Aġenzija Appoġġ, u l-attriċi kienet għadha tagħmillu xkiel biex tnaqqaslu ħinu mat-tifla. Huwa jgħid li kien hemm diversi istanzi fejn minħabba l-attriċi tilef sessjonijiet ta' aċċess, u dan mingħajr ma ingħata sessjonijiet li jissostitwixxu dawk mitlufa. Huwa jikkonkludi billi jgħid li huwa missier responsabbli li jħobb lil bintu u li jixtieq li jkollu l-opportunità ta' ħajja normali ma' bintu mingħajr xkiel u allegazzjonijiet foloz. Huwa jżid jgħid li kif dejjem qalu s-social workers, psikologi u kull professjonist indipendenti, huwa m'għandu l-ebda tendenzi li jistgħu ipoġġu lit-tifla f'perikolu. Huwa qatt ma kien ħa vantaġġ minn ħadd. L-għan tal-attriċi kien dejjem li jkollha kontroll assolut fuq it-tifla.*

*Fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2017,*[49] *l-intimat jixhed in subizzjoni li fiż-żmien tas-seduta, kien f'relazzjoni ma' I J, u li kien ilu magħha mill-2015. Ilhom jgħixu flimkien minn Awwissu tal-2015. Hi għandha tifel li mhuwiex iben il-konvenut, liema tifel fiż-żmien tas-seduta kellu sena u 5 xhur. Iżid jgħid li huwa involut f'internet café fuq bażi part-*

[49] Ara a fol 739 et seq tal-proċess

*time, iżda n-negozju huwa ta' ħuh H B. Dan in-negozju jinvolvi forniment ta' servizz t'internet. L-involviment tal-konvenut hu li jassisti lill-klijenti u jiġbor xi flus. Huwa ġieli għamel ukoll xi tiswijiet żgħar. Il-konvenut jgħid li ħuh ma jtihx flus: dan ix-xogħol huwa jagħmlu bħala delizzju u biex jgħin lil ħuh. Huwa jgħid ukoll li fuq ordni tal-Qorti, kien attenda 8 sessjonijiet għand Malcolm Tortell, liema sessjonijiet sa' fejn jaf hu kienu spiċċaw. Malcolm Tortell ma kien tah ebda rapport bil-miktub. Dwar il-vetturi li kellu, il-konvenut jgħid li għandu vettura waħda tal-marka Mazda 323, liema vettura kienet ġiet bi tpartit ma' vettura oħra li kellu qabel iż-żwieġ tal-istess marka (Mazda 323) u tal-istess annu. Sa fejn jaf hu, kien żied biss madwar €400. Għalhekk huwa jgħid li l-vettura li kellu fiż-żmien tas-seduta ġiet akkwistata fiż-żwieġ.*

*Fis-seduta tal-10 ta' Diċembru 2020,*[50] *l-intimat jixhed in kontro-eżami, u dwar l-investimenti tal-attriċi li jsemmi fl-affidavit tiegħu, huwa jikkjarifika li dawn kienu investimenti ta' Malta Government Stocks li l-attriċi kienet tieħu imgħax fuqhom ta' madwar €1000 kull sitt xhur. Dawn il-Malta Government Stocks inbiegħu u kien hemm qliegħ ta' kważi erbgħin fil-mija fuqhom. Iżid jgħid li dawn l-investimenti kienu ta' madwar €100,00 qabel telqet mid-dar, u li l-attriċi kienet xtrathom erba' jew ħames xhur wara ż-żwieġ. Dwar l-imsemmija somma ta' madwar €20,000, huwa jgħid li dan kien ir-riżultat wara d-differenza ta' bejn il-partijiet. Dan l-ammont wasal għalih billi ġabar ir-rigali tat-tieġ (€24,000) investiti f'dawn l-investiment, l-imgħaxijiet li kienet tieħu l-attriċi u l-pagi li minnhom qatt ma nefqet sold, u minnhom naqqas l-għamara li telqet. Meta mistoqsi jekk kellux il-benefiċċju ta' dokumenti quddiemu jew jekk kienx qed jaħdem mill-memorja, huwa wieġeb li qatt ma ra d-dokumenti għax dawn kienu għand l-ex mara tiegħu. Lanqas ma ra l-irċevuti tal-għamara mehmużin mal-affidavit tal-attriċi. Meta mitlub jivverifika jekk kienx minnu li kien hu li qal lill-attriċi titfa l-flus mir-rigali tat-tieġ f'isimha minħabba l-kwistjoni dwar il-manteniment ta' G li kellu dak iż-żmien, il-konvenut jgħid li dak iż-żmien il-proċeduri kienu magħluqin u ma kellux raġuni għala jagħmel hekk. Jgħid li l-attriċi ma riditx tiftaħ kont joint u ma riditux jitfaħhom fil-kont tiegħu, allura kellu jitfaħhom fil-kont tal-attriċi. Fost dawn il-flus kien hemm cheque ta' €12,000 mingħand missieru. Ftit wara, madanakollu, il-konvenut jgħid li l-kwistjoni tal-manteniment għal G kienet għadha miftuħa dak iż-żmien.*

*Dwar il-proċeduri kriminali kontrih, huwa jgħid li l-attriċi kienet żgur marret darba miegħu għand Dr Chris Cardona. Kienet marret miegħu wara li ammetta l-akkuża, u qabel ma ammetta qatt ma kienet marret miegħu. Madanakollu, d-dar kienu jitkellmu fuq il-każ, u kienet waħda mis-suġġerimenti tal-attriċi li jammetti. Huwa jinnega li meta kien jiddiskuti l-każ mal-attriċi, dejjem kien jgħidilha li l-kawża kienet tirrigwarda CDs tal-mużika. Iwieġeb jgħid li kopji ta' CDs tal-mużika qatt ma biegħ, iżda kien ibiegħ films fuq l-internet. Il-konvenut ċert li meta kien jiddiskuti l-każ, lill-attriċi kien jgħidilha li l-kawża għandha x'taqsam mal-mużika, mal-films, u anke mal-filmati pornografiċi tat-tfal. Huwa jikkonferma li dawk il-filmati ma kinux tiegħu. Kien ammetta għax kien l-unika mezz li kellu biex ikun jista' jibni ħajtu, għax skont l-avukat*

[50] Ara a fol 1173 et seq tal-proċess

*tiegħu ta' dak iż-żmien, la l-Pulizija sabuh fil-pussess tagħhom, kien irrelevanti jekk kinux tiegħu jew le.*

*Dwar it-twelid tat-tifla, hu jikkoreġi dak li nkiteb fl-affidavit tiegħu u jgħid li D ma kinitx twieldet b'mod prematur iżda kienet eżatt mal-calendar date. Ġie suġġerit lill-konvenut li l-wild ma kinitx ittieħdet is-CDAU kif hemm miktub fl-affidavit, iżda l-MPICU. Meta mistoqsi dwar l-MPICU, ix-xhud jgħid li ma jafx x'inhu u li qatt ma sema' bih, u li t-tifla kienet ittieħdet l-ITU tat-tfal. Meta mistoqsi jekk jafx li l-minuri ila pazjenta tal-MPICU minn meta hu u l-attriċi ma kinux miġġildin, huwa jixhed li huwa kien imċaħħad milli jkun involut f'dawn il-kliem tekniċi tal-isptar. Huwa jispjega iżda li fl-ewwel gimgħatejn, meta t-tifla kienet l-isptar, huwa dejjem kien preżenti. Jiftakar li in-nurses riedu jgħallmuhom kif jieħdu ħsieb il-feeding speċjali tat-tifla permezz ta' bottle speċjali. Huma kienu għamlu s-sessjonijiet kollha. Huwa jgħid li dan il-feeding kien ġie f'idu għax l-attriċi kienet tibża' tagħmel affarijiet li mhux* normali.

*Dwar l-appuntamenti tal-minuri, il-konvenut ġie mistoqsi jekk kienx hemm appuntamenti regolari l-MPICU, u wieġeb li kien ikun hemm appuntamenti iżda ma kinux ikunu regolari. Huwa jgħid li l-ewwel sena kien jattendi għall-appuntamenti iżda wara din is-sena, l-attriċi bdiet tivvinta l-affarijiet biex ma jkunx jista' jattendi. Kienet tgħidlu li ma kellux għalfejn imur għax sejrin ommha u missierha. Huwa jgħid li għas-sessjonijiet importanti dejjem mar. Skont il-konvenut, is-sessjonijiet importanti kienu dawk ta' mal-professuri, u seta' jsib recordings li ħa bil-moħbi ta' professur waqt laqgħa li kellu magħhom.*

*Il-konvenut kompla jixhed in kontro-eżami fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2021,*[51] *u dwar il-proċeduri relatati ma' ibnu G, jispjega li kellu sfortunatament jitlef l-aċċess għat-tifel minħabba impediment da parti tal-attriċi. Iżid jgħid li dawn il-proċeduri spiċċaw bi ftehim li kienet involuta fih l-attriċi. Huwa jikkonferma li dan il-ftehim qatt ma ffirmatu l-mara tiegħu. Jispjega li l-ftehim sar ma' omm it-tifel, E, iżda minħabba li kien miżżewweġ, E bdiet tfittex lit-tnejn. Il-konvenut jixhed li l-kuntratt kien jgħid li l-manteniment kien ħa jkun ta' somma waħda u li l-aċċess kien ħa jkun miftiehem bejn il-partijiet. Iżid jgħid li l-avukati ta' dak iż-żmien kienu spjegawlu li l-aċċess kellu jkun imniżżel fil-kuntratt inkella l-Qorti ma kinitx se taċċettah.*

*Dwar il-proċeduri kriminali kontrih, huwa jżid jgħid li ma jaħsibx li kellu ċ-ċans isemmi lil ħuh H B mal-Pulizija għax kien diġà ammetta. Huwa jfiehem li hu kien iltaqa' mal-attriċi fl-aħħar tas-sajf tal-2006, u l-kwistjoni tal-hard drives inqalgħet għal xil-2004. Il-konvenut jikkonferma li għalkemm l-intimat qal lill-attriċi b'din il-kwistjoni, hi xorta għażlet li tiżżewġu.*

[51] Ara a fol 1183 et seq tal-proċess.

*Dwar kif missier l-attriċi kien jaf lill-familja tiegħu, il-konvenut jispjega li missierha kellu ħanut tal-grocer, u kien hemm żmien madwar 50 sena ilu fejn missier il-konvenut u l-familja tiegħu kienu jgħixu viċin tali ħanut u jixtru mingħandu.*

*Dwar l-ispejjeż, il-konvenut jixhed li matul il-ħajja ta' kuljum, kollox hu kien iħallas. Anke meta twieldet it-tifla, hu kien xtara t-trab u l-ħalib neċessarju. Kien iħallas ukoll għall-mobile tal-attriċi, fost affarijiet oħra.*

*Dwar l-introjtu tiegħu, huwa jgħid li dejjem kien baxx, u jista' jkun li dak iż-żmien kien jaqla' aktar flus minn kemm kien jaqla' fiż-żmien tas-seduta, għax kien se jispiċċa bla xogħol. Fiż-żmien tas-seduta huwa kien jaħdem fil-kumpanija ta' missieru u ħutu bħala storekeeper, skrivan, u xogħlijiet oħra. Din il-kumpanija kienet qiegħda taħseb biex tagħlaq minħabba l-pandemija. Meta reġa ġie mistoqsi jekk kienx żied jew le fil-paga, l-konvenut jgħid li għall-ewwel forsi kien żied iżda fiż-żmien tas-seduta kien qiegħed jieħu s-sussidju mingħand il-Gvern. Jikkonferma li żied ftit skont l-għoli tal-ħajja. Dwar kemm kellu net pay qabel ma bdiet il-pandemija, huwa jgħid li kien se jsaqsi lill-accountant.*

*Dwar l-esklużjoni ta' ibnu mill-wirt tiegħu, il-konvenut jispjega li l-attriċi ġiegħlitu jċempel lin-nutar tal-familja tagħhom biex il-wild ikun imħassar mill-wirt tiegħu. Huwa deher ma' martu quddiem in-Nutar Joe Abela li nfurmaħ li l-unika soluzzjoni kienet li l-konvenut iħalli kollox lill-attriċi u l-attriċi tħalli kollox lill-konvenut. In-nutar ried jagħmel klawsola li jekk jiġri li l-attriċi tiret lill-konvenut, hi kien ser ikollha tagħmel inventarju. Fin-nuqqas, ibnu kien ikun jista' jieħu sehemu wara mewtha. Il-konvenut jgħid li dan it-tip ta' kuntratt kien fil-fatt sar.*

*Dwar il-ftehim datat il-5 ta' Novembru 2009 imsemmi fil-paragrafu numru 18 tal-affidavit tiegħu,*[52] *huwa jispjega li meta jgħid 'aħna ffirmajna dan il-ftehim fil-05/11/2009', huwa qiegħed jirreferi għal E, omm ibnu, u mhux għall-attriċi.*

*Dwar il-ġenituri tal-attriċi, il-konvenut jixhed li huma ma ridux jifhmu li l-familja tiegħu kienet magħmula minn martu u bintu u mhux minnhom. Matul iż-żwieġ, l-attriċi kienet tuża l-mobile għal ħin twil biex titkellem m'ommha fuq kollox.*

*Dwar it-tmiem tar-relazzjoni tagħhom, il-konvenut jgħid li fis-sena qabel ma telqet mid-dar, hu kien tkellem ma' kull tip ta' persuna li kien jaf biex javviċinawha ftit. Kien saħansitra kellem lill-kappillan tal-parroċċa tagħhom, li bagħat lill-attriċi għand psikjatra biex forsi tasal li ż-żwieġ kien tagħhom it-tnejn u mhux tal-ġenituri tagħha. Il-konvenut isemmi wkoll testijiet ta' psikjatra li ddikjarat li l-attriċi ma kinitx biżżejjed matura biex tkun miżżewġa u biex tibni familja. Huwa jgħid li infatti, il-ġenituri kienu marru magħhom għall-ewwel safra tat-tifla. Il-konvenut iżid jgħid li l-attriċi kienet theddu fuq it-tmiem taż-żwieġ rigward ibnu, għax hu l-iktar li kien idejjaqha. Skontu l-*

[52] Ara a fol 1153 tal-proċess.

*agħar theddida kienet għamlithielu fl-ewwel ftit xhur ta' tqala, meta l-attriċi qaltlu li xtaqet li kien mejjet.*

*Dwar l-aċċess, b'referenza għall-paragrafu numru 32 tal-affidavit tiegħu,*[53] *kien mitlub jispjega li kien it-tort tal-attriċi li hu tilef sessjonijet tal-aċċess għax dan l-aċċess kellu jsir l-Aġenzija Appoġġ, kien isir it-Tnejn u l-Erbgħa, u meta kien jaħbat ma' festa, l-Aġenzija ma kinitx tkun tista' toffrilu l-aċċess għax kienet tkun magħluqa. Huwa jgħid li l-attriċi ddeċidiet li ma kienx hemm bżonn ta' replacement għal dawn il-festi. Jispjega wkoll kif meta l-aċċess ikun jaħbat ma' festa, huwa kien imur erbat ijiem qabel għand il-Pulizija biex javżaw lill-attriċi li l-aċċess kellu jsir, iżda fuq it-telephone mal-Pulizija hija kienet tinnega li l-aċċess ma kienx ser isir. Il-konvenut jikkonferma wkoll li sar rikors biex l-aċċess tiegħu isir on a public holiday, u saż-żmien tas-seduta kien għadu jistenna.*

3. **Xhieda Oħrajn**

*Illi preċedentement għall-ħatra tal-esponenti, ġew preżentati s-segwenti affidavits:-*

*1. Affidavit ta'* **Carmen Bonnici**,[54] *omm l-attriċi, fejn tiddeskrivi lil bintha bħala persuna serja li dejjem urietha rispett u li qatt ma tatha problemi. Hija tgħid li l-attriċi taħdem ħafna kemm għaliha kif ukoll għal D, u li hija maħbuba, rispettata u onesta. Hija tikkonferma li l-konvenut ma kienx qal lill-attriċi l-verità dwar il-proċeduri kriminali kontrih, ossia li l-Pulizija kienu sabulu pornografija tat-tfal. Tgħid ukoll li l-problemi bejn il-partijiet bdew jiżdiedu mat-twelid ta' D. Il-konvenut beda jaqla' l-ġlied ħabba li ma kienx jogħġbu l-fatt li l-minuri tista' tiekol biss ikel likwidu. Dan il-fatt huwa kien iqisu bħala tort tal-attriċi u l-ġenituri tagħha. Hija tikkonferma li l-konvenut igorr meta l-attriċi flimkien mal-ġenituri tagħha jieħdu l-minuri għall-appuntamenti mediċi, u li kien saħansitra jgħid lill-attriċi tikkanċella tali appuntamenti. Fl-2014, il-konvenut kien qal lill-ġenituri tal-attriċi li ma kellux pjeċir bihom, u kien keċċihom kemm-il darba mid-dar tiegħu. Il-konvenut darba kien qalilha wkoll li lil bintha kien se jġibha kif jixtieq hu. Hija tikkonferma li l-konvenut kien għajjur u li kien ta' kuljum isaqsi lill-attriċi dwar meta kien beħsiebha titlaq mill-flat tiegħu.*

*2. Affidavit ta'* **Savior Bonnici**,[55] *missier l-attriċi, fejn jiddeskrivi lil bintu bħala tifla kwieta u tal-affari tagħha, li ġġib lil bintha D l-ewwel u qabel kollox. Huwa jikkonferma li lill-partijiet kienu ħallsulhom it-tieġ, il-kċina u l-kamra tas-sodda. Ta' dan il-konvenut qatt ma rringrazzjahom. Huwa jgħid li l-inkwiet bejn il-partijiet beda fl-aħħar tliet snin taż-żwieġ, fejn il-konvenut kien jiġġieled mal-attriċi ta' kuljum. Huwa kien iqum fis-6:30 ta' filgħodu biex jibda jiġġieled, meta l-attriċi tkun ħierġa għax-xogħol. F'dan l-imsemmi żmien il-missier jgħid li lil*

[53] Ara a fol 1156 tal-proċess.
[54] Esebit a fol 37 tal-proċess
[55] Esebit a fol 39 tal-proċess

*bintu raha differenti ħafna, imdejjqa u anke mbikkma, u meta l-attriċi u l-minuri marru jgħixu magħhom, fihom ra bidla għall-aħjar. Huwa jikkonferma li l-konvenut keċċa lilu u lil martu mill-flat tiegħu, li l-konvenut ma kienx jattendi għall-appuntamenti tal-minuri, u li huwa kien daħaq bihom dwar il-proċeduri kriminali kontrih. Huwa jżid jgħid li meta kienu joħorġu jieklu fil-Milied u fl-anniversarju, il-konvenut qatt ma kien joħroġ flus. Il-konvenut kien ukoll jgħid kontra l-attriċi minn wara daharha meta l-ġenituri tagħha kienu jmorru għandhom sabiex joqogħdu mat-tifla. Darba l-konvenut kien qal ukoll li ż-żwieġ tal-partijiet idum erba' snin biss, u minn dan il-missier induna li l-konvenut kien diġà qiegħed jaħseb biex jitlaq lill-attriċi. Il-konvenut kien qallu wkoll li l-attriċi għandha raġel ieħor, u fl-aħħar kien anke qallu li dak ir-raġel kien hu, missierha stess.*

*Illi fil-mori tal-kawża, saru numru ta' seduti quddiem l-esponenti fejn tressqu s-segwenti provi f'din l-ordni:-*

1. ***Rappreżentant ta' Mediterranean Bank*** *(Karen Thin) li tiddikjara li ma sabet xejn fuq il-partijiet.*

2. ***Rappreżentant ta' Lombard Bank*** *(Jeanette Lepre) li tiddikjara li ma sabet xejn fuq il-partijiet.*

3. ***Rappreżentant ta' APS Bank Limited*** *(David Galea) li jiddikjara li ma sab xejn fuq il-partijiet.*

4. ***Rappreżentant ta' Rizzo Farrugia & Co Stock Brokers*** *(Vincent Rizzo) li jirriżultalu li l-partijiet flimkien għandhom 3 investimenti fuq MSE Account 980478 (Dok. VR1)[56], filwaqt li l-attriċi f'isimha waħedha għandha żewġ investimenti f'MSE account 9719997 (Dok. VR2)[57] u l-konvenut f'ismu waħdu għandu fuq MSE Account 540463 investiment wieħed (Dok. VR3).[58] Peress li dawn l-investimenti kollha huma f'isem il-partijiet, dawn jaqgħu taħt il-kontroll tal-istess partijiet u mhux taħt il-kontroll tal-kumpanija Rizzo Farrugia & Co Stock Brokers. Il-partijiet m'għandhom ebda assi taħt il-kontroll ta' tali kumpanija. Il-market value huwa l-valur tal-investiment fid-data indikata fid-dokumenti msemmija, liema dokumenti jinkludu t-transaction record mill-25 t'Ottubru 2008 'il quddiem.*

5. ***Rappreżentant ta' Banif Bank*** *(Darren Mascena) li jiddikjara li ma sab xejn fuq il-partijiet.*

[56] Esebit a fol 192 tal-proċess.
[57] Esebit a fol 195 tal-proċess.
[58] Esebit a fol 198 tal-proċess.

6. ***Rappreżentant ta' HSBC Bank Malta plc*** *(Audrey Ghigo) li sabet tliet savings accounts f'isem l-attriċi (Dok. AG1,[59] Dok. AG2,[60] u Dok. AG3[61]), current account f'isem l-attriċi (Dok. AG4[62]), Malta Government Bond Fund f'isem l-attriċi (Dok. AG5[63]), żewġ credit cards f'isem l-attriċi (Dok. AG6[64] u Dok. AG7[65]), żewġ current accounts f'isem il-konvenut (Dok. AG8[66] u AG. 9[67]), u savings account f'isem il-konvenut (Dok. AG10[68]). Hija tixhed li hemm ukoll credit card f'isem l-intimat li ma setgħetx tesebixxi statement tagħha peress nfetħet fit-13 ta' Ġunju 2016 u kien għadu ma ħariġx statement.*

7. ***Rappreżentant tal-Malta Stock Exchange plc*** *(A Critien) li sabet investimenti f'isem l-attriċi (Dok. SC1[69]), investimenti f'isem il-konvenut (Dok. SC2[70]), u investimenti f'isimhom it-tnejn (Dok. SC3[71]).*

8. ***Rappreżentant ta' Bank of Valletta Plc*** *(Johanna Bartolo) li tiddikjara li ma sabet xejn dwar il-partijiet, la f'isimhom personalment u lanqas b'mod konġuntiv.*

9. ***Rappreżentant tar-Reġistratur tal-kumpaniji*** *(Dr Amanda Poole) li tikkonferma li l-involvements fid-dokumenti Fssi mat-taħrika[72] kienu jirrispekkjaw l-involvements tal-kumpanija F.G.I. & C. B Ltd (C2575) kif kienu fit-23 ta' Novembru 2016.*

10. ***Rappreżentant ta' Transport Malta*** *(Stephen Cachia) li preżenta dokumenti li juru l-vetturi f'isem l-intimat fis-7 ta' Novembru 2016 (Dok. SC1)[73] u l-vetturi li kellu f'ismu qabel tali data (Dok. SC2[74]). Huwa preżenta wkoll dokument li juri li l-attriċi la għandha fil-preżent u lanqas kellha fil-passat vetturi f'isimha (Dok. SC3[75]).*

11. ***Rappreżentant tar-Reġistratur tal-Qorti Kriminali*** *(Dr Elizabeth Quintano) li preżentat kopja tas-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs C B deċiża nhar is-27 t'Ottubru 2009 (Dok. EQ1[76]), u kkonfermat li din is-sentenza ma ġietx appellata.*

---

[59] Esebit a fol 203 tal-proċess.
[60] Esebit a fol 220 tal-proċess.
[61] Esebit a fol 332 tal-proċess.
[62] Esebit a fol 337 tal-proċess
[63] Esebit a fol 432 tal-proċess
[64] Esebit a fol 433 tal-proċess
[65] Esebit a fol 440 tal-proċess
[66] Esebit a fol 509 tal-proċess
[67] Esebit a fol 615 tal-proċess
[68] Esebit a fol 629 tal-proċess
[69] Esebit a fol 635 tal-proċess
[70] Esebit a fol 639 tal-proċess
[71] Esebit a fol 643 tal-proċess
[72] Ara a fol 666 – 669 tal-proċess
[73] Esebit a fol 700 tal-proċess
[74] Esebit a fol 702 tal-proċess
[75] Esebit a fol 699 tal-proċess
[76] Esebit a fol 706 tal-proċess

*12.* ***George B****, direttur ta' F.G.I. & C. B Ltd, li xehed li l-kumpanija msemmija timpjega lill-intimat bħala store-keeper, u esebixxa l-FS3s relattivi mis-sena 2008 sas-sena 2015 (Dok GA1*[77] *għas-sena 2008, Dok. GA2*[78] *għas-sena 2009, Dok. GA3*[79] *għas-sena 2010, Dok. GA4*[80] *għas-sena 2011, Dok. GA5*[81] *għas-sena 2012, Dok. GA6*[82] *għas-sena 2013, Dok. GA7*[83] *għas-sena 2014, u Dok. GA8*[84] *għas-sena 2015).*

*13.* ***WPC 316 Ruth Fenech*** *li preżentat 4 rapporti li setgħu saru bejn il-partijiet (Dok. RF1,*[85] *Dok. RF2,*[86] *Dok. RF3,*[87] *u Dok. RF4*[88]*). Hija ma kinitx kompetenti tixhed fuq l-istess rapporti peress li ma kinitx hi li għalithom.*

*14.* ***Rappreżentant ta' Jobsplus*** *(Joseph Saliba) li preżenta l-employment history tal-konvenut (Dok JS1*[89]*) u l-employment history tal-attriċi (Dok JS2*[90]*).*

*15.* ***Rappreżentant tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni*** *(John Micallef) li fix-xhieda tiegħu fis-seduta datata l-11 ta' Mejju 2017,*[91] *iddikjara li d-dipartiment ġie mgħarraf li l-partijiet bdew ġroċeduri ta' separazzjoni fl-20 ta' Mejju 2015. Dwar refunds li setgħu saru mill-Gvern, huwa preżenta résumé tad-dokumenti minnu preżentati (Dok. JM1*[92]*), il-particulars tal-konvenut (Dok. JM2*[93]*), il-particulars tal-attriċi (Dok. JM3*[94]*), income tax statement għas-sena stima 2009 sena bażi 2008 fejn kien hemm rifużjoni ta' €459 (Dok. JM4*[95]*), income tax statement għas-sena stima 2010 sena bażi 2009 fejn ma kienx hemm rifużjoni (Dok. JM5*[96]*), income tax statement għas-sena stima 2011 sena bażi 2010 fejn ma kienx hemm rifużjoni (Dok. JM6*[97]*), income tax statement għas-sena stima 2012 sena bażi 2011 fejn ma kienx hemm rifużjoni (Dok. JM7*[98]*), income tax statement għas-sena stima 2013 sena bażi*

[77] Esebit a fol 710 tal-proċess
[78] Esebit a fol 711 tal-proċess
[79] Esebit a fol 712 tal-proċess
[80] Esebit a fol 713 tal-proċess
[81] Esebit a fol 714 tal-proċess
[82] Esebit a fol 715 tal-proċess
[83] Esebit a fol 716 tal-proċess
[84] Esebit a fol 717 tal-proċess
[85] Esebit a fol 766 tal-proċess
[86] Esebit a fol 769 tal-proċess
[87] Esebit a fol 771 tal-proċess
[88] Esebit a fol 774 tal-proċess
[89] Esebit a fol 777 tal-proċess
[90] Esebit a fol 778 tal-proċess
[91] Ara a fol 762 tal-proċess
[92] Esebit a fol 781 tal-proċess
[93] Esebit a fol 782 tal-proċess
[94] Esebit a fol 783 tal-proċess
[95] Esebit a fol 784 tal-proċess
[96] Esebit a fol 785 tal-proċess
[97] Esebit a fol 786 tal-proċess
[98] Esebit a fol 787 tal-proċess

*2012 fejn kien hemm rifużjoni ta' €802 (Dok. JM8*[99]*), income tax statement għas-sena stima 2014 sena bażi 2013 fejn kien hemm rifużjoni ta' €749 (Dok. JM9*[100]*), income tax statement għas-sena stima 2015 sena bażi 2014 fejn kien hemm rifużjoni ta' €579 (Dok. JM10*[101]*), income tax statement tal-attriċi bħala single fejn hemm refund ta' €195 li sal-11 ta' Mejju 2017 kien għadu ma tħallasx u li aktarx kellu jitħallas f'Diċembru 2017 (Dok. JM11*[102]*), u income tax statement għas-sena stima 2016 sena bażi 2015 tal-konvenut fejn ma kienx hemm rifużjoni (Dok. JM12*[103]*). Ix-xhud jispjega li r-rifużjonijiet tħallsu lill-konvenut bħala r-responsible spouse għal fini tal-komputazzjoni konġunta.*

*Meta reġa' xehed fis-seduta datata l-12 ta' Mejju 2017,*[104] *l-istess xhud kompla jgħid, b'referenza għal dokument li juri l-komputazzjoni tat-taxxa tal-partijiet għas-sena stima 2009 sena bażi 2008 (Dok. JMA1*[105]*), li mentri l-ammont ta' taxxa li kellha titħallas bejn il-partijiet kienet ta' €75, huwa jaħseb li skont kif jirriżulta minn Dok. JMA2,*[106] *il-konvenut ħallas is-somma ta' €289 żejda u b'mod addizzjonali mal-ammont ta' €254 li huwa kien diġà ħallas. Kienet għal din ir-raġuni li l-partijiet kellhom jieħdu refund ta' €459. Iċ-ċekk ħareġ fuq ir-responsible spouse, ossia il-konvenut. Ix-xhud żied jgħid li peress li reġgħet lura għax-xogħol wara l-maternità, fis-sena bażi 2012, l-attriċi kellha kreditu ta' €556 (Dok. JMA3*[107]*), filwaqt li fis-sena bażi 2013, hija kellha kreditu ta' €509 (Dok. JMA4*[108]*). Huwa jgħid li huwa ċar li r-refund għas-sena 2015 huwa tal-attriċi peress li hija mniżżla bħala single mother u parent rate, peress li l-wild qiegħda magħha. Ix-xhud preżenta wkoll żewġ dokumenti oħra għas-sena stima 2015 sena bażi 2014 (Dok. JMA 5*[109]*), u għas-sena stima 2016 sena bażi 2015 (Dok. JMA 6*[110]*).*

*16. **Rappreżentant ta' Mapfre Middlesea** (Kirsten Coppola) li ddikjarat li ma tistax tgħid il-valur li fuqu hija assigurata l-vettura TLC 021, u dan peress li hija assigurata third party only. Tali vettura hija intestata f'isem il-konvenut, u hija l-unika vettura assigurata ma' Mapfre Middlesea f'ismu. Hija esebiet dokument relatat mal-istess vettura (Dok. KC1*[111]*).*

---

[99] Esebit a fol 788 tal-proċess
[100] Esebit a fol 789 tal-proċess
[101] Esebit a fol 790 tal-proċess
[102] Esebit a fol 791 tal-proċess
[103] Esebit a fol 792 tal-proċess
[104] Ara fol 812 et seq tal-proċess
[105] Esebit a fol 818 tal-proċess
[106] Esebit a fol 819 tal-proċess
[107] Esebit a fol 820 tal-proċess
[108] Esebit a fol 821 tal-proċess
[109] Esebit a fol 822 tal-proċess
[110] Esebit a fol 823 tal-proċess
[111] Esebit a fol 891 tal-proċess

*17. **K sive K B**, omm il-*konvenut*, li tgħid li l-*konvenut *huwa t-tieni wild minn erba' subien. Dwar il-proċeduri kriminali kontra l-*konvenut *u l-eventwali sejba ta' ħtija, hija tispjega li kien hemm żmien fejn uliedha kienu jgħixu kollha għandha u binha l-kbir, H, kien isewwi l-computers u jġibhom id-*dar. *H kien jaqbad id-DVDs tal-*computers tan-*nies u jpoġġihom fuq xkaffa, u kumbinazzjoni il-*konvenut *fl-istess żmien kien qiegħed ibigħ pirate copies ta' DVDs fuq Maltapark. Il-*konvenut *inzerta sab pulizija jaħdem undercover li *taparsi ried jixtri d-DVDs u x-xhud spiċċat bi *skoss *pulizija d-dar. Fir-raid li għamlu l-pulizija sabu DVDs ta' nies oħra, għax H kien joħroġhom mill-computers li kien isewwi. Hija tgħid li Dr Chris Cardona, fil-preżenza tagħha, ta parir lill-*konvenut *biex jammetti, u meta x-xhud staqsietu għala għandu jammetti meta m'għamel xejn, hu qalilha li ma tistax tiġġieled mal-*Pulizija. *Dwar il-minuri D, hija tgħid li meta kienet tkun għandha għall-aċċess, hija kienet tgħawwimha, tgħallimha, u tixtrilha kollox. Hija tgħid li t-tifla *lilhom *tħobbhhom u tadurahom – moħħha fin-*nannu.*

*Meta reġgħet xehdet fis-*seduta tal-*24 ta' Mejju 2019, omm il-*konvenut iddeskriviet *lill-attriċi bħala kwieta. Qabel ma żżewġu l-*partijiet, l-attriċi forsi marret id-*dar tagħha darbtejn. Hija tispjega li l-problemi bejn il-*partijiet bdew mill-*bidu taż-żwieġ. Tgħid li l-attriċi weġġgħatha u qagħlatilha ħafna inkwiet ma' żewġha u mal-*konvenut *ħabba li kienet timpedilha milli tara t-*tifel li l-konvenut kellu ma' mara oħra qabel iż-żwieġ. Hija tispjega kif il-*konvenut kien jgħid lilha u lir-raġel tagħha *biex ma jmorrux jaraw lil ibnu. Meta darba l-attriċi marret id-*dar tax-xhud bit-tifla u lemħet ritratt ta' dan it-tifel, huma telqu 'l barra, u wara nofs siegħha, il-*konvenut ċemplilha biex tneħħi r-*ritratt.*

*Dwar l-aċċess, omm il-*konvenut tispjega li meta l-*konvenut kellu aċċess u l-*minuri kienet tiġi d-*dar tagħhom, hi u żewġha dejjem kienu jkunu preżenti. Il-*konvenut dejjem kien joħodha għandhom lill-*minuri, u x-xhud kienet tkun dejjem mat-*tifla. Hija tispjega wkoll kif f'Ġunju 2017, hija kisret idejha, u dan ikkonfermatu billi *esebiet case summary report (Dok. JA1[112]). Ix-xhud tispjega li lit-*tifla kienu jbiddlulha l-ħwejjeġ għax l-attriċi kienet tibgħatha bi ħwejjeġ ħżiena u faded. Ix-xhud għamlitilha gwardarobba ħwejjeġ u t-tifla kienet tieħu gost tilbes ta' prinċipessa. Kienet ukoll tgħum fil-pool li għandha x-xhud, tant li għandha kellha 8 malji. Lit-tifla kienu wkoll joħorġuha u jmorru l-Knisja, u għalhekk kienu jbiddlulha ħwejjiġha għax ma riditx toħodha bi ħwejjeġ ħżiena. Kienet tkun ix-xhud li tbiddllilha lit-*tifla.*

*Ix-xhud tkompli tgħid li meta bdiet tara lit-*tifla l-Appoġġ, huma sejrin tajjeb ħafna għax it-tifla tadurahom. Tali aċċess isir taħt superviżjoni ta' ċertu JosiF Gilson. Madanakollu, hija tirrakkonta kif darba minnhom kien hemm inċident ikrah fil-*bini tal-Appoġġ. Ix-xhud daħlet wara li spiċċa l-aċċess il-*konvenut, u meta l-attriċi rat lix-xhud tagħti basket lill-*konvenut, hija bdiet tgħajjat u tgħid li t-*tifla kienet*

[112] Esebit a fol 1095 tal-proċess

*tagħha, u lill-konvenut qaltlu li se tirrapurtaħ għax mhux suppost kien qiegħed hemm dak il-ħin. Ix-xhud tispjega wkoll li meta fi żmien il-Milied, lit-tifla talbitja tagħmlilha kartolina għaliha u għal żewġha, t-tifla għamlet idejha fuq qaddha u qaltilha 'you know my mummy and nanna hate you?' Ix-xhud ħasbet li semgħet ħażin, iżda meta reġgħet talbitha kartolina, it-tifla rrepetiet l-istess kliem.*

*Fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2022,[113] ix-xhud xehdet in kontro-eżami u żiedet tgħid li meta Dr Chris Cardona ta parir lill-konvenut biex jammetti, kienu preżenti hi u l-konvenut. Hi ssostni li l-attriċi ġieli akkumpanjat lill-konvenut għand l-avukat. Hi kienet preżenti biss meta kien ingħata l-imsemmi parir. Ix-xhud qablet li skonta, binha qiegħed jiġi akkużat u mixli ħażin. Meta mistoqsija jekk ħu l-konvenut H B kienx qal lill-konvenut ma jammettix biex jammetti hu floku, ix-xhud twieġeb fin-negattiv.*

*18. **WPS 110 Maria Scicluna**, li esebiet 4 rapporti li saru mill-attriċi fil-konfront tal-konvenut (Dok. MS1,[114] Dok. MS2,[115] Dok. MS3,[116] u Dok. MS4[117]). Hi spjegat li l-ebda wieħed minnhom m'hu relatat ma' abbuż fuq il-minuri. Dawn huma r-rapporti kollha li setgħu saru mill-attriċi, hekk kif ix-xhud ma rriżultala ebda rapport ieħor barra dawk esebiti.*

*19. **Dr Roberta Holland**, forensic psychologist, li xehdet li lill-konvenut kienet tafu għax għamlet assessment dettaljat fuqu. Hija tispjega li l-konvenut kien ammetta li kellu fil-pussess tiegħu pornografija li kellhom minuri fiha - kellu materjal enormi ta' films pornografiċi u films anke mhux pornografiċi. Il-Qorti tat treatment order u probation (community based order) li tinkludi treatment order. Hija tgħid li waqt it-treatment order kienet ratu għal sena sħiħa mill-anqas għal darba fix-xahar, u fl-aħħar tat-treatment order dehrilha li l-konvenut kien segwa l-ordni tat-trattament u t-trattament kien fil-fatt terminat. Fl-assessment tagħha, bħala konklużjoni, ix-xhud osservat xi affarijiet u tendenzi fil-personalità tal-konvenut li ma kinux jindikaw diżordni tal-personalità, u ma kien hemm ebda raġuni għal preokkupazzjoni dwar riskju li jwettaq reati sesswali u/jew li għandu xi attrazzjoni sesswali devjanti jew lejn it-tfal. Kienet l-anzjetà tal-konvenut li spikkat. Hija żżid tgħid li u m'hemm ebda evidenza xjentifika li tindika illi li wieħed jara l-pornografija tat-tfal iwettaq reati fuq it-tfal. Meta mistoqsija dwar dan in kontro-eżami, hija tiċċara li lanqas ma hemm evidenza li turi l-kontra, ossia illi li wieħed li jara porn ta' minuri huwa eskluż milli jagħmel l-att innifsu mal-minuri. Ix-xhud tgħid li qatt ma rat lil bint il-partijiet, u li qatt ma rat il-file tal-kawża odjerna. Il-kwistjonijiet ta' bejn il-partijiet ma kinitx tafhom, u lanqas ma kienet taf li l-konvenut kien qed jieħu terapija għand terzi.*

[113] Ara a fol 1272 tal-proċess
[114] Esebit a fol 902 tal-proċess
[115] Esebit a fol 905 tal-proċess
[116] Esebit a fol 908 tal-proċess
[117] Esebit a fol 910 tal-proċess

Ix-xhud esebiet ir-rapport inizjali li għamlet u li preżentat lill-Qorti tal-Maġistrati (Dok. RH1[118]) u t-termination of treatment report (Dok. RH2[119]). Dawn ir-rapporti ġew mitluba mix-xhud mill-Qorti tal-Maġistrati fil-proċeduri kriminali kontra l-konvenut. F'Dok. RM1 hemm imsemmi trattament li ġie rakkomandat mix-xhud. Dan it-trattament sar mal-istess xhud u kien fil-fatt it-treatment order. Dawn kienu sessjonijiet ta' terapija relatati mal-anzjetà, self-esteem, u l-affarijiet psikoloġiċi identifikati f'Dok. RM1 u Dok. RM2, u li ma kinux neċessarjament relatati mal-akkużi. Il-'partijiet differenti' li jissemmew fit-tieni paragrafu ta' paġna 10 ta' Dok. RH1 huma s-sorsi, jew min minnhom, individwati fl-istess rapport, ċioè Dr Chris Cardona u l-ex Spettur Angelo Gafà. Dwar it-tielet paragrafu ta' paġna 10 ta' Dok. RH1, ix-xhud tikkonferma li setgħet tidentifika fil-konvenut interess fil-pedo-pornografija, però ma setgħetx tgħid in-natura ta' dan l-interess. Meta fl-aħħar paragrafu ta' paġna 10 ta' Dok. RH1 hija ssemmi li r-responsabbilità morali tal-konvenut hija waħda baxxa, riedet tfisser li hu ma kienx jara l-konsegwenza tal-fatt li jara l-pedo-pornografija bħala xi ħaġa ħażina, għax ma setax jirrelata moralment mal-fatt li meta jixtri tali materjal ikun qed jinkoraġġixxi l-porn tat-tfal – kien jaf u għaraf li t-tfal huma vittmi, imma ma ra xejn ħażin fil-fatt li hu jarah, u mminimizza l-fatt li rah. Kien jaf li l-pedo-pornografija tista' tkun ta' ħsara imma għalih ma kienx qed jagħmel ħsara billi jaraha. Ix-xhud spjegat, fir-rigward tal-ewwel sentenza tat-tielet paragrafu ta' paġna 11 ta' Dok. RF1, li l-karatteristiċi li huma relatati mal-interess tal-konvenut fil-pornografija huma elenkati fl-imsemmi paragrafu u fir-rapport, bħal anzjetà u nuqqas ta' intimità emozzjonali.

Ix-xhud esebiet ukoll ir-rapport li tat lis-social workers (Dok. RH3[120]). Hija tgħid li dan ir-rapport sar fuq talba tas-social worker Charmaine Scicluna minħabba l-proċeduri odjerni, u jinkludi rakkomandazzjonijiet dwar l-aċċess tal-minuri. L-informazzjoni biex tagħmel dan l-aħħar rapport ġabitha mingħand is-social worker u l-konvenut flimkien, possibilment minn fuq it-telephone. Lill-attriċi qatt ma kellmitha. Hi żiedet tgħid li bejn Dok. RH2 u Dok. RH3, hi qatt ma kellha kuntatt mal-konvenut, li l-aħħar li ratu clinically kien fl-2010, ossia ż-żmien ta' Dok. RH2. Hija tikkonferma li l-konklużjonijiet u r-rakommandazzjonijiet li għamlet f'Dok. RH3, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet tagħha li l-konvenut 'poses no harm to his daughter', kienu abbażi tal-konklużjonijiet u l-fatti kif irriżultawlha fis-sena 2010, meta għamlet Dok. RH2, u qabel. Hija tgħid li normalment wara 6 jew 7 snin jerġa' jsir clinical assessment, iżda f'dan il-każ, meta kitbet Dok. RH3, hija m'għamlitx assessment ġdid għax ma kinitx mitluba tagħmlu.

20. **Charmaine Zerafa**, social worker mal-Aġenzija Appoġġ, li xehdet li kienet għamlet rapport fuq il-partijiet f'Mejju 2016.[121] L-Appoġġ ilha ssegwi l-każ odjern

[118] Esebit a fol 922 tal-proċess.
[119] Esebit a fol 934 tal-proċess.
[120] Esebit a fol 936 tal-proċess.
[121] Esebit a fol 149 tal-proċess.

*mill-2015, u kien qiegħed isir monitoring. Fil-bidu kienet Kirstie Xuereb li kienet issegwi l-każ. Ix-xhud daħlet fil-każ wara li l-Qorti ordnat social work assessment, u dan għamlitu x-xhud permezz tar-rapport imsemmi. Dan l-inkarigu tax-xhud jinkludi diskussjoni mal-partijiet kollha involuti fil-ħajja tal-minuri bl-iskop li tiġi evalwata s-sitazzjoni tal-minuri u tal-każ partikolari. Ix-xhud għamlet ir-rapport fuq dak li esperjenzat hi, u mhux fuq dak li setgħu esperjenzaw kollegi tagħha. Għalkemm inizjalment tixhed li lill-kollega tagħha Kirstie ma kinitx kellmitha fuq dan il-każ biex ma tkunx influwenzata, ix-xhud eventwalment ikkoreġiet ruħha u stqarret li lil Kirstie kienet kellmitha fuq informazzjoni dwar il-monitoring li kien qiegħed isir. Ix-xhud ħadet post Kristie fuq dan il-każ għall-ħabta ta' Lulju 2017, ċioè sena wara r-rapport, u sax-xhieda tagħha fis-seduta tal-21 ta' Frar 2018, il-każ kien f'idejn ix-xhud weħidha.*

*B'referenza għall-osservazzjonijiet magħmulha f'paġni 8 u 9 tal-imsemmi rapport, hija tgħid li ma rriżultalha ebda tendenza ta' tbagħbis ta' tfal mill-konvenut. B'referenza għat-tieni rakkomandazzjoni tagħha fir-rapport, hija tgħid li wara li tkellmet mal-partijiet, hija ħasset li l-aċċess kellu jibqa' kif kien skont id-digriet viġenti dak iż-żmien, ħlief li jiżdied b'siegħa fis-sajf. Ix-xhud ma kienx il-kompitu tagħha li tinvestiga l-allegazzjoni tal-attriċi li l-missier bagħbas lit-tifla: hija ġabret l-informazzjoni u l-verżjonijiet tal-partijiet fuq din il-kwistjoni u ma ħadet l-ebda naħa. Hi ma setgħet tagħmel xejn aktar għax it-tifla bilkemm kienet għadha taf titkellem. Hija mhijiex kwalifikata biex tagħmel assessment psikoloġiku jew psikjatriku u għalhekk ma setgħetx tagħmel assessment fuq it-tendenzi tal-konvenut. B'referenza għar-raba' rakkomandazzjoni fir-rapport, hija tgħid li ma tafx jekk il-konvenut attendiex għal terapija psikoloġika. Meta f'din ir-rakkomandazzjoni issemmi s-'sitwazzjoni li għaddha minnha' l-konvenut, hija tfisser is-separazzjoni tal-partijiet iktar milli l-proċeduri kriminali.*

*Ix-xhud tgħid ukoll li fis-26 ta' Ġunju 2017, il-Qorti ħarġet ordni li l-aċċess tal-missier isir fl-uffiċini tal-Appoġġ għal darbtejn fil-ġimgħa għal siegħa u nofs kull darba. Qabel dan id-digriet, kien hemm monitoring fuq iż-żewġ partijiet kif rakkomandat mix-xhud fir-rapport tagħha, liema monitoring sar u ġiet preżentata nota dwaru.*[122] *Minkejja l-imsemmi digriet, ix-xhud tistqarr li l-missier ma jmurx għall-aċċess, ħlief għal darba qabel il-Milied tal-2017 meta kien sar aċċess ta' siegħa fil-preżenza tax-xhud. Hija tispjega kif għall-bidu l-minuri kienet mistħija, kif mistenni għax kienet ilha ma tara lil missierha, iżda mbagħad ma kienx hemm problemi u bdiet tgħannqu u lagħbu flimkien. Ix-xhud tgħid li f'dik is-siegħa, kien jidher li r-relazzjoni hi pożittiva. Madanakollu, minn Diċembru sa dakinhar tas-seduta tal-21 ta' Frar 2018, ix-xhud tgħid li ma sarx aktar aċċess, għalkemm it-tifla uriet ix-xewqa għal dan. Meta x-xhud kellmet lill-konvenut dwar in-nuqqas tiegħu li jeżerċita l-aċċess, huwa dejjem jgħid li ma ħaqqux ikollu tali aċċess*

[122] Ara fol 798 tal-proċess.

*b'superviżjoni, u li huwa mweġġa' b'tali fatt. Huwa jemmen li l-ħin tant hu qasir li se jagħmel aktar ħsara lit-tifla u lilu, u allura qed jagħżel li ma jmurx.*

*21.* ***H B****, ħu l-intimat, li dwar l-attriċi jixhed li hija persuna kwieta ħafna u li tinqata' għaliha. Jiddeskriviha bħala over-protective fuq it-tifla. Quddiem familtu, lill-konvenut kienet issiktu ħafna u tgħidlu kliem bħal 'iblah'. Dwar in-negozju ta' internet café li kellu x-xhud fil-passat, huwa jgħid li l-konvenut kien jgħinu fih b'mod volontarju, qatt ma tħallas u qatt ma kien parteċipi fin-negozju. Dan in-negozju dam 5 snin sakemm falla. Dwar vettura tal-marka Toyota Yaris, liema vettura x-xhud kien juża għan-negozju tal-internet café, huwa jgħid li l-konvenut kien biegħ din il-vettura għax-xhud għax kienet f'isem dan tal-aħħar. Il-konvenut kien żamm il-flus, ammontanti għal madwar €11,000, għal ċertu żmien sakemm ix-xhud talabomlu u l-konvenut tahomlu.*

*Dwar il-proċeduri kriminali kontra l-konvenut, ix-xhud jgħid li l-hard disks bil-pornografija tal-minuri ma kinux tal-konvenut. Huwa jispjega li dak iż-żmien, ix-xhud kien isewwi l-computers tan-nies, u meta kien isib li l-hard drive marret kien jaqla' l-antika u jbiddilha ma' waħda ġdida. Il-hard drive ikun fiha kalamita b'saħħitha u x-xhud kien qal lill-konvenut biex iżarma tali hard drives biex jipprova jieħu l-kalamiti. Il-konvenut poġġa tali hard drives fuq l-ixkaffa fil-kamra tiegħu iżda qatt ma wasal biex għamilhom. Dawn inġabru mill-Pulizija meta għamlu raid wara li qabdu lill-konvenut ibigħ films normali, ossia mhux pornografiċi, li ma kinux oriġinali. Ix-xhud jgħid li huwa ma kienx xehed fil-proċeduri kriminali. Ħuh qallu li ammetta għax il-Pulizija qalulu li ma kien ser jiġri xejn, u fil-bluha tiegħu iffirma u ammetta. Meta mistoqsi in kontro-eżami, ix-xhud jgħid li huwa ma jafx jekk ħuh kellux avukat fil-proċeduri kriminali. Lill-Pulizija qatt ma qalilhom li l-hard-drives ma kinux ta' ħuh, u lill-klijenti tiegħu ma ċemplilhomx biex jgħidilhom x'kien ġara meta ġabruhom il-Pulizija. Meta x-xhud sar jaf b'kollox kien tard wisq, għax il-konvenut kien diġà ammetta, u kien għalhekk li ma ċempel lil ħadd. Huwa jżid jgħid li hard drives kien hemm bejn 15 u 20, u li l-pornografija nstabet f'hard drive waħda. Huwa ma kellux rekord ta' ta' min kienu l-hard drives, għax l-iskop kien li jintremew wara li l-kalamita titneħħa. L-unika mod kif seta' jintraċċa ta' min kienu kien tramite l-invoices. Huwa jżid li ma setgħax jabbina hard drive partikolari ma' klijent partikolari jekk ma jużax id-dokumenti ta' fuq il-hard drive. Huwa ma kienx jaf għala l-Pulizija ma kinux raw id-dokumenti l-oħra biex jaslu għall-proprjetarji ta' dawn il-hard drives.*

*22.* ***Rappreżentant tal-Aġenzija Appoġġ*** *(Kirstie Xuereb), li tixhed li hija case-worker u kienet tikkordina l-monitoring tal-aċċess tal-konvenut. Hija kienet tieħu ħsieb li jkun hemm worker (supervisor) biex tagħmel is-surprise visits għall-aċċess tal-konvenut. Hija tispjega li dan il-monitoring ma jdumx mill-bidu sat-tmien tal-aċċess, imma m'għandux ħin fiss kemm idum. Id-durata tiegħu jiġi deċiż mill-workerlog ta' tali monitoring hours. Mhux bilfors mar dejjem l-istess worker. Hi m'għamlitx surprise visits, iżda qabbdet lil min jagħmilhom. Il-workers kienu*

mbagħad jagħtuha feedback dwar is-surprise visits. Ix-xhud ħadmet fuq il-każ sa Ġunju 2017, u waraja ħadet over Charmaine Zerafa. Hija tgħid li għaż-żmien tal-monitoring meta kienet involuta hi, l-aċċess kien ikun pożittiv għax ir-relazzjoni bejn il-missier u l-bint kienet tajba. Dan tgħidu abbażi ta' dak il-worker li jkun għamel il-monitoring. Madanakollu, mal-handing over kien jinqala' d-diżgwid, minħabba li l-komunikazzjoni bejn il-partijiet ma kinitx tajba. Hija tiftakar kif darba minnhom it-tifla spiċċat bejniethom, fis-sens li spiċċat tinżamm minn kull ġenitur f'direzzjonijiet opposti. Hija tispjega li dak iż-żmien l-Aġenzija għamlet nota biex l-aċċess ma jibqax b'monitoring imma l-ġenituri jingħataw family therapy, liema rakkomandazzjoni saret peress li l-problemi kienu qed iqumu waqt il-handing over u mhux waqt l-aċċess. Ix-xhud esebiet in-notamenti tagħha (Dok. KX1[123]).

Dwar il-kwistjoni tal-flokk ta' taħt, ix-xhud tgħid li l-attriċi kienet ikkuntattjatha inkwetata ħabba li wara l-aċċess, sabet lit-tifla bi flokk ta' taħt fuq il-flokk minflok taħt. Meta x-xhud stasqiet lill-konvenut dwar dan, huwa ħadha bi kbira, rrabja ħafna u lix-xhud ma kellimhiex b'mod xieraq. Huwa qalilha li t-tifla uriet ix-xewqa li tinħasel. Dak iż-żmien l-aċċess kien ikun fil-preżenza ta' xi ħadd mill-ġenituri tal-konvenut, iżda x-xhud ma setgħetx tgħid jekk dan kienx hekk dakinhar ta' dan l-inċident. Meta nfurmat lill-attriċi li skont il-konvenut, it-tifla riedet tinħasel, din aktar inkwetat, peress li t-tifla ma kellhiex l-abbiltà turi din ix-xewqa minħabba l-problemi li kellha biex tesprimi ruħha. L-Aġenzija daħħlet nota dwar dan kollu fi Frar 2016 fejn irrakomandaw li jsir social work assessment, liema assessment sar minn Charmaine Scicluna. Wara tali rapport kien hemm bdil permezz ta' digriet u l-konvenut ġie ordnat jagħmel terapija psikoloġika. Meta dan stqarr li ma kellux il-mezzi għal din it-terapija, l-Appoġġ qalulu li s-Sedqa joffru tali servizz bla ħlas.

Ix-xhud tixhed ukoll li hi qatt ma ltaqgħet mal-minuri, iżda mal-attriċi kienet f'kuntatt tajjeb. L-attriċi kienet qaltilha li l-minuri għandha cleft palate, u kienet tgħidilha wkoll fuq il-preokkupazzjonijiet tagħha inkluż fuq l-ikel tat-tifla u l-kwistjoni tal-flokk ta' taħt.

23. ***Rappreżentant tal-Aġenzija Appoġġ*** *(Aaron Tabone), li jixhed illi lill-partijiet jafhom għax bħala social support worker hu kien jieħu ħsieb il-monitoring tal-aċċess. Bejn id-29 ta' Ġunju 2015 u Marzu 2016, ix-xhud kien imur jara l-andament tal-aċċess tal-konvenut ma' bintu. Ix-xhud kien ikun preżenti wkoll waqt il-pick-up u d-drop off tat-tifla iżda mhux dejjem, peress li dan kien monitoring u mhux supervision. Ix-xhud jispjega li l-monitoring isir permezz ta' surprise visits u mhux ma' kull ġurnata ta' aċċess. Hu kien imur madwar darba fil-ġimgħa – forsi darba mar dartbejn. Dan il-monitoring ma kienx jagħmlu mill-bidu sal-aħħar tal-aċċess, u on average kien idum 45 minuta sa' siegħa. Ix-xhud kien jgħaddi r-*

[123] Esebit a fol 1033 tal-proċess

*rapporti tal-monitoring lil Kirstie Xuereb li kienet il-key-worker tal-każ, ossia l-persuna responsabbli għall-każ. L-aċċess kien ikun kemm fid-dar tal-konvenut f'Birkirkara kif ukoll fid-dar tal-ġenituri tal-konvenut fl-Ibraġġ/Madliena. Ix-xhud ġieli inzerta lit-tifla tgħum fil-pool. Fid-dar tal-konvenut kien ikun hemm il-konvenut u t-tifla biss. Fid-dar tan-naniet parterni kien ikun hemm dejjem omm il-konvenut, ġieli missieru, il-konvenut, u darba minnhom kien hemm xi ħbieb jew familjari. Lix-xhud irriżultalu li l-konvenut kien imur tajjeb mat-tifla, kien interessat fiha u kien jilgħab magħha bil-pupi. Ix-xhud jispjega li darba waqt il-handing over inqala' argument fuq kwistjoni żgħira, hekk kif l-attriċi mxiet għal nofs il-bankina u l-konvenut ried li jwassal lit-tifla sat-tarf tal-bankina hu. Il-konvenut baqa' jżomm lit-tifla waqt li l-attriċi riedet lit-tifla, u spiċċat ħaditha l-attriċi għax dak il-ħin l-aċċess kien spiċċa u A talbet lix-xhud jintervjenti.*

*24. **Kristina Bugeja**, li tixhed li ilha sentejn li telqet mill-Appoġġ, u li darba saret visit f'dar residenzjali t'omm il-konvenut. Ix-xhud tgħid li dettalji ma tiftakarx u notamenti m'għandhiex aċċess għalihom peress li m'għadhiex taħdem l-Appoġġ. Hija ma tiftakar xejn dwar flokk ta' taħt. Hija tgħid li l-SAV kienet waħda normali.*

*25. **Malcolm Tortell**, li jixhed li huwa psiko-terapista u kien irrilaxxa rapport datat l-1 ta' Lulju 2017 dwar il-konvenut. Huma kienu għamlu seba' sessjonijiet u ma jiftakarx għala ġew discontinued, iżda kienu waslu fejn kellhom jaslu. Lix-xhud inqralu s-segwenti bran mir-rapport tiegħu: 'The relationship with and care of his daughter. This was a necessary part of the process and **while not fully complete** I can say that enough has been done so that the past no longer negatively impinges on the present and most importantly there should be no negative effects on his daughter.' Meta mistoqsi x'kien jonqos biex l-imsemmi proċess ikun 'fully complete', ix-xhud jgħid li jrid jagħmel session mal-konvenut biex jara, u li ma kienx jiftakar dawn id-dettalji, iżda jispjega meta tagħmel terapija qatt m'int se tasal għall-100%, u allura l-proċess qatt mhu komplut 100%. Hu jiftakar iżda li l-konvenut kien open għas-sessjonijet. Kienu jitkellmu fuq l-istorja tiegħu, u kien donnu wasal għal fehma differenti dwarha.*

## 4. <u>Provi oħra relevanti</u>

*Illi minbarra x-xhieda tagħhom, il-partijiet preżentaw fl-atti diversi dokumenti li wkoll isibu relevanza fid-determinazzjoni tal-vertenza odjerna.*

*Illi fost dawn id-dokumenti, l-attriċi preżentat:*

1. *Diversi rapporti mediċi dwar il-minuri D B;*[124]

[124] Esebit a fol 57 tal-proċess

2. *FS3 tagħha għas-sena 2014;*[125]
3. *Ittra ġudizzjarja fejn tinterpella lill-konvenut iħallas sehemu mill-ispejjeż għas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri;*[126]
4. *Ritratt tat-tifla bil-ħwejjeġ imlibbsin ta' taħt fuq wara l-aċċess tal-konvenut;*[127]
5. *Kopji ta' irċevuti ta' spejjeż relatati mal-minuri;*[128]
6. *Rapporti mediċi dwar il-minuri;*[129]
7. *Ritratt ta' fond kummerċali ġewwa Triq Mrabat, San Ġiljan, li l-attriċi tgħid li l-konvenut qiegħed jikri lil terzi;*[130]

*Illi min-naħa tiegħu, il-konvenut preżenta wkoll:*

1. *Lista tal-ispejjeż mensili tiegħu;*[131]
2. *Rapport tal-psikologu Dr. Malcolm Tortell dwar il-konvenu;*[132]
3. *Prospett tal-ispejjeż relatati mal-minuri li l-konvenut ġie mitlub iħallas mill-attriċi;*[133]
4. *Bilanċ ta' loan pagabbli mill-konvenut;*[134]
5. *FS3s tiegħu għas-snin 2015,*[135] *2016,*[136] *u 2017;*[137]

*Fl-Atti ġie esebit ukoll ir-rapport tal-forensic psychologist Dr. Roberta Holland*[138] *fejn fost konklużjonijiet oħra tikkonkludi li m'hemm xejn x'jindika li l-missier jirrappreżenta b'riskju ta' natura sesswali b'mod partikolari dawk kontra l-minuri u li ma jidhirx li għandu ħsibijiet sesswali devjanti u li ma jidhirx li jħaddan ħsibijiet sesswali devjanti jew ħsibijiet annormali (distorted).*

## 5. Is-Separazzjoni Personali tal-Partijiet

*Jibda biex jingħad li ż-żewġ partijiet qiegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom għalkemm kif ser jingħad aktar 'il quddiem, iż-żewġ partijiet jattribwixxu r-responsabbilita' tat-tifrik tal-istess żwieġ lil xulxin u konsegwentement m'hemm l-ebda qbil fuq min għandu jingħata t-tort għall-istess separazzjoni mitluba.*

[125] Esebit a fol 66 tal-proċess
[126] Esebit a fol 178 tal-proċess
[127] Esebit a fol 866 tal-proċess
[128] Esebit a fol 1055 tal-proċess
[129] Esebiti a fol 1059 u 1064 tal-proċess
[130] Esebit a fol 1074 tal-proċess
[131] Esebit a fol 82 tal-proċess
[132] Esebit a fol 993 tal-proċess
[133] Esebit a fol 675 tal-proċess
[134] Esebit a fol 1082 tal-proċess
[135] Esebit a fol 1085 tal-proċess
[136] Esebit a fol 1086 tal-proċess
[137] Esebit a fol 1087 tal-proċess
[138] Esebit a fol 1262 tal-proċess

*Illi jingħad ukoll li oriġinarjament din kienet kawża ta' separazzjoni bejn il-partijiet iżda mill-Atti jirriżulta (u dwar dan m'hemm ebda kontestazzjoni) li permezz ta' digriet datat it-18 ta' Frar 2019,*[139] *l-Onorabbli Qorti tal-Appell Ċivili (Sede Superjuri) ordnat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra kif imiss id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta tas-27 ta' Lulju 2018 (Prot. No. 16.065) li ddikjarat null iż-żwieġ bejn il-partijiet, u dan skont ma jipprovdu l-Artikoli 23 u 24 tal-Att dwar iż-Żwieġ (Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*Dan għalhekk neċessarjament ifisser li wħud mit-talbiet tal-partijiet (fosthom dik ta' pronunzja ta' separazzjoni) ma baqgħux rilevanti. It-tieni talba attriċi u parti mill-ewwel talba tal-intimat rikonvenzjonant li wkoll iddur mal-istess talba għal dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali għalhekk ġew sorvolati b'dik is-sentenza u għalhekk, fl-umli opinjoni tal-esponenti, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għalfejn tippronunzja s-separazzjoni. L-esponenti ma tarax għaliex għandha toqgħod tiddelibera u tiddiskuti separazzjoni ladarba ma hemmx lok ta' separazzjoni fi żwieġ li ġie annullat. Dan kollu qiegħed jingħad anke abbażi ta' ġurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fosthom is-sentenzi ta' kawżi ta' separazzjoni bir-rikors numru 216/2005 JA deċiża nhar l-20 ta' Frar 2009 u dik bir-rikors numru 1167/2002NC deċiża nhar il-11 ta' Diċembru 2008.*

6. ***Ir-Responsabbilita' tat-Tifrik taż-Żwieġ ta' bejn il-Partijiet***

*Illi kif ingħad aktar 'il fuq il-parttijiet jattribwixxu t-tort u r-responsabbilita' għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom lil xulxin. Fil-fatt, permezz tal-Ewwel talba tagħha l-attriċi titlob dikjarazzjoni fuq l-intimat li kien hu li ġab fis-seħħ it-tifrik taż-żwieġ filwaqt li l-intimat rikonvenzjonant jattribwixxi t-tort lill-attriċi rikonvenzjonata f'parti mill-ewwel talba tiegħu hekk kif dedotta fil-kontro-talba.*

*Stante li mill-atti jirriżulta li ż-żwieġ tal-partijiet ġie dikjarat li hu null u bla effett u konsgwentement qatt ma eżistia f'għajnejn il-liġi, allura bl-istess mod li ingħad aktar 'il fuq, ir-responsabbilita' dwar tali tifrik taż-żwieġ u lil min għandha tiġi attribwita llum m'għadhiex rilevanti u għalhekk, fl-umli opinjoni tal-esponenti, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għalfejn tidħol fil-mertu dwar x'kien il-kaġun jew min mill-partijiet (jew it-tnejn) seta' kien responsabbli għas-separazzjoni in kwistjoni. L-esponenti ma tarax għaliex għandha toqgħod tiddelibera u tiddiskuti responsabbilita' ta' separazzjoni ladarba ma hemmx lok ta' separazzjoni fi żwieġ li ġie annullat. Dan kollu qiegħed jingħad anke abbażi ta' ġurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fosthom is-sentenzi ta' kawżi ta' separazzjoni bir-rikors numru 216/2005 JA deċiża nhar l-20 ta' Frar 2009 u dik bir-rikors numru 1167/2002NC deċiża nhar il-11 ta' Diċembru 2008.*

7. ***Is-Sanzjonijiet Kontemplati mil-Liġi***

[139] Esebit a fol 1090 tal-proċess.

*B'mod simili għat-talbiet relatati mar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, iż-żewġ partijiet qiegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex timponi s-sanzjonijiet kontemplati mil-liġi ai termini tal-Artikoli 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan tagħmlu l-attriċi permezz tat-tielet talba tagħha filwaqt li da parti tiegħu, l-intimat jitlob dan permezz tat-tieni talba hekk kif dedotta fil-kontro-talba tiegħu.*

*Stante li mill-atti jirriżulta li ż-żwieġ tal-partijiet ġie dikjarat li hu null u bla effett u konsgwentement qatt ma eżistia f'għajnejn il-liġi, allura bl-istess mod li ingħad aktar 'il fuq, m'għandhomx jiġu applikati sanzjonijiet kontemplati mil-liġi li huma direttament marbutin mar-responsabbilita' dwar it-tifrik taż-żwieġ kif wara kollox qiegħed jiġi mitlub miż-żewġ partijiet fil-konfront ta' xulxin. Hu proprju għalhekk li fl-umli opinjoni tal-esponenti, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tordna sanzjonijiet fuq ħadd mill-partijiet. L-esponenti ma tarax għaliex għandha toqgħod tiddelibera u tiddiskuti sanzjonijiet kontemplati mil-liġi marbuta ma' responsabbilita' ta' separazzjoni ladarba ma hemmx lok ta' separazzjoni fi żwieġ li ġie annullat. Dan kollu qiegħed jingħad anke abbażi ta' ġurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fosthom is-sentenzi ta' kawżi ta' separazzjoni bir-rikors numru 216/2005 JA deċiża nhar l-20 ta' Frar 2009 u dik bir-rikors numru 1167/2002NC deċiża nhar il-11 ta' Diċembru 2008.*

8. ***Setgħet ta' Ġenitur Esklussivament fuq l-Attriċi Omm***

*Permezz tar-raba' talba tagħha l-attriċi qiegħda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tingħata b'mod esklussiv is-setgħet kollha ta' ġenitur. Da parti tiegħu l-intimat rikonvenzjonant ma jaqbilx u jgħid li għandu jibqa' jgawdi tali setgħet fuq bintu bħala ġenitur. Dan allura neċessarjament ifisser li l-attriċi qed titlob li l-intimat jiġi svestit mill-awtorita' ta' ġenitur a tenur tal-Artikolu 154 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għal kull buon fini l-esponenti tirrileva li l-Artikolu 154 tal-Kap. 16 hawn fuq imsemmi jgħid hekk:*

*154. (1) "**Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:***

***(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies, jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;***

***(b) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara littrobbija tat-tifel;***

***(ċ) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;***

***(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;***

***(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel***".

*Jiġi rilevat li l-Artikolu 3B li jagħmel referenza għalih l-Artikolu 154 hawn fuq ċitat jgħid hekk:*

*3B. (1) "**Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied**".*

*Tenut kont tal-Artikoli hawn fuq ċitati u tenut kont tal-provi kollha miġjuba fil-mori tal-kawża, l-esponenti hija tal-fehma li:*

*(1) Stante li l-intimat ċertament ma jistax jingħad li abbanduna lill-bintu - anzi kif diġa' ingħad minkejja d-diffikultajiet baqa' jiġġieled sabiex l-istess minuri tibqa' f'ħajtu u ma jitlifx il-kuntatt magħha (għalkemm jirriżtula li kien hemm żmien fejn ma kienx jeżerċita d-dritt t'aċċess tiegħu għax ħass li ma kellux jingħata limitazzjoni fuq l-istess aċċess permezz ta' superviżjoni);*

*(2) Stante li din l-Onorabbli Qorti, permezz ta' Digriet datat il-15 ta' Ġunju 2015 fl-atti tal-medjazzjoni numru 552/15,[140] ordnat, inter alia, li pendente lite l-awtorità ta' ġenitur fuq il-minuri tiġi eżerċitata konġuntivament miż-żewġ ġenituri u dan id-Digriet għadu in vigore sal-lum;*

*(3) Stante li l-intimat jirriżulta li qatt ma naqas milli jieħu ħsieb lil bintu kemm b'mod finanzjarju kif ukoll minn lat ta' edukazzjoni;*

*Allura l-esponenti umilment tissottometti li m'hemmx lok u l-estremi neċessarji sabiex jiġi applikat l-Artikolu 154 tal-Kap. 16 kontra l-istess intimat. L-esponenti tirrileva li jkun inġust u ċertament mhux fl-interessi tal-minuri li l-intimat jiġi maqtugħ kompletament minn kull deċiżjoni relatata mal-minuri u ma jkollu l-ebda forma t'awtorita' fuq l-istess minuri, meta l-istess intimat bil-mod tiegħu, xorta waħda ħa ħsieb lill-minuri u dejjem wera interess fiha.*

9. **Kura u Kustodja tal-Wild**

[140] Esebit a fol 10 tal-proċess

*Illi l-esponenti tirrileva li talbiet relatati mal-kura u l-kustodja tal-minuri għandhom dejjem jiġu deċiżi skond il-prinċipju ta' x'inhu fl-aħjar interessi tal-minuri. F'dan l-istadju l-esponenti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet* ***M. Bonnici vs Onor J. Raynaud***[141] *fejn ġie dikjarat li "**Il-prinċipju li għandu jipprimeġġja, meta l-Qorti tiġi biex tagħti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suġġerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għall-interess tal-istess tfal**" kif ukoll għall-kawża fl-ismijiet* ***Dr. V. Randon vs J. Randon***[142] *u* ***Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino***[143] *fejn ġie ritenut li "**r-regola ġenerali f'din il-materja hi l-aħjar interess u vantaġġ tat-tfal**".*

*Tenut kont ta' dak suespost, jirriżulta allura li l-esponenti trid neċessarjament tasal għall-konklużjoni tagħha dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri skond il-prinċipju tal-aħjar interessi tagħha. Mill-atti ċertament jirriżulta li l-kwistjonijiet relatati mal-minuri kienu l-bone of contention bejn il-partijiet u li l-intimat qatt ma wera xi nuqqas t'interess f'bintu. Anzi wera konsistenza, interess u ħeġġa li jibqa' f'ħajjitha u li jkun involut fid-deċiżjonijiet kollha relatati mal-istess minuri. Huwa minnu li l-intimat ma ntavolax kontro-talba da parti tiegħu sabiex jingħata l-kura u l-kustodja tal-istess minuri (anzi jiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tibqa' konġunta bejn il-partijiet) iżda dan ma jfissirx li d-deċiżjoni relatata mal-kura u l-kustodja għandha neċessarjament tingħata lil dik il-parti li tkun qed titlobha għaliex huwa fid-dover u fl-obbligu tal-Onorabbli Qorti li tasal għal tali deċiżjoni skond dak li huwa fl-aħjar interessi tal-minuri. Minkejja dan kollu, l-esponenti, wara li rat id-diversi dokumenti preżentati (inkluż iżda mhux limitatament għas-sentenza finali li ingħatat fil-konfront tal-intimat) wara li semgħet ix-xhieda prodotti u rat ukoll ir-rapporti tal-professjonisti, hija tal-umli opinjoni li hu fl-aħjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tibqa' konġunta bejn il-partijiet. Dan qiegħed jingħad ukoll għaliex jirriżulta ċar (anke mir-rapporti tal-esperti u l-Aġenzija Appoġġ li hemm relazzjoni pożittiva bejn il-missier u l-bint) u fuq kollox għaliex hu evidenti mill-proċess li l-istess intimat verament irid ikun parti integrali tal-minuri tant li minkejja d-diffikultajiet li nqalgħu fil-mori tal-proċeduri odjerni, l-istess intimat baqa' jżomm sod u baqa' konsistenti fil-karba tiegħu li jkollu aktar ħin ma' bintu u li tali ħin ikun wieħed ta' kwalita' għalkemm irid jingħad li kien hemm żmien ta' madwar sentejn fejn l-istess intimat ma kienx jeżerċita l-aċċess tiegħu għall-minuri bi protesta għax dejjem ħass li ma kellux għalfejn jiġi ordnat li l-aċċess iseħħ taħt superviżjoni. Hu minnu li l-attitudni li ħa l-intimat f'dak il-perjodu li ma jarax lil bintu ma kienitx tajba iżda jirriżulta li wara dak iż-żmien l-aċċess reġa' beda jiġi eżerċitat u għalhekk minkejja kollox, ir-relazzjoni ta' bejn il-missier u l-bint illun hi eżistenti. Hu minnu wkoll li bejn il-partijiet m'hemmx xi relazzjoni tajba jew pożittiva jew komunikazzjoni tajba iżda se mai din hija problema*

[141] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1947, Vol. 33D 1947

[142] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1972

[143] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1972

*li trid tissolva bejn l-istess partijiet u mhux a skapitu tat-tifla li jirriżulta li tixtieq li jkollha lil missierha f'ħajjitha. Wara kollox tibqa' dejjem miftuħa l-possibilita' li jekk il-partijiet ma jaqblux, tiddeċiedi din l-Onorabbli Qorti.*

*L-esponenti f'dan l-istadju tagħmel referenza għan-nota t'osservazzjonijiet tal-attriċi fejn f'paġna 11 tagħmel diversi mistoqsijiet retoriċi u assunzjonijiet m'iben l-intimat (terz għall-proċeduri) u tixtieq tissottometti li fl-ewwel lok, tali wild m'huwiex parti minn dawn il-proċeduri u li anke jekk verament jirriżulta li ma' tali wild l-intimat m'għandu ebda relazzjoni, mill-atti jirriżulta li ċertament dan mhux il-każ mal-minuri wild il-partijiet u mertu tal-proċeduri odjerni. L-esponenti tirrileva wkoll li b'differenza għar-residenza u anke l-aspett t'aċċess (li se jiġi diskuss aktar 'il quddiem u li l-esponenti tifhem li l-minuri trid tiġi protetta akkost ta' kollox minn kwalunkwe perikolu li jista' jpoġġiha fih missierha), m'hemm xejn mill-atti li jindika li l-intimat mhux kapaċi jieħu deċiżjonijiet li huma fl-interess tal-minuri b'mod konġunt mal-omm. Dak li jirriżulta mill-atti hu li l-partijiet għandhom problema ta' komunikazzjoni bejniethom u anke sens ta' pika li allura jwassal lill-esponenti biex tara li l-problema tibqa' bejn l-istess ġenituri u mhux bejn xi wieħed mill-ġenituri u l-minuri. Fid-dawl ta' dan l-esponenti umilment tissottometti li jkun għaqli li l-partijiet jiġi ordnati jagħmlu co-parenting course sabiex jitgħallmu u jifhmu kemm hu importanti li jiġbdu ħabel wieħed għall-anqas dwar id-deċiżjonijiet importanti fuq il-minuri. Hu fid-dawl ta' dan kollu li l-esponenti umilment tissottometti wkoll li ma tara l-ebda raġuni għala l-kura u l-kustodja tal-minuri m'għandhiex tibqa' b'mod konġunta bejniethom partiklarment kwantu għad-deċiżjonijiet straordinarji ta' saħħa, edukazzjoni u safar (inkluż il-ħruġ tal-passaport) b'dan pero' li l-attriċi tiġi awtorizzata li tintavola waħedha kwalunkwe dokument u formoli mitluba mill-iskola, attivitajiet extra-kurrikulari u Mużew għal xi forma ta' kunsens bħal per eżempju ħarġiet eċċ għal finijiet ta' prattiċita'.*

## 10. ***Residenza tal-Minuri***

*Permezz ta' parti tal-ħames Talba Attriċi, din tal-aħħar qed titlob dikjarazzjoni li l-minuri tgħix magħha. Da parti tiegħu l-intimat ma joġġezzjonax għal din il-parti tat-talba. Għalhekk jirriżulta li bejn il-partijiet hemm qbil li r-residenza tal-minuri għandha tkun mal-kompareni omm.*

*Jibqa' pero' l-fatt li mhux biżżejjed li l-partijiet ikunu qed jaqblu bejniethom għaliex wara kollox kull deċiżjoni relatata mal-minuri trid tittieħed fl-aħjar interessi tal-istess minuri. Huwa proprju għalhekk li f'dan l-istadju l-esponenti ser tersaq sabiex tiddiskuti jekk hux fl-aħjar interessi tal-minuri li tgħix mal-attriċi ommha.*

*Tenut kont tas-segwenti fatti u provi li jirriżultaw mill-proċess u ċioe':*

1. *Illi l-minuri ilha tgħix mal-Attriċi omm għal numru ta' snin u jekk ikun hemm bdil drastiku dan ser ikollu riperkussjonijiet negattivi fuq l-istess bint partikolarment in vista tal-kondizzjoni tal-istess minuri;*

2. *Illi l-intimat għadu ma fehemx jew m'aċċettax il-bżonnijiet u l-kondizzjoni tal-minuri kif jixhdu l-esperti u għalhekk bdil ta' residenza żgur li ma jkunx ta' ġid għall-istess minuri;*

3. *Illi l-intimat għandu fil-konfront tiegħu sentenza kriminali (res judicata) ta' child porn li dwarha instab ħati fuq ammissjoni tiegħu stess. Fid-dawl ta' dan il-fatt u fid-dawl tal-fatt li l-esponenti ma tifhimx kif wieħed jista' jasal biex jammetti akkuża ta' din il-portata (kif fil-fatt għamel quddiem il-Qorti tal-Maġistrati) biex imbagħad f'dawn il-proċeduri jibqa' jisħaq li dan ma kienx materjal tiegħu. Fil-kuntest ta' dan kollu l-esponenti umilment tissottometti li ma temminx u ma tagħtix kredibilita' lill-intimat fuq tali proċeduri. L-esponenti għalhekk ma temminx li tali materjal ma kienx tiegħu u lanqas temmen li l-ammissjoni ma kienitx waħda vera. Wara kollox l-esponenti quddiemha għandha sentenza ta' ħtija li għaddiet in ġudikat u għalhekk tali sentenza żgur li ma tistax tiġi skartata.*

*B'dawn il-fatti kollha quddiemha l-esponenti ma tarax kif qatt jista' jkun ta' ġid u fl-aħjar interessi tal-minuri li din tal-aħħar tkun tirrisjedi mal-istess missier (għalkemm kif ingħad aktar 'il fuq, hu stess ma ressaq tali talba ta' din ix-xorta) u dan anke għaliex ir-riskju li l-istess minuri tiġi esposta għal xi materjal simili jibqa' preżenti. Aktar minn hekk, il-minuri trid tiġi protetta fis-sens li għalissa, sakemm ikollha żmien biżżejjed biex tifhem x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin, ma tkunx waħedha fil-preżenza tal-missier (kif ser jiġi diskuss fis-sezzjoni marbuta mal-aċċess) u dan sabiex fid-dawl tal-provi mressqa, l-minuri ma titpoġġiex f'xi perikolu. Tenut kont ta' dan kollu u taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ ċertament li l-minuri tirrisjedi mal-intimat mhux konċepibbli u ċertament mhux fl-aħjar interessi tagħha għaliex l-esponenti umilment tissottometti li wieħed m'għandux jistenna li jsir xi akkadut ikrah fuq il-minuri biex din tal-aħħar tiġi protetta. Protezzjoni lill-minuri għandha tingħata dejjem aħseb u ara f'ċirkustanzi fejn hemm possibilita' serja u reali ta' dannu għaliha.*

*Hu proprju għalhekk li l-esponenti umilment tissottometti li hu fl-aħjar interess tal-minuri li tibqa' tgħix u residenti mal-attriċi ommha.*

11. ***<u>Aċċess għall-Minuri</u>***

*Permezz tas-Sitt Talba Attriċi, din l-Onorabbli Qorti qiegħda tiġi mitluba sabiex l-aċċess tal-intimat ikun b'superviżjoni. Min-naħa l-oħra, l-intimat mhux talli ma jaqbilx talli permezz tar-raba' kontro-talba tiegħu qiegħed jitlob li l-aċċess ikun liberu u jkun hemm ukoll sleepovers.*

*L-esponenti tirrileva li dan l-aspett tal-kawża kien l-akbar diffikulta' u diżgwid ta' bejn il-partijiet u dan jixhduh in-numru ta' rikorsi li ġew intavolati dwar l-aċċess u n-numru t'esperti li ġew nominati biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet relatati mal-minuri huma verament fl-aħjar interessi tagħha.*

*L-esponenti tagħmel referenza għall-aħħar Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti li jirriżulta mill-proċess u ċioe' dak tal-1 ta' Diċembru 2021*[144] *fejn din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba attriċi li l-aċċess bejn il-minuri u l-missier ikun fl-istess ġranet tal-aċċess bejn il-minuri u n-nanniet paterni b'dan li l-missier ikollu siegħa waħdu mal-minuri kull darba u b'dan li ma jitnaqqasx il-ħin li l-missier għandu mal-minuri. Ġie ordnat li l-aċċess tal-minuri man-nanniet paterni jkun nhar ta' Tlieta u ta' Ħamis bejn l-4.00pm u l-5.00pm u aċċess tal-missier ikun fl-istess ġranet, b'dan li jkollu siegħa waħdu mal-minuri bejn is-6.00pm u s-7.00pm u jkollu aċċess ukoll fil-weekend is-Sibt bejn l-10.00am u nofsinhar, dejjem taħt superviżjoni. Tenut kont tal-fatt tas-segwenti fatti u ċioe' :*

1. *Il-fatt li l-intimat ammetta mal-espert Dr. Roberta Holland li kellu fil-pussess tiegħu numru kbir ta'n pornografija tat-tfal u li m'għarafx il-gravita' ta' dan, anzi he downplayed it;*

2. *Il-fatt li l-intimat mhux kredibbli meta jallega li ammetta għall-akkużi kriminali fil-konfront tiegħu minkejja li dawn ma kienux tiegħu;*

3. *Il-fatt li minkejja li Dr. Roberta Holland tixhed li m'hemm ebda evidenza xjentifika li tindika illi li wieħed jara l-pornografija tat-tfal iwettaq reati fuq it-tfal pero' mbagħad meta mistoqsija dwar dan in kontro-eżami, tiċċara li lanqas ma hemm evidenza li turi l-kontra, ossia illi li wieħed li jara porn ta' minuri huwa eskluż milli jagħmel l-att innifsu mal-minuri. Meta mbagħad wieħed ipoġġi tali dikjarazzjoni mal-kuntest tal-kawża odjerna fejn l-istess intimat ammetta u hemm sentenza kriminali kontrih ta' child porn ix-xenarju jinbidel u fl-umli opinjoni tal-esponenti r-riskju għall-minuri jikber mhux ftit;*

4. *Il-fatt li fil-mori tal-kawża u tal-professjonist kollha nvoluti, ħadd minnhom ma kien lest li jassumi r-responsabbilita' u jiddikjara li l-intimat kellu jkun WAĦDU mingħajr ebda forma ta' superviżjoni tant li minkejja l-varjazzjonijiet fl-aċċess fil-mori tal-istess kawża, s-superviżjoni baqa' kostanti speċjalment wara żewġ inċidenti fejn il-minuri marret id-dar bil-ħwejjeġ maqlubin;*

5. *Il-fatt li l-intimat ċertament ma kienx ser jammetti ma' l-ebda espert li kellu xewqat jew ħsibijiet fuq minuri (għaliex jaf li jekk jagħmel hekk kien ser jitlef definittivament il-'ġlieda' tiegħu fuq il-minuri) u għalhekk l-esponenti tieħu d-dikjarazzjonijiet tiegħu fid-dawl ta' dan il-fatt;*

6. *Il-fatt li l-obbligu tagħha bħala Perit Legali f'din il-kawża u naturalment l-obbligu ta' din l-Onorabbli Qorti hu li l-minuri u l-pudur tagħha jiġi protett akkost ta' kollox u li wieħeda ma jistenniex li Alla Ħares Qatt ikun hemm xi akkadut qabel ma*

[144] Ara a fol 1244 tal-proċess

*tittieħed azzjoni. Tant hu hekk li din l-Onorabbli Qorti dejjem żammet l-aċċess tal-intimat taħt superviżjoni u l-esponenti umilment tissottometti li dan kien ġust u korrett u li s-sitwazzjoni għandha tibqa' l-istess għaliex missier li ma jara xejn ħażin fil-porn tat-tfal u li allura ma jifhimx ir-riperkussjonijiet dwar l-istess ma jistax jiġi afdat waħdu mal-minuri. Mhux għax neċessarjament ser jagħmel tali atti mal-istess minuri (jew li neċessarjament ikollu tali xewqat) imma anke għall-fatt li l-minuri tista' faċilment tiġi esposta għal tali porn li l-intimat ma jara xejn ħażin dwaru. Iddur fejn iddur l-esponenti umilment tissottometti li hemm wisq perikoli għall-minuri sabiex jittieħed ir-riskju li titħalla waħedha mal-istess intimat missier u għalhekk tħoss li jkun għaqli li l-aċċess tal-intimat jibqa' kif deċiż minn din l-Onorabbli Qorti fl-1 ta' Diċembru 2021 b'dan illi meta l-missier jitlef l-aċċess għall-minuri għal raġunijiet li mhux imputabbli lilu, jkun hemm replacement tas-sessjoni mitlufa.*

12. ***<u>Manteniment għall-Attriċi</u>***

*Permezz tas-Seba' Talba tagħha l-attriċi qiegħda titlob manteniment għaliha personalment u dan tagħmlu abbażi tal-fatt li hi tikkontendi li l-intimat hu responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ[145] kif anke jirriżulta min-nota t'osservazzjonijiet tagħha preżentata fid-19 ta' Settembru 2022.*

*L-esponenti umilment tissottometti li stante li:*

1. *Mill-atti jirriżulta (kif wara kollox diġa' ingħad aktar 'il fuq diversi drabi) li ż-żwieġ tal-partijiet ġie dikjarat null u bla effett u konsegwentment m'hemm ebda lok għal xi forma ta' dikjarazzjoni ta' responsabbilita' għat-tifrik taż-żwieġ;*

2. *Mill-atti jirriżulta li l-attriċi għandha impjieg u għalhekk hi finanzjarjament indipendenti*

*tali talba għandha tiġi miċħuda.*

13. ***<u>Manteniment għall-Minuri</u>***

*Illi permezz tat-Tmien Talba tagħha l-attriċi qed titlob manteniment għall-minuri stante li l-istess minuri tgħix magħha. Min-naħa tiegħu l-intimat jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni għal tali talba u konsegwentement jidher li fil-prinċipju hemm qbil bejn il-partijiet li għandu jitħallas manteniment da parti tal-intimat versu l-attriċi għall-bżonnijiet tal-minuri binthom. Naturalment il-fatt li min-naħa tiegħu l-intimat qiegħed 'jaqbel' ma' din it-talba ma jbiddel xejn mill-obbligi tiegħu u tal-attriċi bħala ġenituri għaliex anke li kieka ma jaqbilx, l-obbligu taż-żewġ ġenituri li jieħdu ħsieb lill-minuri jibqa' fis-seħħ.*

[145] Ara paġna 17 tan-nota t'osservazzjonijiet tal-attriċi a fol 1297 tal-proċess

*Għal finijiet ta' prattiċita', l-esponenti qed tiċċita Artikolu 3B(2)(a) tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:*

*"3B.(1)* ***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġskont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.***

***(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi,skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli lil-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq,ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:***

***(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena****";*

*Bl-emendi li saru fis-sena 2011, l-obbligu ta' ġenitur li jħallas il-manteniment għal uliedu ġie estiż sal-eta' ta' 23 sena dejjem diment li l-istess wild ikun / tkun qed jistudja / tistudja fuq bażi full-time.*

*Abbażi ta' dan kollu allura l-esponenti issa ser tgħaddi sabiex tagħmel il-likwidazzjoni relattiva għall-istess manteniment tal-minuri.*

*L-esponenti tagħmel referenza għad-Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-5 ta' Ġunju 2020 fejn il-manteniment pagabbli mill-intimat ġie varjat fis-sens li ġie jinkludi wkoll sehemu l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni għall-minuri u għalhekk ġie ordnat iħallas is-somma ta' €300 kull 4 ġimgħat[146]. Dan hu l-aħħar Digriet in vigore bejn il-partijiet. Permezz tan-nota t'osservazzjonijiet tagħha l-attriċi tikkontendi li tali somma m'hijiex biżżejjed għall-minuri in vista tal-fatt li l-istess minuri għandha bżonnijiet aktar speċjali minn tfal oħra peress li tbati mill-kondizzjoni ta' cleft pallette, awtiżmu u displazia u għalhekk ikollha aktar visti mediċi u spejjeż relatati mas-saħħa tal-minuri inkluż fosthom speech therapy, occupational therapy, iċ-Child Development Assessment Unit (CDAU), psychologist, u physiotherapy għal saqajha għax għandha mobility issues. L-esponenti tifhem li hemm servizzi minn dawn imsemmija li huma provduti b'xejn mill-Gvern pero' tifhem ukoll li l-istess minuri jkollha bżonn għajnuna b'mod privat kif wara kollox tiddikjara l-istess attriċi fix-xhieda tagħha u kif l-esponenti tħoss li jkun fl-aħjar interessi tal-minuri f'każ li per eżempju jkun hemm waiting lists twal jew f'każ li jkun hemm bżonn t'aktar sapport għall-istess minuri sabiex tilħaq il-potenzjal tagħha u jkollha s-sapport meħtieġ.*

*L-esponenti umilment tissottometti li in vista tal-fatt li:*

---

[146] Ara a fol 1146 tal-proċess

1. *Il-minuri għandha bżonnijiet aktar speċjali u hemm numru ta' speċjalisti nvoluti;*

2. *Il-minuri għandha d-dritt li tingħata l-għajnuna u s-sapport kollu meħtieġ sabiex tilħaq il-potenzjal tagħha u sabiex kemm jista' jkun tgħix ħajja indipendenti;*

3. *M'hemm ebda dubju li l-attriċi qed tagħmel aktar mill-aħjar li tista' għall-istess minuri sabiex tara li dejjem tmur 'il quddiem tant li l-esponenti tifhem li s-somma ta' €300 fiċ-ċirkustanzi partikolari tagħha m'humiex biżżejjed u li għalhekk qiegħda terfa' ħafna mill-piż finanzjarju hi;*

4. *L-intimat baqa' ma ddikjarax il-veru introjtu tiegħu meta ġie mistoqsi dwar dan u rrisponda li jrid ikellem lill-accountant. Il-kwistjoni tibqa' li fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ fejn il-minuri għandha bżonnijiet aktar speċjali, l-esponenti umilment tissottometti li l-intimat għandu jerfa' l-istess piż għal bintu bħal ma qiegħda terfa' l-attriċi u konsegwentement il-manteniment għandu jirrifletti dan;*

*l-esponenti umilment tissottometti li l-manteniment għall-istess wild għandu jgħola għal €500 kull 4 ġimgħat, liema manteniment jinkludi sehem l-intimat mill-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari u liema manteniment għandu jgħola skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja kull sena u jitħallas permezz ta' standing order direttament għal kont bankarju indikat mill-attriċi. Tali manteniment għandu jibqa' dovut lill-istess attriċi sakemm il-minuri tagħlaq l-eta' ta' 18 -il sena di fermo u f'każ li jirriżulta li l-istess minuri tibqa' tistudja fuq bażi full-time tali manteniment jibqa' fis-seħħ sal-eta' massima ta' 23 sena. F'każ li l-wild, wara li tagħlaq l-eta' ta' 18 -il sena, tistabilixxi residenza għaliha u tkun għadha qed tistudja fuq bażi full-time allura tali manteniment għandu mbagħad jinqasam bejn iż-żewġ partijiet u jkun jitħallas direttament lill-istess wild u dan dejjem sal-eta' massima ta' 23 sena.*

14. ***Ordni dwar spejjeż ta' Saħħa, Edukazzjoni u Attivitajiet Extra-Kurrikulari***

*L-esponenti tagħmel referenza ampja għal dak ċitat aktar 'il fuq b'mod partikolari għal dak kif spjegat taħt il-paragrafu intitolat 'Manteniment għall-Minuri' fejn l-esponenti kkonfermat li fl-umli opinjoni tagħha jkun għaqli li l-manteniment li għandu jħallas l-intimat għandu jkun jinkorpora fih sehemu mill-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari stante li l-komunikazzjoni bejn il-partijiet m'hijiex waħda tajba u stante li fiż-żmien li l-manteniment ma kienx jinkludi tali spejjeż, irriżultaw numru ta' problemi bejn l-istess partijiet. Apparti minn hekk, jidher li l-minuri tattendi diversi sessjonijiet ma' diversi professjonisti differnti u għalhekk, anke għal finijiet ta' prattiċita', s-sitwazzjoni preżenti ta' manteniment li jinkorpora fih l-ispejjeż kollha għandu fl-umli opinjoni tal-esponenti jibqa' fis-seħħ, naturalment fl-ammont li qed jiġi suġġerit aktar 'il fuq.*

15. ***Ordni dwar il-Benefiċċji Soċjali relatati mal-Minuri***

*Illi permezz tal-10 talba tagħha, l-attriċi qed titlob li kwalunkwe benefiċċju soċjali bħal per eżempju c-children's allowance jew kwalunkwe benefiċċju ieħor li tista' tkun intitolata għalih il-minuri, jiġi perċepit minnha stess bħala l-omm. Da parti tiegħu l-intimat m'għandu l-ebda oġġezzjoni għal dan. L-esponenti umilment tissottometti li stante li kif ingħad aktar 'il fuq, il-minuri ser tirrisjedi mal-omm u stante li hu l-intimat li ser jivversa l-manteniment għal bintu lill-omm, allura għandu jreġi u jsegwi li kwalunkwe benefiċċju li jista' jiġi perċepit għall-minuri għandu jiġi pperċepit mill-omm b'mod esklussiv.*

16. ***Ix-Xoljiment u tal-Komunjoni tal-Akkwisti***

*Illi jrid jingħad li din it-talba ġiet survolata permezz ta' sentenza li għaddiet in ġudikat nhar is-26 t'Ottubru 2016 meta din l-Onorabbli Qorti tterminat il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u konsegwentement minn dak inhar 'il quddiem, kull parti f'din il-kawża kellu s-seta' u l-awtorizazzjoni jagħmel atti straordinarji mingħajr il-kunsens, l-approvazzjoni jew il-firma tal-parti l-oħra u kull attiv jew passiv inkorsi mid-data msemmija 'l quddiem naturalment saru tal-istess parti li tkun akkwistathom jew inkorriethom.*

*In vista ta' tali sentenza l-esponenti umilment tissottometti li din it-talba (li dwarha l-partijiet kienu qed jaqblu) hija ormai survolata u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.*

17. ***Il-Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti***

*Illi permezz tat-talbiet attriċi numru 12 san-numru 14 l-attriċi qed tagħmel talbiet li huma kollha relatati mal-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti filwaqt li permezz tat-talbiet tagħha numru 16 u 17 l-attriċi qed tagħmel talbiet li huma relatati ma' dak li tallega li hu parafernali tagħha u għalhekk għal finijiet ta' prattiċita' tali talbiet qed jiġu kumulati flimkien stante li dak li mhux formanti parti mill-komunjoni hu parafernali ta' xi wieħed jew waħda mill-partijiet u vice-versa. Da parti tiegħu l-intimat ukoll jitlob il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti permezz tat-tmien kontro-talba.*

*Jibda biex jingħad li l-partijiet ressqu provi fuq l-assi tagħhom fil-bidu tal-proċeduri u b'dan li l-focus prinċipali kien u baqa' l-aċċess fuq il-minuri. Kwantu għall-assi jirriżulta lill-esponenti li fiż-żwieġ u għalhekk formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti hemm is-segwenti:*

A. *Tax Refunds ta' €459, €802, €749 u €579 li ingħataw lill-intimat bħala the responsible spouse u għalhekk l-esponenti umilment tissottometti li l-attriċi għandha tingħata nofshom li jammontaw għal €1294.50;*

B. *Tax Refunds favur l-attriċi fl-ammont ta' €509 u €556 li ingħataw lill-attriċi u għalhekk l-esponenti umilment tissottometti li l-intimat għandu jingħata nofshom li jammontaw għal €532.50;*

C. *Il-vettura Mazda 323 intestata f'isem l-intimat. Stante li jirriżulta li l-intimat kellu vetturi qabel (inkluż vetturi qabel iż-żwieġ) filwaqt li l-attriċi m'għandha ebda vettura f'isimha, l-esponenti umilment tissottometti li l-intimat għandu jiġi assenjat tali vettura b'dan li jkun l-istess intimat li jkun responsabbli għal kwalunkwe liċenzja, polza u multa / penalita' abbinata mal-istess vettura;*

D. *3 investimenti konġunti ma' Rizzo Farrugia & Co Stock Brokers (Vincent Rizzo) fuq MSE Account 980478 (Dok. VR1[147]). Stante li dawn huma konġunti, kwalunkwe bilanċ li għad hemm dovut għandu jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet;*

E. *2 investimenti f'isem l-attriċi A B ma' Rizzo Farrugia & Co Stock Brokers (Vincent Rizzo) f'MSE account 9719997 (Dok. VR2)[148] li jidher li sar fiż-żwieġ. Jirriżulta ċar li fis-sena 2015 u ċioe' fis-sena li bdiet il-kawża odjerna, l-attriċi għamlet withdrawal ta' €75,000 u konsegwentement l-intimat għandu jiġi rifuż nofs tali ammont stante li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti;*

F. *Investiment f'isem il-konvenut ma' Rizzo Farrugia & Co Stock Brokers (Vincent Rizzo) fuq MSE Account 540463 (Dok. VR3)[149] li jidher li sar fiż-żwieġ. Jirriżulta li l-intimat għamel withdrawal ta' €52,257.81 u konsegwentement l-attriċi għandha tiġi rifuża nofs tali ammont stante li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti;*

G. *Ir-rigali li qalgħu fit-tieġ li l-intimat jgħid li kienu jammontaw għal €24,000. Għal fini ta' kompletezza jingħad li l-ammonti sostanzjali li jirriżultaw mill-kontijiet bankarji esebiti in atti se jiġu diskussi u msemmija u għalhekk kwalunkwe ammont li kien derivanti mir-rigali tat-tieġ u li ġew depożitati fil-kontijiet bankarji se jkunu kompriżi fl-istess eżerċizzju;*

H. *Kontijiet bankarji taż-żewġ partijiet. L-esponenti umilment tissottometti li ż-żewġ partijiet kellhom depożiti u withdrawals mill-kontijiet intestati f'isimhom u li tali ammonti kienu formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u konsegwentement għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti. Kwantu għal kontijiet li minnhom ma jirriżultawx xi ammonti kbar, l-esponenti umilment tissottometti li dawn għandhom jiġu assenjati lill-parti li jkunu intestati f'ismu / f'isimha. Kwalunkwe*

147 Esebit a fol 192 tal-proċess.
148 Esebit a fol 195 tal-proċess.
149 Esebit a fol 198 tal-proċess.

*kont konġunt għandu jingħalaq b'dan li r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet;*

I. *Pagament li tħallas lil terz (omm it-tifel li l-intimat għandu ma' terz li jisimha E) li tħallas fiż-żwieġ u għalhekk formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u li l-attriċi tikkontendi li kien fl-ammont ta' €49,127.48. Dwar il-fatt li sar il-pagament hemm qbil bejn il-partijiet iżda dwar l-ammont m'hemm ebda qbil b'dan li ħadd mill-partijiet ma ressaq prova konkreta dwar tali ammont. Fiċ-ċirkustanzi l-esponenti umilment tissottometti li stante li m'hemmx prova konkreta tal-ammont li tħallas mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet iżda għall-anqas hemm qbil li hu minnu li tali ftehim ġie ffirmat u sar xi forma ta' ħlas lil din it-terz, l-esponenti umilment tissottometti li arbitrio boni viri l-ammont li għandha tirkupra lura l-attriċi minn tali somma u ħlas għandu jkun ta' €20,000;*

J. *L-attriċi tikkontendi wkoll li flimkien mal-intimat nefqet madwar €40,238.46 f'mobbli għad-dar (liema dar hi parafernali tal-intimat kif ser jingħad aktar 'il quddiem) iżda dwar dan ma jitressqu ebda riċevuti jew provi konkreti ħlief id-dikjarazzjoni li l-attriċi stess u dokument preparat minnha li l-esponenti m'hijiex lesta li tistrieħ fuqu għaliex bl-akbar rispett lejn l-istess attriċi din ċertament m'hijiex l-aħjar prova. L-attriċi lanqas ittentat tressaq per eżempju lir-rappreżentanti tal-kumpaniji minn fejn inxtraw tali mobbli u għalhekk fiċ-ċirkustanzi, anke in mankanza ta' provi kuntrarji u anke fid-dawl tal-fatt li l-attriċi marret tgħix fi proprjeta' mingħajr xi forma ta' pagament versu l-istess dar, l-esponenti umilment tissottometti li tali ammont m'għandux ikun parti mid-diviżjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti;*

K. *L-attriċi tikkontendi wkoll li ċ-ċurkett tal-għerusija inxtara minn Card tagħha għall-ammont ta' €2000. L-attriċi tkun kawta biżżejjed li tgħid li tali ċurkett tħallas mill-card tagħha pero' ma telabora xejn aktar. Ma tgħidx per eżempju jekk tali flus ġewx rifużi mill-intimat (avolja l-ħlas sar mill-card tagħha). Ma tesebixxi l-ebda prova ta' tali ħlas lanqas. In vista ta' dan kollu l-esponenti umilment tissottometti li in mankanza ta' prova kuntrarja, l-ebda ammont m'hu dovut lill-attriċi kwantu għall-istess ċurkett;*

***<u>Porzjon A assenjabbli lill-Attriċi</u>:***

1. *Is-somma ta' €1294.50 rappreżentanti sehem l-attriċi mit-Tax Refunds li ingħataw lill-intimat;*

2. *Nofs kwalunkwe bilanċ mit-3 investimenti konġunti ma' Rizzo Farrugia & Co Stock Brokers (Vincent Rizzo) fuq MSE Account 980478 (Dok. VR1);*

3. *Is-somma ta' €26,128.90 rappreżentanti sehem l-attriċi (u ċioe' nofs is-somma ta' €52,257.81) mill-investiment tal-intimat ma' Rizzo Farrugia & Co Stock Brokers (Vincent Rizzo) fuq MSE Account 540463 (Dok. VR3)*[150] *u li l-istess intimat għamel withdrawal tiegħu;*

4. *Il-kontijiet bankarji f'isem l-attriċi;*

5. *Nofs kwalunkwe bilanċ minn kull kont bankarju konġunt bejn il-partijiet;*

6. *Is-somma ta' €2730.65 li tirriżulta li hi somma parafernali li kellha l-attriċi qabel iż-żwieġ u li tirriżulta minn Dok. AG2;*

7. *Is-somma ta' €7018.75 rappreżentanti sehem l-attriċi (u ċioe' nofs is-somma ta' €14,037.50) mill-withdrawal li għamel l-intimat fid-29 t'Ottubru 2013 mill-kont bankarju intestat f'ismu mal-HSBC esebit bħala Dok. AG8*[151]*;*

8. *Is-somma ta' €12,408 rappreżentanti sehem l-attriċi (u ċioe' nofs is-somma ta' €24,816) mill-investiment mal-Malta Stock Exchange f'isem l-intimat kif jirriżulta minn Dok. SC2*[152]*;*

9. *Is-somma ta' €7000 rappreżentanti sehem l-attriċi mill-ammont ta' €14,000 withdrawn mill-intimat fis-sena 2015 kif jirriżulta minn Dok. AG8*[153]*;*

10. *Is-somma ta' €2150 rappreżentanti sehem l-attriċi mill-ammont ta' €4,300 withdrawn mill-intimat fis-sena 2015*[154]*;*

11. *Is-somma ta' €1310 rappreżentanti sehem l-attriċi mill-ammont ta' €2,620 withdrawn mill-intimat f'Marzu tas-sena 2016*[155]*;*

12. *Is-somma ta' €20,000 li jirrappreżenta sehem l-attriċi mis-somma akbar li tħallset lil din it-terz bħala manteniment għall-minuri iben l-intimat, liema somma qed tiġi likwidata arbitrio boni viri*[156] *għaliex lanqas biss twassal għal manteniment t'10 snin abbażi tal-minimu stabbilit u ċioe' €200 fix-xahar;*

[150] Esebit a fol 198 tal-proċess
[151] Ara afol 568 tal-proċess
[152] Esebit a fol 639 tal-proċess
[153] Ara a fol 596 tal-proċess
[154] Ara a fol 600 tal-proċess
[155] Ara a fol 612 tal-proċess
[156] Tali ammont lanqas biss jinkludi l-manteniment għal

***Porzjon B assenjabbli lill-Intimat*:**

1. *Is-somma ta' €532.50 rappreżentanti sehem l-intimat mit-Tax Refunds li ingħataw lill-attriċi;*

2. *Il-vettura Mazda 323 bin-numru ta' reġistrazzjoni TLC 021;*

3. *Nofs kwalunkwe bilanċ mit-3 investimenti konġunti ma' Rizzo Farrugia & Co Stock Brokers (Vincent Rizzo) fuq MSE Account 980478 (Dok. VR1);*

4. *Is-somma ta' €37,500 rappreżentanti sehem l-intimat (u ċioe' nofs is-somma ta' €75,000) mill-investiment f'isem l-attriċi mill-investiment f'isem l-attriċi ma' Rizzo Farrugia & Co Stock Brokers (Vincent Rizzo) f'MSE account 9719997 (Dok. VR2)[157];*

5. *Nofs kwalunkwe bilanċ minn kull kont bankarju konġunt bejn il-partijiet;*

6. *Is-somma ta' €20,300 rappreżentanti sehem l-intimat (u ċioe' nofs is-somma ta' €40,600) mill-withdrawal li għamlet l-attriċi fis-sena 2011 mill-kont bankarju intestat f'isimha mal-HSBC esebit bħala Dok. AG2;*

7. *Il-kontijiet bankarji f'isem l-intimat;*

8. *Is-somma ta' €9052.62 rappreżentanti sehem l-intimat (u ċioe' nofs is-somma ta' €18,105.25) mir-redemption li għamlet l-attriċi fiż-żwieġ u li jirriżulta mid-dokument esebit mir-rappreżentant tal-HSBC u mmarkat bħala Dok. AG5;*

9. *Is-somma ta' €9800 rappreżentanti sehem l-intimat (u ċioe' nofs is-somma ta' €19,600) mill-investiment mal-Malta Stock Exchange[158];*

10. *Il-mobbli kollha li jinsabu fid-dar ġia matrimonjali u ċioe' l-appartament ta' B'Kara, proprjeta' parafernali tal-intimat għandhom jitqiesu bħala l-proprjeta' esklussiva tal-intimat.*

18. ***It-Talba sabiex l-Attriċi tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali waħedha ad esklużjoni tal-intimat li min-naħa tiegħu għandu jiżgombra***

*Illi permezz tal-ħmistax -il talba tagħha, l-attriċi qed titlob l-awtorizazzjoni sabiex tibqa' tgħix fid-dar ġia matrimonjali ad esklużjoni tal-intimat.*

[157] Esebit a fol 195 tal-proċess

[158] Ara a fol 635

*Jibda biex jingħad li hemm qbil bejn il-partijiet li tali proprjeta' hija l-proprjeta' parafernali tal-intimat stante li minn kif jiddikjaraw il-partijiet stess, kien akkwista l-istess proprejta' qabel iż-żwieġ. Hemm qbil ukoll li tali proprjeta' kienet id-dar matrimonjali tal-partijiet iżda kif diġa' ingħad aktar 'il fuq, stante li ż-żwieġ bejn il-partijiet ġie dikjarat null ma kienx għaqli u ma kienx jagħmel legalment sens li l-esponenti tidħol fi kwistjonijiet ta' responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ u konsegwentement ma kienx jagħmel sens lanqas li l-attriċi tingħata drittijiet t'użu u abitazzjoni fuq dar parafernali ta' żewġha abbażi ta' żwieġ li ġie dikjarat null. Għalhekk, li l-attriċi tiġi awtorizzata tibqa' tgħix fl-istess dar ma jkunx ġust u dan anke fid-dawl tal-fatt li l-istess attriċi ilha li ħarġet mill-istess dar mill-20 ta' Mejju 2015.*

*Fid-dawl ta' dan kollu l-esponenti umilment tissottometti li t-talba attriċi hekk kif dedotta u diskussa taħt dan it-titolu għandha tiġi miċħuda.*

19. ***It-Talba sabiex l-Attriċi tingħata l-effetti personali, dotali u parafernali tagħha***

*Illi l-esponenti umilment tissottometti li dak kollu li hu parafernali jew formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ġie diskuss, diviż u likwidat aktar 'il fuq taħt il-paragrafu intitolat 'Il-Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti' u konsegwentement tali talba hija inkorporata fl-istess. Dan neċessarjament ifisser li din it-talba attriċi għandha tiġi milqugħa limitatament skond dak diskuss aktar 'il fuq fl-istess imsemmi paragrafu.*

20. ***Talba sabiex l-Attriċi tirriverti lura għal kunjom xbubitha u ċioe' Bonnici;***

*Illi permezz tat-18 -il talba tagħha, l-attriċi qed titlob li tiġi awtorizzata tirriverti lura għal kunjom xbubitha. Min-naħa tiegħu l-intimat jiddikjara li m'għandu ebda oġġezzjoni għal dan. L-esponenti umilment tissottometti li stante li ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ġie dikjarat null u għalhekk f'għajnejn il-liġi qatt m'eżista, tali talba għandha tiġi milqugħa (għalkemm hija kwistjoni legalment naturali għaliex ma jagħmilx sens legali li l-attriċi tibqa' tħaddan il-kunjom taż-żwieġ meta tali żwieġ qatt m'eżista).*

21. ***Talba sabiex din l-eventwali sentenza tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku***

*Illi permezz tad-19 -il talba tagħha, l-attriċi qed titlob li l-eventwali sentenza tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku. Dwar tali talba jidher li l-partijiet qiegħdin jaqblu u l-esponenti ma tara ebda raġuni għala l-istess talba m'għandhiex tiġi milqugħa speċjalment in vista tal-fatt li x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u dejn gravanti l-istess komunjoni jew tal-partijiet jista' jkollu effett fuq terzi.*

22. ***Talba da parti tal-Intimat Rikonvenzjonant għal Dikjarazzjoni li d-Dar Matrimonjali hija proprjeta' parafernali tiegħu;***

*Illi permezz tad-Disa' Talba tal-Kontro-Talba tiegħu l-intimat qiegħed jitlob dikjarazzjoni li d-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernali tiegħu. Min-naħa tagħha l-attriċi rikonvenzjonata taqbel ma' dan (għalkemm iżżomm ferm it-talba tagħha sabiex tiġi awtorizzata tgħix fl-istess dar ad esklużjoni tiegħu).*

*Kif ingħad aktar 'il fuq meta l-esponenti ddiskutiet il-ħmistax -il talba attriċi (fejn talbet l-awtorizazzjoni sabiex tibqa' tgħix fid-dar ġia matrimonjali ad esklużjoni tal-intimat), irid jingħad li stante li ż-żwieġ bejn il-partijiet ġie dikjarat null ma kienx għaqli u ma kienx jagħmel legalment sens li l-esponenti tidħol fi kwistjonijiet ta' responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ u konsegwentement ma kienx jagħmel sens lanqas li l-attriċi tingħata drittijiet t'użu u abitazzjoni fuq dar parafernali ta' żewġha abbażi ta' żwieġ li ġie dikjarat null. Ġialadarba hemm qbil li d-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernali tal-intimat stante li ġiet akkwistata minnu qabel iż-żwieġ u stante wkoll li l-istess attriċi ilha li ħarġet mill-istess dar mill-20 ta' Mejju 2015, għandu jkun l-intimat li jgawdi, jgħix, jagħmel użu u jabita fl-istess fond u dan ad esklużjoni tal-attriċi.*

*Fid-dawl ta' dan kollu l-esponenti umilment tissottometti li d-disa' talba tal-kontro-talba tal-intimat għandha tiġi milqugħa.*

23. ***<u>Talba da parti tal-Intimat Rikonvenzjonant għal Nomina ta' Nutar sabiex jippublika l-Att relattiv tal-evenwali qasma</u>***

*Illi permezz tal-għaxar kontro-talba tiegħu l-intimat qed jitlob li din l-Onorabbli Qorti tinnomina Nutar sabiex ikun jista' jippublika l-att relattiv tal-qasma u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Stante pero' li jirriżulta lill-esponenti li m'hemm ebda trasferiment ta' proprjeta' immobbli (stante li l-unika proprjeta' immobbli li ssemmiet hija proprjeta' parafernali tal-intimat u li ser tibqa' proprjeta' esklussiva tiegħu) ebda bżonn ta' ebda kuntratt pubbliku u għalhekk m'hemm ebda bżonn li jiġi nominat Nutar.*

*Fid-dawl ta' dan kollu din it-talba għandha tiġi miċħuda.*

***<u>Konklużjoni</u>***

*Illi għalhekk, mill-provi kollha prodotti u fil-fehma umli ta' l-esponenti, din l-Onorabbli Qorti għandha:*

1. *Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-Ewwel Talba attriċi u l-parti tal-Ewwel talba tal-kontro-talba relatata mar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ;*
2. *Tastjeni milli tieħi konjizzjoni tat-Tieni Talba attriċi u u l-parti tal-Ewwel talba tal-kontro-talba relatata mal-pronunzja ta' separazzjoni;*
3. *Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-Tielet Talba attriċi u t-Tieni Talba tal-kontro-talba;*

4. *Tiċħad ir-raba' Talba attriċi;*

5. *Tilqa' l-ħames Talba attriċi limitatament u Tilqa' t-Tielet talba tal-kontro-talba fis-sens li tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tibqa' konġunta bejn il-partijiet b'dan pero' li r-residenza tal-istess minuri għandha tkun mal-Attriċi omm;*

6. *Tilqa' s-Sitt Talba attriċi b'dan li l-aċċess għall-intimat ikun skond kif imsemmi aktar 'il fuq u skond id-Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-1 ta' Diċembru 2021 dejjem taħt superviżjoni tal-ħaddiema tal-Aġenzija Appoġġ b'dan illi meta l-missier jitlef l-aċċess għall-minuri għal raġunijiet li mhux imputabbli lilu, jkun hemm replacement tas-sessjoni mitlufa. Konsegwentment ir-raba' kontro-talba tal-intimat dwar l-aċċess għandha tiġi milqugħa limitatament b'dan il-mod ukoll;*

7. *Tilqa' t-Tmien u d-Disa' Talbiet attriċi u l-ħames u s-Sitt Kontro-Talbiet tal-intimat b'dan li tillikwida manteniment għall-istess attriċi versu l-minuri fl-ammont ta' €500 kull 4 ġimgħat, liema manteniment jinkludi sehem l-intimat mill-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari u liema manteniment għandu jgħola skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja kull sena u jitħallas permezz ta' standing order direttament għal kont bankarju indikat mill-attriċi. Tali manteniment għandu jibqa' dovut lill-istess attriċi sakemm il-minuri tagħlaq l-eta' ta' 18 -il sena di fermo u f'każ li jirriżulta li l-istess minuri tibqa' tistudja fuq bażi full-time tali manteniment jibqa' fis-seħħ sal-eta' massima ta' 23 sena. F'każ li l-wild, wara li tagħlaq l-eta' ta' 18 -il sena, tistabilixxi residenza għaliha u tkun għadha qed tistudja fuq bażi full-time allura tali manteniment għandu mbagħad jinqasam bejn iż-żewġ partijiet u jkun jitħallas direttament lill-istess wild u dan dejjem sal-eta' massima ta' 23 sena.*

8. *Tilqa' l-għaxar talba attriċi;*

9. *Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħdax -il talba attriċi u s-seba' kontro-talba;*

10. *Tilqa' t-tnax talba attriċi u t-tmien kontro-talba tal-intimat limitatament skond kif spjegat taħt it-titolu '**<u>Il-Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'</u>**;*

11. *Tilqa' t-tlettax talba attriċi limitatament skond kif spjegat taħt it-titolu '**<u>Il-Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'</u>**;*

12. *Tilqa' l-erbatax it-talba attriċi limitatament skond kif spjegat taħt it-titolu '**<u>Il-Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'</u>**;*

13. *Tiċħad il-ħmistax -il talba attriċi u konsegwentement tilqa' d-disa' talba tal-kontro-talba;*

14. *Tilqa' s-sittax u s-sbatax -il talba attriċi limitatament skond kif spjegat taħt it-titolu '**<u>Il-Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'</u>**;*

15. *Tiċħad l-għaxar kontro-talba stante li m'hemm ebda bżonn ta' ebda kuntratt pubbliku stante li m'hemm ebda trasferiment ta' proprjeta' immobbli.*

*Bl-ispejjeż kontra ż-żewġ partijiet b'mod ugwali.*

*Tant għandha l-unur tissottometti l-esponenti għas-savju u superjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

<u>L-Azzjoni Odjerna</u>

Il-Qorti għandha quddiemha kawża u kontro-talba ta' separazzjoni bejn il-partijiet bl-applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, talbiet speċifiċi sabiex il-partijiet jiġu ordnati rispettivament sabiex jirritornaw lura lill-parti l-oħra l-beni kollha parafernali kif ukoll, talba minn naħa tal-attriċi għall-manteiment għaliha kif ukoll talbiet relatati b'mod dirett mal-uniku wild tal-partijiet inkluż għall-manteniment.

<u>Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mressqa</u>:

A skans ta' ripetizzjoni żejda, il-Qorti mhux ser tirreplika l-verżjoni tal-partijiet u l-provi mressqa minnhom, in vista tal-fatt li dan kollu diġa` jinsab fir-rapport tal-Perit Legali, hekk riprodott hawn fuq fl-intier tiegħu

<u>Principji legali għal każ odjern:</u>

Qabel li l-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka il-prinċipji legali li huma relevanti għal każ odjern. Iżda qabel ma tagħmel dan, il-Qorti ser tibda billi tirrferi għal dak li qalet il-perit legali fir-rapport tagħha, rigward in-nullita taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet.

Jirriżulta li ladarba li ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ġie ddikjarat null permezz ta' deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta tas-27 ta' Lulju 2018 u dwar liema deċiżjoni hemm digriet tal-Qorti tal-Appell Ċivili (Sede Superjuri) datat 18 ta' Frar, 2019, esebit in atti a fol 1090, fejn

id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġie ordnat sabiex jirreġistra kif imiss id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta fejn ġie ddikjarat null iż-żwieġ bejn il-partijiet, b'hekk il-Qorti taqbel ma' dak li tgħid il-perit legali li hemm uħud mit-talbiet tal-attriċi u dawk rikonvenzjonali tal-konvenut rikonvenzjonant, li ma jeħtieġilhomx li jiġu kkunsidrati, u li huma s-segwenti:

It-talbiet relatati mal-pronunzja tas-separazzjoni personali; il-ħtija tal-firda; il-manteniment għall-attriċi u kif ukoll it-talbiet relatati mal-applikazzjoni tad-dekadenzi kontra l-parti l-oħra.

Konsegwentement il-Qorti taqbel perfettament ma' dak sottomess mill-perit legali fis-segwenti paragrafi tar-rapport tagħha:

- Paragrafu 16- Is-separazzjoni Personali tal-partijiet (fol 1375);
- Paragrafu 17- Ir-Responsabbilita` tat-Tifrik taż-Żwieġ ta' bejn il-Partijiet (fol 1375);
- Paragrafu 18 - Is-Sanzjonijiet Kontemplati mill-Liġi (fol 1376);
- Paragrafu 23 – Manteniment għall-attriċi (fol 1383)

Il-Qorti għalhekk tilqa' dak li qalet i-periit legali f'dan ir-rigward perss li dan illum huwa mertu eżawrit. Għal kull buon fini l-Qorti tinnota li filwaqt li l-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha ippreżentat minnha fid-19 ta' Settembru, 2022 trattat it-talbiet tagħha in konnessjoni ma' dan il-mertu, tinnota li fin-nota ulterjuri tagħha tas- 27 ta' Ġunju, 2023, li ġiet ippreżentatat minnha sussegwentement għar-rappport tal-perit legali, illimitat ruħha fuq kwistjonijiet relatati mal-kura u l-kustodja, ir-residenza, l-aċċess u l-manteniment tal-minuri kif ukoll il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. In oltre` l-Qorti tinnota li l-konvenut ngħata l-fakkulta sabiex jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet kif ukoll nota ta' kritika hekk kif mitlub mill-Avukat difensur tiegħu[159] iżda il-konvenut ma ppreżenta l-ebda nota sottomissjonijiet jew ta' kritika minn naħa tiegħu.

Jibqa' l-fatt pero` li kif qalet il-Qorti f'kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet: *C vs Dr Peter Caruana Galizia li b'digriet tal-4 ta' Jannar 2000 ġie nominat bħala kuratur deputat għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti A*[160]

*"Illi f'dan il-kuntest u fid-dawl taċ-ċitazzjoni attriċi din il-Qorti tinnota li pendente lite l-partijiet ottjenew id-divorzju taż-żwieġ tagħhom li sar fl-Ingilterra permezz ta' digriet mill-Stafford Country Court datat 17 ta' Frar 2005u dan kif jirriżulta minn fol. 701 tal-proċess... ma hemmx lok li tiġi ddikjarata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li llum ma hemmx żwieġ bejn il-partijiet."*

Illi għalhekk in vista tas-suespost il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali li din il-Qorti għandha:

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba tal-attriċi u l-ewwel talba tal-konvenut rikonvenzjonant;

[159] Vide verbal tas-16 ta' Mejju, 2023
[160] Qorti Ċivili Cit Nru: 2670/1999/1 deċiża 30 ta' Novembru, 2005

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tal-attriċi u l-parti tal-ewwel talba tal-konvenut rikonvenzjonant li titratta dan il-mertu fuq it-tifrik taż-żwieġ;

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba tal-attriċi u t-tieni talba tal-konvenut rikonvenzjonant;

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tas-seba` talba tal-attriċi.

B'hekk il-Qorti ser tillimita ruħha u tindirizza biss dawk il-prinċipji legali li huma saljenti għal każ odjern, u ċioe` tas-Setgħa tal-Ġenitur, tal-Kura u Kustodja tal-Aċċess u tal-Manteniment għall-minuri konċernat, li jisimha D u li twieldet fil-11 ta' Awwissu, 2012 u twieldet bi *cleft palate.* Illum il-minuri għandha tnax-il-sena.

Illi fir-rapport tagħha il-perit legali tirrimarka li l-kwistjonijiet relatati mal-minuri kienu l-*bone of contention* bejn il-partijiet. Bħala fatt dan joħroġ ben ċar mill-atti u l-kwistjoni kollha ddur fuq l-argumenti tal-omm li tikkunsidra l-konvenut bħala persuna li qatt ma jista' jiġi fdat mal-minuri waħdu. Skont l-attriċi, fl-2015 saret taf bil-verita` fuq il-kontenut ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali), fejn il-konvenut kien instab ħati fuq ammissjoni tiegħu fuq akkużi li kienu jinkludu l-pussess ta' materjal indeċenti ta' persuna ta' taħt l-eta`.

Tul il-proċeduri l-attriċi żammet ferm mal-posizzjoni tagħha li saret taf b'dan id-dettall tal-kawża li konvenut kellu kontrih biss fis-2015 u skontha għalhekk telqet mid-dar matrimonjali bil-minuri u marret tgħix għand il-ġenituri tagħha. In breve l-attriċi ssostni li l-konvenut għandu jitlef kull dritt bħala ġenitur u għandu jkollu biss aċċess taħt ir-restrizzjonijiet ta' superviżjoni u xejn iktar.

Minn naħa l-oħra l-konvenut jiċħad kategorikament li l-attriċi saret taf bid-dettall tal-kawża fis-sena 2015 u skontu huwa dejjem kien trasparenti magħha u li dan kollu kien seħħ qabel iż-żwieġ tagħhom. Minn naħa tiegħu fir-risposta ġuramentata tiegħu oppona għar-raba`, il-ħames u s-sitt talbiet tal-attriċi u skontu l-attriċi qed tagħmel dan kollu biex twarrbu totalment mill-ħajja ta' bintu. Il-konvenut isostni li huwa kien ammetta għal dawk l-akkużi minħabba l-parir legali li ngħata dak iż-żmien u biex joħroġ mill-problema li sab ruħu fiha kemm jista' jkun malajr.

Il-Qorti tissottolinea li in atti ġiet esebita s-sentenza li ngħatat kontra l-konvenut tas-27 t'Ottubru 2009[161] fejn il-konvenut fuq l-ammissjoni tiegħu ġie misjub ħati u tqiegħed taħt *treatment order* għal perjodu ta' sena taħt Forensic Psychologist Dr Roberta Holland sabiex jieħu dik it-terpaija li jidrilha xierqa billi jattendi sessjonijiet magħha bi frekwenza ta' mhux anqas minn darba fix-xahar għal perjodu ta' sena. Din is-sentenza għaddiet in ġudikat.

Rigward is-Setgħa tal-Ġenitur

[161] Fol 53 Dok D

Fir-rigward ta' setgħa tal-ġenitur, il-Qorti tibda billi tiċċita Artikolu 90 tal-Kodiċi Ċivili, li jitkellem dwar is-setgħa tal-ġenituri fuq tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ.

*(1)Il-ġenitur li jkun għaraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ għandu dwaru d-drittijiet kollha tas-setgħa tal-ġenituri minbarra l-użufrutt legali.*

*(2) Jekk l-interessi tat-tifel hekk jeħtieġu, il-qorti tista' tordna li wieħed jew waħda biss mill-ġenituri jeżerċita jew teżerċita d-drittijiet tas-setgħa tal-ġenitur.*

*(3)Il-qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet u, f'każijiet serji, teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat.*

*(4) Il-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet meta wieħed jew iż-żewġ ġenituri huma akkużati b'reat wieħed jew aktar imniżżel taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.*

Dan l-artikolu tal-liġi huwa indikattiv li l-Qorti f'każijiet fejn hemm involuti t-tfal għandha tara li l-ġid tagħhom jitħares, li l-interess suprem tal-minuri dejjem jipprevali fuq l-interess tal-kontendenti fil-kawża. In oltre`, jingħad illi l-Kodiċi Ċivili jitratta l-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenituri b'mod speċifiku taħt titolu IV intitolat 'Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri'. Il-provvedimenti legali saljenti huma Artikolu 131 u Artikolu 154(1):

*131 (1) l -iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.*

*(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur 1i jibqa' ħaj.*

*(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

*(4) Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-ġenituri u lit-tifel jekk dan ikun laħaq l-età ta' erbatax-il sena, għandha tagħmel dawk is-suġġerimenti li jidhrilha l-aħjar fl-interess tat-tifel u l-għaqda tal-familja. Jekk ikompli n-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri, il-qorti għandha tawtorizza lill-ġenitur li fil-fehma tagħha jkun l-iktar xieraq li jħares l-interess tat-tifel fil-każ partikolari, li jiddeċiedi l-kwistjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149.*

*(5) Fil-każ ta' periklu imminenti jew preġudizzju serju għat-tifel kull wieħed mill-ġenituri jista' jieħu dawk il-miżuri li huma urġenti u li ma jistgħux jistennew.*

*(6) Dwar terzi persuni in bona fide, kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha titqies li għemilha kien bil-kunsens tal-parti l-oħra meta teżerċita għemil dwar awtorità tal-ġenituri dwar il-persuna tat-tifel.*

154 (1) *Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies, jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;*

*(b) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;*

*(c) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;*

*(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;*

*(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.*

*(2) Fejn l-interess tat-tifel jirrikjedi hekk, il-Qorti tista' tordna li ġenitur wieħed biss għandu jkollu l-eżerċizzju tal-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri u l-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' tali jeddijiet u, f'każijiet gravi, teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk il-jeddijiet.*

*(3)Il-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet meta wieħed jew iż-żewġ ġenituri huma akkużati b'reat wieħed jew aktar imniżżel taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.*

*(4) Madankollu, il-qorti tista', ukoll fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1), terġa' tqiegħed lill-ġenitur fl-eżerċizzju tal-jeddijiet li tkun tellfitu, jekk ma tibqax ir-raġuni li għaliha tkun tellfitu dawk il-jeddijiet.*

Jiġi rilevat li l-Artikolu 3B li jagħmel referenza għalih l-Artikolu 154 hawn fuq ċitata jgħid hekk: *(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li*

*jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied."*

Il-Qorti tibda billi tfakkar li l-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenitur ma hijiex ugwali għal kura u kustodja. Illi kif diġa` ġie diskuss il-konvenut qed jikkontesta r-raba` talba tal-attriċi biex jiġi żvestit mis-setgħa ta' ġenitur. Illi jingħad ukoll li tul dawn il-proċeduri qatt ma ġie żvestit minn din is-segħa.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi tagħmel referenza għal dan il-mertu f'paragrafu 44 (fol 1292) u fis-sezzjoni tas-sottomissjonijiet tagħha fuq il-kura u l-kustodja tal-minuri. F'dan il-paragrafu tgħid li jekk il-konvenut ma jiġix żvestit minn din is-setgħa: " *se tkun biss il-minorenni illi tbati minn instabilita` f'ħajjitha u dan l-għaliex għal kull deċiżjoni trid tittama li l-intimat C B jagħti l-kunsens tiegħu jew inkella jkun jeħtieġ illi ssir talba appożita lil din l-Onorabbli Qorti, u l-proċeduri bejn il-kontendenti ma jispiċċaw qatt".*

Fir-rapport tagħha l-Perit Legali waslet għal konklużjoni li m'hemmx lok u l-estremi neċessarji sabiex jiġi applikat l-Artikolu 154 tal-Kap 16 kontra l-intimat. (vide fol 44 u 45[162] tar-rapport tal-perit legali) u l-Qorti taqbel mal-perit legali.

Il-problema ta' pika hija  waħda reċiproka bejn il-partijiet dan tant li joħroġ mid-diversirapporti li saru mill-ħaddiema soċjali fejn kien anki ġie suġġerit lill-partijiet biex jattendu għal *family therapy*. Għax hemm din il-pika bejn il-partijiet il-Qorti ma tħossx li b'daqshekk jeżistu l-estremi biex tvesti lill-konvenut mill-awtorita` tiegħu ta' ġenitur.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza ampja għal dak li ġie deċiż minnha fil-kawża fl-ismijiet: <u>Romina Veneziani pro et noe vs Marc Sant</u>[163] fejn din il-Qorti qalet:

*Il-Qorti tibda sabiex tfakkar illi meta l-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenitur ma hijiex ugwali għal kura u kustodja, u b'hekk jekk ġenitur ma jkollux f'idejh il-kura u kustodja ta' minuri dan m'għandux ifisser ta' bilfors illi tali ġenitur għandu jkun żvestit mis-setgħa ta' ġenitur. F'dan il-kuntest il-Qorti tara idoneju li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Mark Micallef pro et noe. Vs Ramona Caruana, fejn ġie ċċarat dan il-prinċipju "(...) s-setgħa tal-ġenitur ma hijiex ugwali għal kura u kustodja iżda huwa kunċett legali li emanixxa mid-Dritt Ruman li jinkorpora fih, fost oħrajn, il-kunċett legali li emanixxa mid-Dritt Ruman li jinkorpora fih, fost oħrajn, il-kunċett tal-kura u kustodja. Fil-fatt jekk wieħed ma jkollux f'idejh il-kura u kustodja, ma jfissirx li jitlef id-drittijiet l-oħra li jappartjenu lilu bħala ġenitur, fosthom id-dritt ta' aċċess, id-dritt li jieħu deċiżjonijiet flimkien mal-ġenitur l-ieħor, id-dritt li jkun infurmat dwar il-progress tal-minuri, u d-dritt li jiffirma u jġedded passaport. Għaldaqstant ġialadarba ġenitur ikun għandu f'pożizzjoni li jeżerċita dawn id-drittijiet, minkejja li ma jkollux il-kura u kustodja tal-minuri ifisser li xorta waħda jkollu s-setgħa ta' ġenitur, liema setgħa tista' titneħħa skont id-dispoizzjonijiet tal-liġi kif misjuba taħt is-Sub-Titolu II tat-Titolu IV tal-Ewwel Ktieb*."

[162] Fol 1377 -1378
[163] Rikors Ġuramentat 152/2016 AL deċiża 27 ta' Jannar 2022

Illi fid-dawl ta' dan il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-perit legali u taqbel li ma jeżistux l-estremi meħtieġa mill-liġi sabiex il-konvenut jiġi żvestit minn din is-setgħa.

Il-Qorti hija tal-fehma li ż-żewġ partijiet għandhom fejn itejbu l-attitudni tagħhom ma' xuxlin u dan fl-interess ta' binthom u għandhom jieqfu jaġixxi hekk u ma jkomplux jippikaw ma' xulxin. Madanakollu l-Qorti tosserva li m'hemmx dubju fuq ir-relazzjoni tajba li teżisti bejn il-konvenut u bintu l-minuri, u l-Qorti m'hijiex ser tinjora l-isforzi li għamel il-konvenut biex jibqa' involut fil-ħajja u jipparteċipa fil-ħajja ta' bintu tul dawn il-proċeduri nonostante r-restrizzjonijiet kollha li l-Qorti imponiet fuqu biex tipproteġi lill-minuri minn kull possibilta` ta' riskju. Il-Qorti mhux qed tinjora li kien hemm perjodu meta l-konvenut iddeċieda li ma jkomplix jara lill-bintu jekk tali aċċess kien ser ikompli jkun bis-superviżjoni, iżda madankollu ma tħossx illi s-sitwazzjoni preżenti ta' dan il-każ jimmerita li l-missier jiġi żvestit mis-setgħa ta' ġenitur. Wara li l-Qorti rat l-artikolu 154 u dawk relevanti għal din il-materja u fid-dawl tal-provi prodotti u b'referenza speċjali għall- għar-rapport tad-Direttorat taqsima tal-*Court Services*[164] datat 30 ta Settembru, 2021 u tad- 19 ta' Ġunju 2023, u r-rapport tal-psikologa Roberta Holland[165] li ġiet maħtura minn din il-Qorti sabiex tirrelata fuq il-qagħda preżenti tal-konvenut in adempiment tal-inkarigu mogħti lilha l-espert ippreżentat rapport fit- 28 ta' Ġunju 2022, tibqa' tal-fehma u tagħżel li tilqa' r-rakkomandazzjoni tal-perit legali u konsegwentement il-konvenut għandu jibqa' vestit bis-setgħa ta' missier, bid-dritt illi, *inter alia* jieħu deċiżjonijiet konġunti mal-attriċi kif elenkati iktar 'il quddiem f'din is-sentenza, u dan f'ġieh l-interess suprem tal-minuri.

Konsegwentement il-Qorti ser tiċħad ir-raba` talba tal-attriċi.

<u>Rigward il-kura u l-kustodja, ir-Residenza tal-Minuri, u l-Aċċess</u>

Rigward il-Kura u l-Kustodja il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem għalmet illi għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża Jennifer Portelli pro et noevs John Portelli[166] intqal: "*Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin sew fil-liġi antika ... sew fil-liġi viġenti ... kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.*"

Il-prinċipju jibqa': "*dak tal-aktar utilita` u vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkustanzi personali u de facto li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut.*"[167]

[164] Fol 1207
[165] Fol 1262
[166] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju, 2003 Ċit. Nru. 2668/1996 RCP
[167167] Vide Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scilcuna – Deċiża mill-Prim ' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 Cit. Nru. 1715/2001 RCP

Illi proprjament minħabba l-prinċipju bażilari u ċioe` tal-aktar utilita` u vantaġġ għall-minuri l-Qorti għandha l-fakolta` li abbażi tal-artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili saħansitra tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat.

Il-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja esklussiva, jitnissel l-obbligu fuq il-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri. Għaldaqstant huwa rrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri, iżda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bżonnjuż u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni. F'dan is-sens il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Sylvia Melfi u Philip Vassallo deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 1998:

*In this case the Court must do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegations true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the Court to always look for the interests of the child. Exxagerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want to pay back is the other party through their minor child."*

Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li wħud mid-drabi, talba ta' din in-natura ssirilha sabiex ġenitur partikolari jiġi eskluż mit-trobbija tal-ulied. Tali aġir ma huwa xejn ħlief frott ta' pika żejda bejn il-ġenituri nfushom. Fil-kawża odjerna in breve l-attriċi tibbaża t-talba tagħha fuq l-argument li l-konvenut qatt ma wera interess f'bintu huwa immatur u inkapaċi jifhem x'inhuma l-bżonnijiet tal-minuri. L-intimat jiċħad dan kollu u dan jirriżulta mid-diversi rikorsi pendente lite li saru tul dawn il-proċeduri.

Wara li l-Qorti eżaminat: a) il-provi kollha prodotti, b)ir-rapporti tal-professjonisti maħtura, c) id-digriet kollha tagħha, d) l-osservazzjonijiet tal-attriċi anki dawk ulterjuri għar-rapport tal-perit legali, u e) ir-rapport tal-perit legali, kif ukoll l-aħħar raport rilaxxat mid-Direttorat għal-Ħarsien tat-Tfal datat 20 ta' Ġunju, 2023 tosserva s-segwenti:

- Illi l-professjonisti li impenjaw ruħhom sew f'din il-kawża kemm-il darba qalu li hemm pika bejn iż-żewġ ġenituri u anki diffikulta` biex jikkomunikaw, u dan tant li ġie rrakkomandat lill-partijiet biex jagħmlu użu mis-servizzi tad-Direttorat;
- Li nonostante li l-aċċess tal-missier ġie varjat diversi drabi (fejn minn aċċess *monitored* ġie konvertit f'aċċess bi superviżjoni, u dan sabiex jiġi evitat kull riskju allegat mill-omm) l-aċċess bejn il-minuri u l-missier saż-żmien meta ġie ppreżentat ir-rapport tal-perit legali baqa' wieħed konsistentement posittiv u ġie kkonfermat kemm-il darba li hemm relazzjoni tajba bejn il-missier u l-minuri. Milli l-atti jirriżulta wkoll li f'Ġunju

2023 id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal irrilaxxa informazzjoni illi nġabret reċentement mis-servizzi tas-*supervised access visits* – Dok SK esebit in atti. F'din in-nota jirriżulta s-segwenti:

*"Illi minn informazzjoni illi nġabret riċentement mis-servizz tas-supervised access visits, jidher illi l-aċċess għadu jinżamm b'mod regolari. Hemm indikazzjonijiet illi din l-aċċess qed isir wieħed monotonu u dan minħabba il-fatt illi qed tiġi nnutata dejjem l-istess rutina. Il-professjonisti preżenti waqt l-aċċess ta' spiss jintervjenu sabiex jgħinu fl-interazzjoni. Il-missier jipprova illi jpoġġi mal-minuri u jagħmel konversazzjoni magħha dwar l-iskola, l-mużew u affarijiet oħra li jistgħu jkunu ta' interess għaliha, iżda ħafna drabi tispiċċa l-aħħar ħin tal-aċċess tagħmel użu mill-mowbajl. Il-minuri dejjem tagħżel illi tirrifjuta li tiekol u minflok dejjem titlob li jixtrilha l-istess soft drink. Meta jagħmlu xi attivita` dejjem tirrifjuta illi tieħu l-affarijiet magħha d-dar għand ommha. Il-minuri dejjem tiġi liebsa basket wara daharha u tibqa' bih tul l-aċċess kollu. Il-minuri tidher illi daħħlet f'rutina u dejjem tqatta' dan il-ħin bl-istess mod."*

***Illi minkejja dan, il-missier xorta jipprova** illi jvarja billi jagħżel postijiet differenti fejn isir l-aċċess u l-minuri ma tirrifjutax illi tqatta' ħin miegħu. Tajjeb li wieħed jirrimarka ukoll illi C B ilu jagħmel użu mis-servizz ta' aċċess b'superviżjoni mis-sena 2015. Tmien snin b'aċċess ta' dan it-tip jista' ukoll ikun ir-raġuni għala daħlu f'rutina u ġew dipendenti mill-professjonisti u s-servizzi provduti.*

*Illi l-professjonisti jibqgħu tal-umli fehma illi hekk kif ġie rrakomandat fir-rapport ta' Settembru, 2022, l-aċċess tal-missier u anke tan-nanniet paterni jkun wieħed liberu għall-istess raġunijiet imsmmija hawn fuq."* (enfasi u sottolinear tal-Qorti)

- Li skont il-perit legali: "*Mill-atti ċertament jirriżulta li l-kwistjonijiet relatati mal-minuri kienu l-bone of contention bejn il-partijiet u li l-intimat qatt ma wera xi nuqqas t'interess f'bintu. Anzi wera konsistenza interess u ħeġġa li jibqa' f'ħajjitha u li jkun involut fid-deċiżjonijiet kollha relatati mal-istess minuri."*[168]

Illi l-Qorti wara li ħasbet fit-tul fuq dan il-mertu u anki rat is-sottomissjonijiet tal-attriċi, hija tal-fehma li taqbel ma' dak li rrakkomandat il-perit legali, u tordna lill-partijiet sabiex jattendu *co-parenting course* kif ukoll kull kors ieħor li jirrakkomanda d-Direttorat, kemm għall-attriċi u anki għall-konvenut kemm flimkien u/jew separatament, u dan sabiex it-tnejn li huma jaħdmu fuq il-pika ta' bejniethom li qed tfixxkilhom u sabiex it-tnejn li huma jitgħallmu li jħarsu biss lejn dak li huwa fl-interess tal-minuri. B'hekk il-qorti ser tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal sabiex b'hekk il-partijiet jattendu *co-parenting course* u kull kors ieħor meħtieġ.

Illi kif ġie spjegat qabel, il-Qorti trid tasal għal tali deċiżjoni fuq il-kura u l-kustodja tal-istess minuri skond dak li huwa fl-interess suprem tal-minuri. Il-Qorti ħasbet fit-tul fuq dak li huwa fl-interess suprem tal-minuri, u qieset sew il-provi u dokumenti kollha esebiti, ix-xhieda tal-partijiet; dak li rrelataw il-

[168] Pagna 45 tar-rapport tal-perit legali

ħaddiema soċjali matul dawn il-proċeduri b'tant impenn u dedikazzjoni f'dawn l-aħħar tmien snin u dak li qalet il-perit legali fir-rapport tagħha, kif ukoll is-sottomissjonijiet anki dawk ulterjuri tal-attrċi.

Il-Qorti hija konvinta li dak li huwa fl-interess suprem tal-minuri huwa li l-kura u l-kustodja tal-minuri tibqa' waħda konġunta. Il-Qorti tikkondividi l-argumenti mressqa mill-perit legali u bħalha taħseb li m'hemm xejn mill-atti li jindika li l-intimat mhux kapaċi jieħu deċiżjonijiet li huma fl-interess tal-minuri b'mod konġunt. Il-problema preżenti teżisti minħabba l-pika reċiproka li hemm u għalhekk il-Qorti ser tordna li l-partijiet jattendu *co-parenting course* u kull kors applikabbli għalihom skont dak li jirrakkomanda d-Direttorat.

Il-Qorti għalhekk tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tkun waħda konġunta bejn il-partijiet b'dana li d-deċiżjonijiet ordinarji u ta' kuljum għandhom jittieħdu mill-attriċi waħedha bħal per eżempju, dawk elenkati mill-perit legal, iżda dawk ta' natura straordinarja ta' saħħa edukazzjoni, safar u ħruġ ta' passaport, u għalhekk dawk relatati ma' tibdil ta' skola; interventi ta' saħħa; applikazzjoni għall-attivita` extra-kurrikuklari; safar barra minn Malta għandhom jittieħdu b'mod konġunt. In oltre` l-attriċi għandha tgħaddi l-informazzjoni kollha meħtieġa fuq it-terapiji li qiegħda tieħu l-minuri, fosthom dawk tal-*occupational and speech therapy*. B'hekk iż-żewġ partijiet għandhom id-dritt li jiksbu waħedhom kull informazzjoni fuq is-saħħa u edukazzjoni tal-minuri  u li jkunu preżenti għall-kull attivita` u/jew terpaija meta jkun rikjest l-attendenza tal-ġenituri.

Residenza tal-minuri

Permezz tal-ħames talba tagħha l-attriċi titlob ukoll li jkun hemm dikjarazzjoni li l-minuri għandha tirrisjedi magħha.  Fl-eċċezzjonijiet tiegħu l-konvenut eċċeipixxa li ma kellux oġġezzjoni li f'dan l-istadju l-minuri tgħix mal-omm u lanqas ma jirriżulta li ressaq xi oġġezzjoni f'xi stadju ta' dawn il-proċeduri. Illi fil-fatt il-minuri ilha tirrisjedi mal-omm mill-bidu nett ta' dawn il-proċeduri u in vista taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ il-Qorti żgur li mhux ser tvarja dan l-istat ta' fatt u għalhekk ser tordna li l-minuri għandha tibqa' tirrisjedi mal-attriċi. B'hekk il-Qorti ser tilqa' il-ħames talba tal-attriċi.

Aċċess għall-minuri

l-Aċċess ġie indirizzat mill-attriċi permezz tas-sitt talba tagħha, fejn ssostni li l-aċċess tal-konvenut ikun b'superviżjoni. Mill-banda l-oħra l-konvenut joġġeżżjona għal din it-talba u permezz tar-raba` kontro-talba tiegħu qed jitlob li jkollu aċċess liberu u liema aċċess għandu jinkludi sleepovers.

Il-Qorti tibda billi taqbel mal-perit legali meta fir-rapport tagħha tgħid li dan l-aspett tal-kawża kien l-iktar diffiċli. Illi li l-aħħar digriet li jirregola l-aċċess huwa dak tal-1 ta' Diċembru 2021[169] fejn l-aċċess preżenti tal-konvenut huwa bi superviżjoni kif ġej:

[169] Fol 1244

"*l-aċċess bejn il-minurii u l-missier ikun fl-istess ġranet tal-aċċess bejn il-minuri u n-nanniet paterni b'dan lli l-missier ikollu siegħa waħdu mal-minuri kull darba u b'dan li ma jitnaqqasx il-ħin li l-missieru għandu mal-minuri.*

*Tordna li l-aċċess tal-minuri man-nanniet paterni jkun nhar ta' Tlieta u ta' Ħamis bejn l-4:00 pm u l-5:00pm u l-aċċess tal-missier ikun fl-istess ġranet, b'dan li jkollu siegħa waħdu mal-minuri bejn is-6:00pm u s-7:00pm u jkollu aċċess fil-weekend is-Sibt bejn l-10:00 am u nofsinhar, dejjem taħt superviżjoni...*

*...tordna li l-aċċess tan-nanniet paterni ikun monitored u mhux taħt superviżjoni*"

Illi l-Qorti tiċċara wkoll li l-aċċess tal-konvenut mhux dejjem kien bi superviżjoni kif tgħid il-perit legali, iżda l-aċċess tal-konvenut beda billi kien b'moniteraġġ, imbagħad dan ġie konvertit f'aċċess taħt superviżjonat mill-ġenituri tiegħu, imbagħad għal wieħed taħt is-superviżjon tal-professjonisti, u dan wara żewġ inċidenti fejn l-omm għamlet rapport mad-Direttorat rigward il-flok ta' taħt tal-minuri. L-omm ma ħaditx passi kriminali kontra l-konvenut.

Illi fir-rapport tagħha l-perit legali tirrakkomanda li l-aċċess għandu jibqa' kif inhu u ċioe` bi superviżjoni, u dan primarjament minħabba s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Ġudikaura Kriminali), fejn il-konvenut ġie misjub ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u dan wara li hu stess ammetta li kellu fil-pussess tiegħu materjal pornografiku ta' persuni ta' taħt l-eta`. Apparti minn hekk il-perit legali tissotometti wkoll li hi ma temminx il-verżjoni tal-konvenut meta fix-xhieda tiegħu jgħid li ammetta għall-akkużi mhux għax kien ħati iżda għaliex ingħata parir legali biex jagħmel hekk. In oltre` il-perit legali tagħmel referenza għall-professjonisti li xehdu f'din il-kawża u tgħid li ħadd minnhom ma kien lest jassumi r-responsabbilta` u jiddikjara li l-intimat kellu jkun waħdu mingħajr ebda forma ta' superviżjoni.

Il-perit legali daħħlet sew f'dan il-mertu u ġiustament użat il-prudenza kollha sabiex it-tifla minuri tkun protetta akkost ta' kollox. Il-perit legali għalhekk irrakkomandat li għandu jiġi kkonfermat id-digriet tal-1 ta' Diċmbru, 2021 u ċioe fejn l-aċċess tal-missier isir biss taħt is-superviżjoni tad-Direttorat.

Illi Qorti tirrielva li wara li l-perit legali ppreżentat ir-rapport tagħha, fl-20 ta' Ġunju, 2023 id-Direttorat għal-Ħarsien tat-Tfal ippreżenta nota fejn irrilaxxa informazzjoni li nġabret riċentement mis-servizz tas-*supervised access vists*. Din l-informazzjoni ġiet irrilaxxata minn Kristie Xuereb u d-dokument hu mmarkat bħala Dok SK. Id-data tan-nota proprja hija d-19 ta' Ġunju, 2023.

Illi din in-nota taqra testwalment kif gej:

*Illi minn informazzjoni illi nġabret riċentement mis-servizz tas-supervised access visits, jidher illi l-aċċess għadu jinżamm b'mod regolari. Hemm indikazzjonijiet illi din l-aċċess qed isir wieħed monotonu*

*u dan minħabba il-fatt illi qed tiġi nnutata dejjem l-istess rutina. Il-professjonisti preżenti waqt l-aċċess ta' spiss jintervjenu sabiex jgħinu fl-interazzjoni. Il-missier jipprova illi jpoġġi mal-minuri u jagħmel konversazzjoni magħha dwar l-iskola, l-mużew u affarijiet oħra li jistgħu jkunu ra' interess għaliha, iżda ħafna drabi tispiċċa l-aħħar ħin tal-aċċess tagħmel użu mill-mowbajl. Il-minuri dejjem tagħżel illi tirrifjuta li tiekol u minflok dejjem titlob li jixtrilha l-istess soft drink.* ***Meta jagħmlu xi attivita` dejjem tirrifjuta illi tieħu l-affarijiet magħha d-dar għand ommha.*** *Il-minuri dejjem tiġi liebsa basket wara daharha u tibqa' bih tul l-aċċess kollu. Il-minuri tidher illi daħħlet f'rutina u dejjem tqatta' dan il-ħin bl-istess mod.*

*Illi minkejja dan, il-missier xorta jipprova illi jvarja billi jagħżel postijiet differenti fejn isir l-aċċess u l-minuri ma tirrifjutax illi tqatta' ħin miegħu. Tajjeb li wieħed jirrimarka ukoll illi C B ilu jagħmel użu mis-servizz ta' aċċess b'superviżjoni mis-sena 2015. Tmien snin b'aċċess ta' dan it-tip jista' ukoll ikun ir-raġuni għala daħlu f'rutina u ġew dipendenti mill-professjonisti u s-servizzi provduti.*

***Illi l-professjonisti jibqgħu tal-umli fehma illi hekk kif ġie rrakomandat fir-rapport ta' Settembru, 2022, l-aċċess tal-missier u anke tan-nanniet paterni jkun wieħed liberu għall-istess raġunijiet imsmmija hawn fuq."***

Illi b'hekk din il-Qorti għandha quddiemha sitwazzjoni diffiċli ferm. Il-Qorti tirribadixxi illi l-minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħda minnhom jkk mhux abbażi struzzjoni professjonali. Fil-każ odjern ħareġ ċar li hemm relazzjoni pożittiva bejn il-minuri u l-konvenut u issa l-Qorti għandha rakkomandazzjoni mid-Direttorat fejn qed jiġi suġġerit li l-aċċess tal-konvenut u tan-nanniet paterni għandu jkun liberu.

Illi filwaqt li l-Qorti għandha dan l-aġġornament tad-Direttorat quddiemha jibqa' l-fatt li kif sewwa qalet il-perit legali dan hu mertu fejn il-tifla minuri trid tkun protetta akkost ta' kollox. M'hemmx *room for error* il-għaliex hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq minorenni u għalhekk il-Qorti hija ggwidata biss minn l-interess suprem ta' l-istess.

Fl-istess ħin u skont dak li jirriżulta mill-istess rapport jista' jagħħti l-każ li l-minuri qed tiġi influwenzata u/jew li l-fatt li l-aċċess ilu taħt superviżjoni għal tant snin qed ikollu l-effetti negattivi tiegħu, u issa l-Qorti għandha f'idejha rakkomandazzjoni tal-professjonisti li huma tal-fehma li l-aċċess tal-missier u n-nanniet paterni għandu jkun wieħed liberu.

Għalhekk il-Qorti ser tiddisponi mit-talbiet relattivi billi toħloq kemm jista' jkun bilanċ b'dana pero` illi tkompli tipproteġi lill-minuri u l-pudur tagħha akkost ta' kollox u għalhekk ser tiddisponi mit-talbiet relattivi billi tordna li f'dan l-istadju l-aċċess tal-missier għandu jiġi regolat kif ġej:

Modalita` (i) għal matul il-ġimgħa

Kull nhar ta' Tlieta u Ħamis bejn il-ħamsa (5:00pm) sas-sebgħa (7:00pm) f'post li jiddeċiedi l-konvenut taħt is-superviżjoni tad-Direttorat. Għal dan il-għan il-konvenut għandu jagħti lid-Direttorat pre-avviż ta' ġimgħa tal-post li jkun għażel għal tali aċċess;

U

Modalita` (ii) għal matul il-weekend

Darba fil-weekend is-Sibt  jew il-Ħadd b'mod alternat minn ġimgħa għall-oħra, bejn il-ħdax (11:00am )ta' filgħodu u l-ħamsa (5:00pm) ta' waranofsinhar, b'dan billi l-aċċess isir taħt is-superviżjoni stretta tal-ġenituri tal-konvenut, u dan jista' jsir jew fid-dar tal-istess ġenituri tal-konvenut jew ġo post pubbliku, biss, b'dana pero` li xorta waħda l-aċċess ta' matul il-weekend jkun ukoll soġġett għall-"*monitoring*" mid-Direttorat. Għal dan il-għan il-Qorti għalhekk tordna li dan l-aċċess ta' matul il-weekend iseħħ **biss** jekk id-Direttorat jirċievi konferma kull ġimgħa mingħand il-ġenituri tal-konvenut li jkunu obbligaw ruhhom li għal dik il-ġimgħa in kwistjoni huma mhux biss ser ikunu preżenti għal tali aċċess iżda li jobbligaw ruhhom li l-aċċess ser isir il-ħin kollu taħt is-superviżjoni stretta tagħhom, u f'każ li f'weekend partikolari ma jkunux jistħgu jagħmlu dan għal dik il-ġimgħa in kwistjoni l-aċċess isir bejn l-għaxra ta' filgħodu (10:00 am ) u nofsinhar (12:00pm) taħt is-superviżjoni tad-Direttorat f'post li jagħżel il-konvenut.

Rigward l-Aċċess fi ġranet u okkazjonijiet speċjali li ma ġewx indirizzati fir-rapport tal-perit legali, l-Qorti tipprovdi kif ġej:

L-attriċi omm għandha jkollha aċċess f'Jum l-Omm u F'Jum għeluq snin l-omm attriċi;

Il-konvenut għandu jkollha aċċess skont Modalita` (ii) F'Jum il-Missier u F'Jum għeluq snin il-missier konvenut;

Fil-Festi tal-Milied, il-partijiet għandhom jalternaw minn sena għall-oħra billi fl-ewwel

Lejliet il-Milied  wara li tingħata din is-sentenza il-missier għandu jkollu aċċess skond modalita` (ii), u F'jum il-Milied il-minuri għandha tkun mal-Omm.

Fl-ewwel Għid il-Kbir wara li tingħata din is-sentenza il-Missier għandu jkollu aċċess skond Modalita` (ii), is-sena ta' wara l-minuri tkun mal- attriċi;

F'Għeluq snin il-minuri u ċioe` fil-11 ta' Awwissu ta' kull sena, il-missier għandu jkollu aċċess għall-minuri għal tlett sigħat skont Modalita` (ii).

In oltre` meta l-missier jitlef l-aċċess għall-minuri għal raġunijiet li mhux imputabbli lilu, jkun hemm *replacement* tas-aċċess mitluf.

Għal dan il-għan il-Qorti qed tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttorat.

Manteniment Għall-Minuri

Ġjaladraba l-Qorti qiegħdha tiddeċiedi l-minuri ser tirrisjedi mal-attriċi allura dan neċessarjament ifisser li l-konvenut għandu jikkontribwixxi għall-għixien u trobbija tat-tifla tiegħu billi jħallas manteniment lill-attriċi għal bżonnijiet tal-minuri. Dan qiegħed jingħad in linea ta' ġurisprudenza , fosthom *Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli*[170] fejn saret referenza għal-artikoli: 3, 3B u 7 gtal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

*Illi skond l-artikolu 3B tal-Kap 16 hemm stipulat illi: "Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieg skond il-hila, xehtiet naturali w aspirazzjonijiet tal-ulied."*

*Illi skond l-artikolu 7 (1) tal-istess Kap 16 jinghad li:- "Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."*

*Illi għalhekk abbazi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l- ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it- tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess"*

F'sentenza ta' din il-Qorti stess, fl-ismijiet *Helena Fountain vs Anthony Fountain*[171] hemm rifless il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti u l-applikazzjoni tal-artikoli rilevanti fuq l-obbligu tal-ġenituri rigward il-manteniment għall- ulied:

*Illi huwa ovvju li kif għandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wieħed mill- ġenituri, tvarja minn każ għal każ, u ħafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri, pero` xorta jibqgħu veljanti u skjetti l- prinċipji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-ġenituri versu uliedhom, speċjalment għall-manteniment għall-istess u dan fit-termini preskritti fl-artikoli 19(1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li għalhekk jinkludu kontribuzzjoni għall-ikel, ilbies, saħħa u abitazzjoni u spejjeż meħtieġa għall-istess saħħa u edukazzjoni tagħhom u <u>skond il- bilanċ bejn il-bżonn u l-mezzi</u>, kkalkulati ai termini tas-sub-artikolu ta' l- istess artikolu 20. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skont id-dettami tal-liġi, u skond il-kalkoli hemm indikati.*

*Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu għall-manteniment tal-minuri m'huwiex marbut bl-edba mod mal-impieg jew mal-introjtu tal-ġenitur iżda hu obbligu assolut."*

Illi qabel il-Qorti tagħmel referenza għar-rapport tal-Perit Legali fuq it-tmien talba tal-attriċi rigwardanti l-manteniment li qed titlob li l-konvenut għandu jħallasha għall-bżonnijiet tal-minuri D B, tirrileva li ħadet konjizzjoni tal-provi kollha inkluż tal-fatt li l-minuri konċernata għandha bżonnijiet aktar speċjali relatati mal-fatt li twieldet bil-kundizzjoni tal-*cleft palate*, l-awtiżmu u *dysplasia* u li sal-llum il-minuri għandha bżonn l-għajnuna ta' *speech u occupational therapy* u anki fiżjoterapija li naturalment jfissru iktar spejjeż għall-minuri. Il-Qorti rat il-fotokopji tal-irċevuti li ġew esebiti mill-attriċi rigward l-*occuptional and speech therapy*[172] tal-minuri kif ukoll l-aħħar digriet tagħha datat 5 ta' Ġunju, 2020 fejn kien hemm zieda fl-ammont ta' manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attriċi għall-€300 kull erba' ġimgħat liema manteniment jinkludi sehem il-konvenut tal-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri.

[170] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju, 2003, Ċitazz. Nru. 2668/1996/2 RCP
[171] Rikors Nru. 13/12AL deċiża 27 ta' Novembru, 2012 Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja
[172] Vide Rikors datat 7 ta' Diċmembru 2018 a fol 1052

Illi wara li l-perit legali ħadet konjizzjoni taċ-ċirkostanzi konkreti ta' dan il-każ, fejn giustament qalet li l-minuri konċernata għandha bżonnijiet aktar speċjali u li hemm numri ta' speċjalisti nvoluti u li l-intimat baqa' ma ddikajarx il-veru introjtu tiegħu, llikwidat l-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attriċi għall-bżonnijiet kollha tal-minuri inkluż dawk ta' saħħa u edukazzjoni u extra-kurrikulari fl-ammont ta' €500 kull erba' ġimgħat.

Illi l-Qorti hawnhekk terġa tagħmel referenza għall-artikoli relevanti tal-liġi fuq dan il-mertu:

*3B.(1) "Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli lil-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq,ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*

*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħtl-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*

*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwarOpportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità,kemm jekk hija fiżika jew mentali"*

*7 (1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.*

*(2) Meta ma hemmx il-ġenituri, jew jekk dawn ma jkollhomx mezzi biżżejjed, id-dmir tal-manteniment u tal-edukazzjoni tal-ulied jaqa' fuq l-axxendenti l-oħra*

*19 (1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.*

*(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom.*

*20(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħufl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3)Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħumogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sewmobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4)Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persunali titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandujittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jewimmobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.*

Wara li l-Qorti analizzat il-provi kollha, hija tal-umli fehma li fil-kuntest ta' dan il-każ konkret u abbażi tal-spejjeż li l-attriċi esebiet prova tagħhom (u hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għall-irċevuti esebiti ta' *speech u occupational therapy* a fol 1055-1058), u konsiderando wkoll l-eta` tal-minuri konċernata, filwaqt li l-Qorti taqbel li mhemmx dubju li l-minuri għandha bżonnijiet iktar speċjali, xorta waħda l-Qorti ma tasalx biex tgħid li fl-atti hemm provi biżżejjed biex juru li l-bżonnijiet tal-minuri jeċċedu l-ħames mitt Ewro (€500) kull erba' (4) ġimgħat. Wara kollox l-obbligu tal-manteniment jaqa' fuq iż-żewġ ġenituri, u l-Qorti tifhem li f'dan il-kuntest ta' bżonn, u anki tenut kont tal-fatt li l-aħħar awment fil-manteniment sar fl-2020, għandu jiġi likwidat manteniment li għandu jkun pagabbli <u>kull xahar</u> mill-konvenut lill-attriċi għall-minuri fl-ammont komplessiv ta' erba (€400) mitt Ewro, liema manteniment għandu jinkludi sehem il-konvenut mill-ispejjeż <u>kollha</u> relatati mal-minuri, kemm ordinarju u dawk straordinarji u anki dawk tal-attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment għandu jgħola skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja kull sena u jitħallas permezz ta' *standing order* direttament għall-kont bankarju indikat mill-attriċi, hekk kir irrakkomandat il-perit legali. Il-pagament għandu jsir fl-ewwel ġimgħa tax-xahar, u l-manteniment jibqa' pagabbli sakemm il-minuri jkollha tmintax-il sena u bl-aplikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, f'każ li jirriżulta li l-istess minuri tibqa' tistudja fuq bażi full-time tali manteniment jibqa' fis-seħħ sal-eta` massima ta' 23 sena. F'każ li t-tifla, wara li tagħlaq l-eta` ta' 18 -il sena , tistabilixxi residenza għaliha u tkun għadha qed tistudja fuq bażi full-time allura tali manteniment għandu mbagħad jinqasam bejn iż-żewġ partijiet u jkun jitħallas direttament li-tifla u dan dejjem sal-eta` massima ta' 23 sena.

In oltre` l-Qorti tordna li l-attriċi għandha tipperċepixxi waħedha kull benefiċċju soċjali li l-minuri hija ntitolata għalih, inkluż iċ-*childrens allowance*, u b'hekk il-Qorti qed tilqa' ir-rakkomandazzjonijiet tal-perit legali fuq dan il-mertu kif ukoll l-għaxar talba tal-attriċi.

<u>Rigward it-Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>

Illi l-partijiet iżżewġu fil-25 ta' Ottubru, 2008 u allura din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet. Bis-saħħa tas-sentenza *in parte* li ngħatat fis-26 t'Ottubru, 2016, il-Qorti ordnat il-waqfien tal-Komunjoni tal-Akkwisti *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-

Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Kwindi l-komunjoni tal-akkwisti ġie terminat fis- 26 t' Ottubru, 2016 u minn dakinhar beda japplika bejn il-partijiet ir-reġim tas-separazzjoni tal-assi. Għaldaqstant il-Qorti tqabel ma' dak sottomess mill-perit legali f'paragrafu 27 tar-raport tagħha a fol 1386, peress li dan huwa mertu eżewrit u l-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet relatati mal-istess terminazzjoni.

Rigward il-Likwidazzjoni tal-komunjoni l-Komunjoni tal-Akkwisti u d-diviżjoni u l-assenjazzjoni ta' l-istess.

Illi jibqa' għalhekk li jiġi diskuss il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwsiti.

Fir-rapport tagħha l-perit legali elenkat dak formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti minn ittra A sa K fis-sezzjoni "Il-Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti"[173], imbagħad assenjat f'żewġ porzjonijiet dak assenjabbli lill-attriċi porzjon A, u dak assenjabbli lill-konvenut f'porzjon B.

Illi l-Qorti rat ukoll in-nota ta' kritika tal-attriċi u f'paragrafi 29 sa 33, minn liema paragrafi l-attriċi ma taqbilx mal-assenjazzjoni li għamlet il-perit legali f'dak li għandu x'jaqsam:

1. L-assenjazzjoni tal-vettura tal-għamla Mazda 323 tal- kulur aħmar intestata f'isem il-konvenut, fejn il-perit legali ddikjarat li din għandha tiġi asssenjata lill-konvenut fl-intier tagħha stante "li jirriżulta li l-intimat kellu vettura qabel". Fin-nota tagħha l-attriċi ma taqbilx ma' din ir-rakkomandazzjoni tal-perit legali u dan tenut kont tal-fatt li l-vettura ġiet akkwistata fit-22 ta' Awwissu, 2014 u għalhekk tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk l-attriċi titlob li tiġi rifuża b'nofs il-valur;
2. L-oġġetti mobblili jinstabu ġewwa d-dar matrimonjali tal-partijiet. L-attriċi ma taqbilx mar-rakkomnadazzjoni tal-perit legali li dawn għandhom jiġu assenjati fl-intier tagħhom lill-intimat. L-attriċi ssaqsi fuq liema bażi dawn ġew assenjati lill-konvenut ladarba lanqas hu ma ressaq xi forma ta' prova biex juri li dawn kienu parafernali tiegħu, jew li nxtraw minnu. L-attriċi għalhekk issosntni li: "*Kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti wkoll tagħżel illi tiddubita dak li qegħda tgħid l-esponenti, hija l-umli fehma tal-esponenti stess illi fin-nuqqas ukoll tal-intimat illi juri prova kuntrarja, l-valur tal-oġġetti mobbli għandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet, u b'dan illi l-esponenti tingħata somma ta' €20,119.23 sabiex l-oġġetti mobbli jibqgħu fid-dar matrimonjali tal-Partijiet ġewwa Birkirkara, jew altirmenti tingħata dawk l-oġġetti mobbli illi jekwiparaw ma' dan il-valur.*"

Illi wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-atti kollha, u wara li rat dak li rrakkomandat il-perit legali kif ukoll in-nota ta' kritika tal-attriċi, il-Qorti tordna u tiddeċiedi illi ser tilqa' limitatament ir-rakkomandazzjonijiet tal-perit legali, fis-sezzjoni tar-rapport tagħha "Il-Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti" **u dan safejn l-istess qasma u assenjazzjoni fir-rapport tal-perit legali hija**

[173] Fol 1386- 1388

**<u>kompatibbli ma' dan deċiż hawn taħt deċiz u ordnat u ċioe`:</u>**

1. Fir-rigward tal-vettura tal-għamla Mazda 323 bit-targa ta' reġistrazzjioni TLC 021 tal-kulur aħmar li nxtrat fiż-żwieġ –il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-attriċi li din il-vettura tifforma parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti – u stante li m'hemm l-ebda valur indikat, din il-vettura għandha tinbiegħ u r-rikavat għandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Konsegwentement il-Qorti qed tirriforma it-2 paragrafu tal-Porzjon B assenjabbli lill-intimat billi tordna l-bejgħ tal-istess vettura u r-rikavat għandu jiġi diviż ugwalment bejn il-partijiet.

2. Fir-rigward ta' dak inidkat f'paragfaru 'I' tar-rapport tal-perit legali b'referenza għall-pagament li tħallas lil terz u ċioe` ma' E B li tiġi omm it-tifel tiegħu G. B'referenza għal dak li jisnab fir-rapport a fol 1388, il-perit legali qalet is-segwenti:

"*li tħallas fiż-żwieġ u għalhekk formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u l-attriċi tikkontendi li kien fl-ammont ta' €49,127.48. Dwar dan il-fatt li sar il-pagament hemm qbil bejn il-partijiet iżda dwar l-ammont m'hemm ebda qbil b'dan li ħadd mill-partijiet ma ressaq prova konkreta dwar tali ammont. Fiċ-ċirkustanzi l-esponenti umilment tissottometti li stante li m'hemmx prova konkreta tal-ammont li tħallas mill-komunjoin tal-akkwsiti eżistenti bejn il-partijiet iżda għall-anqas hemm qbil li hu minnu li tali ftehim ġie ffirmat u sar xi forma ta' ħlas lil din it-terz, l-esponenti umilment tissottometti li arbitrio boni viri l-ammont għandha tirkupra lura l-attriċi minn tali somma u ħlas għandu jkun ta' €20,000;*"

Il-Qorti ma taqbilx ma dan il-punt fir-rapport tal-perit legali, u dan għal raġunijiet li joħorġu mill-atti stess. Jibda biex jingħad li mill-atti joħroġ l-ammont preċiż ta' ħlas li sar lill-E B (li hija omm it-tifel G, u it-tifel tal-konvenut[174]). Dan jirriżulta minn fol 518 tal-proċess fejn hemm transazzjoni favur E B fis-somma <u>ta' €46, 587.47.- Il-flus ħarġu mill-kont tal-konvenut (HSBC 054-065768-001), iżda</u> mit-transazzjonijiet bankarji minn dan l-istess kont jirriżulta li fl-istess ġurnata ċioe` fit- 3 ta' Novembru, 2009, eżattament qabel il-konvenut għamel dan il-paagment lil din E B, saru żewġ *cash deposits* fl-istess kont tal-konvenut, depożitu wieħed fl-ammont ta' €8,587.47 bir-referenza 5410-00038 u depożitu ieħor ta' €38,000 bir-referenza 5410-00040. (vide fol 517). B'hekk dawn il-flus ġew minn żewġ sorsi ta' pagamenti skont ir-referenzi li hemm imnizzlin fit-transazzjonijiet fil-kont bankarju tal-konvenut – u l-partijiet ma ressqux provi fuq is-sors ta' dawn il-fondi. Madanakollu fl-affidavit tiegħu l-konvenut saħaq li tali ħlas li sar lill-omm it-tifel tiegħu, E B, sar bl-għajnuna tal-ġenituri tiegħu. Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza a fol 1083 tal-proċess fejn il-konvenut esebixxa dokument immarkat *C Loan* u minn liema dokument jidher li fid- 9 ta' Novembru, 2009 ħuwa sellef minn terzi l-ammont ta' €38,000 – minn dan id-dokument hemm miktub '*to pay off G'*. B'referenza għall-istess dokument jidher li fit-8 ta' Ġunju 2015 sar pagament fl-ammont ta' ħamest elef Ewro (€5000) fejn ġew imniżżlin il-kliem *paid account for loan G* u minn dan id-dokument ma jidhirx li sakemm kien għadu in vigore l-komunjoni tal-akkwisti kien hemm transazzjonjiet ta' ħlas oħra versu dan is-self li ħa għall-manteniment ta' ibnu G.

[174] Vide fol 1093 fejn isir referenza għall-isem ta' dan il-wild - G

Hanwhekk il-Qorti tagħmel referenza għad-dokumenti ossia l-kontijiet bankarji li ġew esebiti in atti u partikolarment dak tal-konvenut fejn f'din l-istess data u ċioe fit-8 ta' Ġunju, 2015 jidher li l-konvenut kien għamel *withdrawal* mill-kont tiegħu fl-ammont ta' €4,300. Il-perit legali għamlet referenza għal dan l-ammont ta' €4,300 fir-rapport tagħha u tgħid li l-attriċi għandha tiġi rifuża nofs dan l-ammont – (vide fol 1389 paragrafu 10 tar-rapport tal-perit legali).

In vista tad-dokumenti li huma in atti u t-transazzjonijiert relattivi li hemm fil-kontijiet tal-konvenut, fuq bażi ta' probabilita meta sar il-ħlas tal-manteniment dovut lil E B għall-minuri G li huwa l-wild tal-konvenut dan ma sarx bil-flus tal-komunjoni kif qed tallega l-attriċi iżda b'self hekk kif jidher mid-dokumenti esebiti in atti. Versu dan is-self jirriżulta li l-konvenut għamel pagament ta' ħamest elef Ewro (€5000) u dan il-pagament sar mill-kont tal-konvenut waqt li l-komunjoni tal-akkwsiti kienet in vigore u għalhekk l-attriċi hija ntitolata li tiġi rifuża nofs dan l-ammont u mhux l-ammont li l-perit legali llikwidat fl-ammont ta' €20,000 *arbitrio boni viri*. B'hekk il-Qorti m'hijiex qed tilqa' paragrafu 'l' tar-rapport tal-perit legali fejn elenkat bħala parti mill-assi tal-komunjoni il-'*pagament li tħallas lil terz (omm it-tifel li l-intimat għandu ma' terz li jisimha E....*" u konsegwentement il-Qorti lanqas ma hi ser tilqa' paragrafu 12 ta' Porzjon A Assenjabbli lill-attriċi u ċioe "*is-somma ta' €20,000 li jirrappreżenta sehem l-attriċi mis-somma akbar li tħallset lil din it-terz bħala manteniment għall-minuri iben l-intimat, liema somma qed tiġi likwidata arbitrio boni viri għaliex lanqas biss twassal għal manteniment t' 10-snin abbażi tal-minimu stabbilit u ċioe €200 fix-xahar.*" U dan għaliex il-ħlas ma sarx bil-flus tal-komunjoni ħlief għall-pagament ta' ħamest elelf ewro.

In vista ta' dan il-pagament li għamel il-konvenut ta' ħamest elef Ewro (€5000), il-Qorti qed tirriforma paragrafu 10 tal-Porzjon A assenjabbli lill-attriċi, peress li filwaqt li huwa minnu li l-konvenut għamel withdrawal ta' €4,3000 mill-kont tiegħu fil-verita il-pagament li għamel versu dan is-self ta' G kien ta' ħamest elef Ewro u għalhekk l-ammont globali f'dan il-paragrafu għandu jiżdied b'seba mitt Ewro (€700), fejn għalhekk is-somma dovuta lill-attriċi mill-konvenut taħt il-paragrafu 10 tal-Porzjon A assenjabbli lill-attriċi hija fl-ammont ta' €2,500 u mhux €2150.

In oltre`, fl-assenjazzjoni tal-Porzjon A assenjabbli lill-attriċi u speċifikatament f'paragrafu 6, il-perit legal tagħmel referenza għas-somma ta' €2,730.65 ,li tirriżulta li hi somma parafernali li kellha l-attriċi qabel iż-żwieġ u li tirriżulta minn Dok AG2. Il-Qorti filwaqt li taqbel li din is-somma hija parafernali tal-attriċi qed kif jidher minn Dok AG 2, l-attriċi hija kreditriċi tal-komunjoni tal-akkwisti u għlahekk għandha tiġi rifuża mill-assi tal-komunjoni u mhux mill-konvenut. Għaldaqstant meta l-partijiet jiġu biex jillikwidaw il-bilanċi tal-investimenti u jew kontijiet bankarji li għandhom konġunti, l-attriċi l-ewwel għandha tirċievi dan l-ammont ta' €2,730.65 u wara jinqasam il-bilanċ tal-investimenti likwidati b'mod ugwali bejniethom. F'dan is-sens il-Qorti qed tirriforma paragrafu 6 ta' Porzjon A assenjabbli lill-attriċi fis-sens li dan l-ammont għandu jiġi rifuż lill-attriċi mill-assi tal-komunjoni u mhux rifuż mill-konvenut.

Fir-rigward tal-għamara li jisnabu ġod dar li hija parafernali tar-raġel. L-attriċi tikkontendi li flimkien mal-konvenut nefqet madwar €40,238.46 f'mobbli għad-dar, il-Qorti tinnota li l-attriċi xehdet fuq l-għamara u esebit prospett fejn immarkat dak li xtrat qabel iż-żwieġ b'sinjal bil-biro. Il-Qorti tinnota wkoll li fil-kontro-eżami tiegħu, fl-udjenza tal-10 ta' Diċembru, 2020 quddiem il-perit legali, il-

konvenut jagħmel referenza għall-għamara li ħalliet warajha. Il-kuntest ta' din ir-referenza kienet fuq domanda tal-avukat tal-attriċi ta' kif l-konvenut wasal għaċ-ċifra li semma' fl-affidavit tiegħu ta' kemm kellu jiġi rifuż mill-attriċi. Il-konvenut jispjega li wasal għal dan l-ammont wara li għamel *subtraction* inkluż tal-għamara li ħalliet warajha.

Jirriżulta wkoll li wara li l-attriċi esebit l-elenku tal-affarijiet li nxtraw minnha qabel iż-żwieġ u dawk li nxtraw mill-partijiet fiż-żwieġ, ma saritilha l-ebda kontro-eżami in konnesjoni mal-istess, u għaldaqstant il-Qorti qed tordna li l-konvenut għandu jrodd lura lill-attriċi l-oġġetti kollha li jinsabu mmarkati b'salib bil-biro f'dokument Dok XA 2. Filwaqt li l-affarijiet l-oħra li huma elenkati f'dan id-dokument għandhom jiġi diviżi f'żewġ porzjonijiet ta' l-istess valur skont l-invoices li huma esebiti in atti. Għaldaqstant il-Qorti qed tordna li paragrafu 'J' a fol 1389 u paragrafu 10 ta' Porzjon B assenjabbli lill-konvenut a fol 1390 tar-rapport tal-perit legali għandhom jiġu sostitwiti b'dan deċiż f'dan il-paragrafu.

In finis u sabiex ma jkunx hemm ambigiwta, l-investimenti li għamlet referenza għalihom il-perit legali fir-rapport tagħha u li huma tal-komunjoni tal-akkwisti għandhom jiġu llikwidati minnufih sabiex hekk jista' jsir il-qasma u l-assenjazzjoni kif deċiż mill-perit legali hekk pero kif varjat skont dak deċiż permezz ta' din is-sentenza. B'hekk il-Qorti qed tilqa' limitatament dak propost mill-perit legali, fis-sezzjoni tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fis-sens illi l-qasma u l-kosegwenti assenjazzjoni f'Porzjon A assenjabbli lill-attriċi u f'Porzjon B assenjabbli lill-konvenut għandha ssir sa fejn hija kompatibbli ma' dak hawnhekk deċiż permezz ta' din is-sentenza.

<u>Rigward it-talba tal-attriċi biex tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali waħedha ad esklużjoni tal-konvenut, u t-talba tal-konvenut rikonvenjonant għal dikjarazzjoni li d-dar matrimonjali hija proprjeta parafernali tiegħu.</u>

Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għar-rapport tal-perit legali u taqbel perfettament ma-ħsieb u rakkomandazzjonijiet tagħha. Jirriżulta li bejn il-partijiet hemm qbil li d-dar hija parafernali tal-konvenut. Jirriżulta wkoll li ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ġie ddikjarat null u għalhekk il-kwistjoni ta' responsabbilita` tat-tifrik taż-żwieġ u drittijiet naxxenti mill-istess huma għal kollox mertu eżawrit. B'hekk għandu jkun il-konvenut li jgawdi, jgħix u jagħmel użu u jabita fl-istess fond u dan ad esklużjoni tal-attriċi. B'hekk il-Qorti qed tiċħad il-ħmistax-il talba tal-attriċi filwaqt li qed tilqa' id-disa` talba tal-konvenut rikonvenzjonant.

<u>Rigward it-talba sabiex l-attriċi tingħata l-effetti personali, dotali u parafernali tagħha.</u>

Il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ġie diskuss mill-perit legali taħt il-paragrafu "Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti", u taqbel li din it-talba tal-attriċi għandha tiġi milqugħa limitatament skond dak diskuss mill-perit legali iżda kif emendat permezz ta' din is-sentenza fis-sezzjoni Likwidazzjoni tal-Komiunjoni tal-Akkwisti

Rigward it-tmintax-il talba tal-attrici biex tiirriverti lura għal kunjom xbubitha u ċioe Bonnici

Il-Qorti tilqa' l-ħsieb u dak propost mill-perit legali u konsegwentement tilqa' din it-talba mhux opposta tal-attriċi.

Id-dsatax-il talba tal-attriċi sabiex din is-sentenza tiġi Reġistrata fir-Reġistru Pubbliku

Il-Qorti tilqa' l-ħsieb u dak propost mill-perit legali u konsegwentement tilqa' din it-talba, mhux opposta tal-attriċi.

Rigward l-għaxar kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant għal nomina ta' Nutar sabiex jippublika l-Att relattiv tal-eventwali qasma

In vista tal-fatt li m'hemm l-ebda proprjeta immobbli li għandu jiġi trasferit, il-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-perit legali sabiex din il-Qorti tiċħad din it-talba tal-konvenut rikonvenzjonant.

**Deċide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qed tiddisponi mit-talbiet tal-attriċi u dawk tal-konvenut rikonvenzjonant u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-Ewwel Talba attriċi u l-parti tal-Ewwel talba tal-kontro-talba relatata mar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ;

2. Tastjeni milli tieħi konjizzjoni tat-Tieni Talba attriċi u u l-parti tal-Ewwel talba tal-kontro-talba relatata mal-pronunzja ta' separazzjoni;

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-Tielet Talba attriċi u t-Tieni Talba tal-kontro-talba;

4. Tiċħad ir-raba' Talba attriċi;

5. Tilqa' l-ħames Talba attriċi limitatament u Tilqa' t-Tielet talba tal-kontro-talba fis-sens li tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tibqa' konġunta bejn il-partijiet b'dan pero' li r-residenza tal-istess minuri għandha tkun mal-Attriċi omm filwaqt li tordna lill-partijiet sabiex jattendu *co-parenting course;*

6. Tilqa' s-Sitt Talba attriċi b'dan li l-aċċess tal-konvenut għall-minuri jkun skond dak deċiż f'din is-sentenza fil-parti intitolata '*Aċċess*'. Konsegwentment ir-raba` kontro-talba tal-

konvenut dwar l-aċċess għandha tiġi milqugħa limitatament skond dak deċiż f'din is-sentenza*;*

7. Tiċħad is-seba` talba tal-attriċi;

8. Tilqa' t-Tmien u d-Disa' Talbiet attriċi u l-ħames u s-Sitt Kontro-Talbiet tal-intimat b'dan li tillikwida manteniment għall-istess attriċi versu l-minuri fl-ammont ta' €400 kull xahar, liema manteniment jinkludi sehem il-konvenut mill-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari u liema manteniment għandu jgħola skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja kull sena u jitħallas permezz ta' *standing order* direttament għal kont bankarju indikat mill-attriċi. Tali manteniment għandu jibqa' dovut lill-istess attriċi sakemm il-minuri tagħlaq l-eta' ta' 18 -il sena u f'każ li jirriżulta li l-istess minuri tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* tali manteniment jibqa' fis-seħħ sal-eta' massima ta' 23 sena. F'każ li l-wild, wara li tagħlaq l-eta' ta' 18 -il sena, tistabilixxi residenza għaliha u tkun għadha qed tistudja fuq bażi full-time allura tali manteniment għandu mbagħad jinqasam bejn iż-żewġ partijiet u jkun jitħallas direttament lill-istess wild u dan dejjem sal-eta' massima ta' 23 sena.

9. Tilqa' l-għaxar talba attriċi;

10. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħdax-il talba attriċi u s-seba' kontro-talba;

11. Tilqa' t-tnax talba attriċi u t-tmien kontro-talba tal-konvenut limitatament skond kif spjegat taħt it-titolu ta' din is-sentenza '**Il-Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'**;

12. Tilqa' t-tlettax talba attriċi limitatament skond kif spjegat taħt it-titolu ta' din is-sentenza '**Il-Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'**;

13. Tilqa' l-erbatax-il talba attriċi limitatament skont kif spjegat taħt it-titolu ta' din is-sentenza '**Il-Likwidazzjoni tal-komunjoni tal-Akkwisti'**

14. Tiċħad il-ħmistax -il talba attriċi u konsegwentement tilqa' d-disa' talba tal-kontro-talba tal-konvenut*;*

15. Tilqa' s-sittax u s-sbatax -il talba attriċi limitatament skond kif spjegat taħt it-titolu ta' din is-sentenza '**Il-Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'***;*

16. Tilqa' t-tmintax-il talba tal-attriċi u tawtorizza l-istess biex tirriverti għal kunjom xbubitha u ċioe` Bonnici;

17. Tilqa' id-dsatax-il talba u tawtorizza lill-attriċi sabiex tirreġistra din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku;

18. Tiċħad l-għaxar kontro-talba stante li m'hemm ebda bżonn ta' ebda kuntratt pubbliku stante li m'hemm ebda trasferiment ta' proprjeta' immobbli.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttorat Għall-Ħarsien tat-Tfal.

L-Ispejjeż inkluż dawk tas-sentenza preliminari, kontra ż-żewġ partijiet b'mod ugwali.